**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

# ►B ID-DIRETTIVA 2004/17/KE tal-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-31 ta' Marzu 2004

## li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali

(ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1874/2004 tat-28 ta' Ottubru 2004 | L 183M | 278 | 5.7.2006 |
| ►M2 | Direttiva tal-Kummissjoni 2005/51/KE tas-7 ta' Settembru 2005 | L 287M | 491 | 18.10.2006 |
| ►M3 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2083/2005 tad-19 ta' Diċembru 2005 | L 321M | 381 | 21.11.2006 |
| ►M4 | Direttiva tal-Kunsill 2006/97/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006 | L 352M | 735 | 31.12.2008 |
| ►M5 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1422/2007 ta' l-4 ta' Diċembru 2007 | L 317 | 34 | 5.12.2007 |
| ►M6 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 213/2008 tat-28 ta' Novembru 2007 | L 74 | 1 | 15.3.2008 |
| ►M7 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/963/KE tad-9 ta' Diċembru 2008 | L 349 | 1 | 24.12.2008 |
| ►M8 | Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 | L 188 | 14 | 18.7.2009 |
| ►M9 | Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 | L 216 | 76 | 20.8.2009 |
| ►M10 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 | L 314 | 64 | 1.12.2009 |
| ►M11 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1251/2011 tat-30 ta' Novembru 2011 | L 319 | 43 | 2.12.2011 |
| ►M12 | Direttiva tal-Kunsill 2013/16/UE tat-13 ta' Mejju 2013 | L 158 | 184 | 10.6.2013 |
| ►M13 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1336/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 | L 335 | 17 | 14.12.2013 |
| ►M14 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2341 tal-15 ta' Diċembru 2015 | L 330 | 16 | 16.12.2015 |

▼B

# ID-DIRETTIVA 2004/17/KE tal-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-31 ta' Marzu 2004

## li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) u l-Artikoli 55 u 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([4]), fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fid-9 ta' Diċembru 2003,

Billi:

(1) Fl-okkażjoni ta' emendi ġodda li jkunu qed isiru għad-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjonijiet ([5]), li huma meħtieġa biex jilħqu talbiet għal simplifikazzjoni u modernizzazzjoni magħmula minn kemm entitajiet kontraenti u operaturi ekonomiċi fit-tweġibiet tagħhom lill-Karta l-Ħadra (*Green Paper*) adottata mill-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 1996, id-Direttiva għandha, fl-interess ta' ċarezza, tiġi abozzata mill-ġdid. Din id-Direttiva hija bażata fuq ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, partikolarment ġurisprudenza fuq kriterja ta' għotja, li tiċċara l-possibiltajiet għall-entitajiet kontraenti li jilħqu l-bżonnijiet tal-pubbliku konċernat, inkluż l-erja ambjentali u/jew soċjali, basta iżda li dawn il-kriterji huma magħquda mal-kontenut tas-suġġett tal-kuntratt, ma jagħtux liberta ta' għażla mhux ristretta lill-entità kontraenti, huma msemmija espressament u jikkonformaw mal-prinċipji fondamentali msemmija f'reċitazzjoni 9.

(2) Raġuni waħda prinċipali għall-introduzzjoni ta' regoli li jikkordinaw proċeduri għall-għoti ta' kuntratti f'dawn is-setturi hija l-varjeta ta' modi li fihom l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jinfluwenzaw l-imġieba ta' dawn l-entitajiet, inkluż parteċipazzjoni fil-kapital tagħhom u rappreżentazzjoni fil-korpijiet amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji ta' l-entitajiet.

([1]) ĠU C 29 E, tat-30.1.2001, p. 112 u ĠU C 203 E, tas-27.8.2002, p. 183.
([2]) ĠU C 193, ta' l-10.7.2001, p. 1.
([3]) ĠU C 144, tas-16.5.2001, p. 23.
([4]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2002 (ĠU C 271 E tas-7.11.2002, p. 293), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2003 (ĠU C 147 E ta' l-24.6.2003, p. 137) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2003 (għandha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Jannar 2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Frar 2004.
([5]) ĠU L 199, tad-9.8.1993, p. 84. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE (ĠU L 285, tad-29.10.2001, p. 1).

▼B

(3) Raġuni oħra prinċipali għaliex huwa meħtieġ li jiġu kordinati proċeduri ta' akkwisti applikati mill-entitajiet li qed joperaw f'dawn is-setturi hija n-natura magħluqa tas-swieq li fihom joperaw, minħabba fl-eżistenza ta' drittijiet speċjali jew esklussivi mogħtija mill-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-provvista lill-provvediment jew operat ta' xbieki biex jiġi provdut is-servizz konċernat.

(4) Leġislazzjoni Komunitarja, u partikolarment ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 ta' l-14 ta' Diċembru 1987 li jippreskrivi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-regoli dwar kompetizzjoni lill-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru ([1]) u r-Regolament (KEE) Nru 3976/87 ta' 14 ta' Diċembru 1987 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat lill-ċerti kategoriji ta' ftehim u prattiċi għalenija fis-settur tat-trasport bl-ajru ([2]), hija disinjata biex tintroduċi aktar kompetizzjoni bejn ġarrara li jipprovdu servizzi ta' trasport bl-ajru lill-pubbliku. Mhuwiex għalhekk xieraq li jiġu nklużi dawn l-entitajiet fl-iskop ta' din id-Direttiva. Bil-ħsieb tal-pożizzjoni kompetittiva ta' trasport bil-baħar tal-Komunità, lanqas ma jkun xieraq li jsiru l-kuntratti mogħtija f'dan is-settur bla ħsara għar-regoli ta' din id-Direttiva.

(5) L-iskop ta' Direttiva 98/38/KEE ikopri, fil-preżent, ċerti kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti li joperaw fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet. Qafas leġislattiv, kif imsemmi fir-Raba' rapport dwar l-implimentazzjoni tar-regolamenti tat-telekomunikazzjonijiet tal-25 ta' Novembru 1998, ġie adottat biex jinfetaħ dan is-settur. Waħda mill-konsegwenzi tiegħu kienet l-introduzzjoni ta' kompetizzjoni effettiva, kemm *de jure* u *de facto*, f'dan is-settur. Għall-iskopijiet ta' tagħrif, u fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni pubblikat lista ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet ([3]) li jista' jkun li diġa ġiet eskluża mill-iskop ta' din id-Direttiva minħabba fl-Artikolu 8 tiegħu. Aktar progress ġie konfermat fis-Seba' rapport dwar l-implimentazzjoni ta' regolamenti ta' telekomunikazzjonijiet tas-26 ta' Novembru 2001. Huwa għalhekk li m'għadux meħtieġ li jiġi regolat xiri minn entitajiet li qed joperaw f'dan is-settur.

(6) Huwa għalhekk li m'għadux xieraq li jinżamm il-Kumitat Konsultattiv dwar Akkwist ta' Telekomunikazzjonijiet stabbilit mid-Direttiva tal-Kunsill 90/531/KEE tas-17 ta' Settembru 190 dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li qed joperaw fis-setturi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjonijiet ([4]).

(7) Madankollu, huwa xieraq li jitkompla l-monitoraġġ ta' żviluppi fis-settur ta' telekomunikazzjonijiet u li tiġi kunsidrata mill-ġdid is-sitwazzjoni jekk ikun stabbilit li m'għadx hemm kompetizzjoni effettiva f'dak is-settur.

([1]) ĠU L 374, tal-31.12.1987, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU L 1, ta' l-4.1.2003, p. 1).
([2]) ĠU L 374, tal-31.12.1987, p. 9. Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att tas-Sħubija 1994
([3]) ĠU C 156, tat-3.6.1999, p. 3.
([4]) ĠU L 297, tad-29.10.1990, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 164, tat-30.6.1994, p. 3).

▼B

(8) Id-Direttiva 93/38/KEE teskludi mill-iskop tagħha xiri ta' servizzi ta' telefonija bil-vuċi, tat-*telex*, tat-telefon ċellulari, ta' *paging* u tas-satellita. Dawn l-esklużjonijiet ġew introdotti biex jitqies il-fatt li s-servizzi msemmija setgħu ġew provvduti biss minn provveditur wieħed ta' servizz f'erja ġeografika msemmija minħabba fl-assenza ta' kompetizzjoni effettiva u l-eżistenza ta' drittijiet speċjali jew esklussivi. L-introduzzjoni ta' kompetizzjoni effettiva fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet tneħħi l-ġustifikazzjoni għaldawn l-esklużjonijiet. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi nkluż l-akkwist ta' dawn is-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet fl-iskop ta' din id-Direttiva.

(9) Sabiex jiġi garantit il-ftuħ għall-kompetizzjoni ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku mogħtija minn entitajiet li qed joperaw f'setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġijia, it-trasport u tal-posta, huwa ta' parir li jitfasslu dispożizzjonijiet għal koordinazzjoni tal-Komunità ta' kuntratti ‘l fuq minn ċertu valur. Din il-kordinazzjoni hija bażata fuq ħtiġijiet inferibbli mill-Artikoli 14, 28 u 49 tat-Trattat tal-KE u mill-Artikolu 97 tat-Trattat ta' l-Euratom, prinċipalment ta' trattament ugwali, li tiegħu il-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni mhuwiex aktar minn espressjoni speċifika, il-prinċipju ta' għarfien bejn xulxin, il-prinċipju ta' proporzjonalita, kif ukoll il-prinċipju ta' trasparenza. Bil-ħsieb tan-natura tas-setturi affettwati minn din il-kordinazzjoni, dan ta' l-aħħar għandu, fil-waqt li jissalvagwardja l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, jistabbilixxi qafas għal prattika kummerċjali soda u għandu jippermetti flessibilita massima.

Għal kuntratti pubbliċi li l-valur tagħhom huwa inqas minn dak li jċaqlaq l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' kordinazzjoni Komunitarja, huwa ta' parir li titfakkar il-ġurisprudenza żviluppata mill-Qorti ta' Ġustizzja skond liema r-regoli u l-prinċipji tat-Trattati riferiti fuq japplikaw.

(10) Biex jiġi żgurat il-ftuħ veru tas-suq u bilanċ bil-fier fl-applikazzjoni ta' regoli ta' akkwist fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u tal-posta huwa meħtieġ għall-entitijiet koperti li jiġu identifikati fuq bażi oħra għajr l-istat legali tagħhom. Għandu jiġi żgurat, għalhekk, li t-trattament ugwali ta' entitajiet kontraenti li qed joperaw fis-settur pubbliku u dawk li qed joperaw fis-settur privat mhuwiex preġudikat. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat, fil-limiti ta' l-Artikolu 295 tat-Trattat, li r-regoli li jirregolaw is-sistema ta' pussess ta' propjeta fl-Istati Membri ma jkunux preġudikati.

(11) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parteċipazzjoni ta' korp irregolat minn liġi pubblika bħala persuna li tagħmel offerta fi proċedura għall-għoti ta' kuntratt ma tikkawżaw xi tgħawwiġ ta' kompetizzjoni f'relazzjoni ma' persuni li jagħmlu l-offerti privati.

(12) Skond l-Artikolu 6 tat-Trattat, ħtiġijiet ta' protezzjoni ambjentali jridu jiġu ntegrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Komunità riferiti fl-Artikolu 3 tat-Trattat, partikolarment bil-ħsieb li jippromwovu żvilupp sostenibbli. Din id-Direttiva għalhekk tiċċara kif l-entitajiet kontraenti jistgħu jikkontribbwixxu għall-protezzjoni ta' l-ambjent u l-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli, fil-waqt li tiġi żgurata l-possibbilta tal-ksib ta' l-aħjar valur għall-flus għall-kuntratti tagħhom.

▼B

(13) Xejn f'din id-Direttiva m'għandu jipprevjeni l-imposizzjoni jew l-infurzar ta' miżuri meħtieġa biex tiġi protetta l-moralita pubblika, il-politika pubblika, is-sigurtà pubblika, is-saħħa, il-ħajja tal-bniedem u l-annimali jew il-priservazzjoni ta' ħajja tal-pjanti, partikolarment bil-ħsieb ta' żvilupp sostenibbli, basta iżda li dawn il-miżuri huma f'konformita mat-Trattat.

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KEE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea rigward materji fil-kompetenza tagħha, tal-Ftehim milħuqa f'negozjati multilaterali tar-"*Round*" ta' l-Urugwaj (1986 sa 1994) ([1]), approvat partikolarment il-Ftehim tal-ODK dwar l-Akkwist tal-Gvern (minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala "l-Ftehim"), li l-għan tiegħu huwa li jistabbilixxi qafas multilaterali ta' drittijiet u obbligazzjonijiet bilanċjati li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti pubbliċi bil-għan li tinkiseb il-liberalizzazzjoni u l-espansjoni ta' kummerċ dinji. Bil-ħsieb tad-drittijiet u rbit internazzjonali li jiddevolvu fuq il-Komunità bħala riżultat ta' l-aċċettazzjoni tal-Ftehim, l-arranġamenti li jridu jiġu applikati lill-persuni li jagħmlu l-offerti u prodotti minn pajjiżi terzi firmatarji huma dawk definiti mill-Ftehim. Il-Ftehim m'għandux l-effett dirett. L-entitajiet kontraenti koperti mill-Ftehim li jikkonformaw ma' din id-Direttiva u li japplikaw dan ta' l-aħħar għall-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li huma firmatarji mal-Ftehim għandhom għalhekk ikunu f'konformita mal-Ftehim. Huwa għalhekk xieraq li din id-Direttiva għandha tiggarantixxi għall-operaturi ekonomiċi tal-Komunità kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni fil-ksib pubbliku li huma favorevoli daqs dawk riservati għal operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li huma firmatarji għall-Ftehim.

(15) Qabel it-tnedija ta' proċedura ta' akkwist, entitajiet kontraenti jistgħu, permezz ta' djalogu tekniku, jfittxu jew jaċċettaw pariri li jistgħu jintużaw fit-tħejjija ta' l-ispeċifikazzjonijiet, basta iżda, madankollu, li dan il-parir ma jkollux l-effett li jipprekludi l-kompetizzjoni.

(16) Bil-ħsieb tad-diversita ta' kuntratti tax-xogħol, entitajiet kontraenti għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dispożizzjoni għal kuntratti għad-disinn u l-eżekuzzjoni ta' xogħol li jridu jingħataw jew separatament jew b'mod konġunt. M'hijiex l-intenzjoni ta' din id-Direttiva li jiġu preskritti jew għotjiet ta' kuntratti konġunti jew separati. Id-deċiżjoni biex jingħataw kuntratti separatament jew b'mod konġunt għandha tiġi stabbilita minn kriterji kwalitattivi u ekonomiċi, li jistgħu jiġu definiti mill-liġi nazzjonali.

Kuntratt jista' jitqies bħala kuntratt tax-xogħol biss jekk il-kontenut tas-suġġett tiegħu speċifikament ikopri l-eżekuzzjoni ta' attivitajiet imniżżla f'lista fl-Anness XII, anke jekk il-kuntratt ikopri d-dispożizzjoni ta' servizzi oħra meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-attivitajiet. Kuntratti ta' servizz, partikolarment fl-isfera ta' servizzi ta' tmexxija tal-propjeta, jistgħu f'ċerti ċirkostanzi jinkludu xogħlijiet. Madankollu, sakemm u safejn dawn ix-xogħlijiet huma inċidentali għall-kontenut tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt, u huma konsegwenza possibbli tiegħu jew kumpliment tiegħu, il-fatti li dawn ix-xogħlijiet huma nklużi fil-kuntratt ma jiġġustifikax il-kwalifika tal-kuntratt bħala kuntratt tax-xogħol.

([1]) ĠU L 336, tat-23.12.1994, p. 1.

▼B

Għall-għan ta' kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt tax-xogħol huwa xieraq li jittieħed bħala bażi l-valur tax-xogħlijiet infushom kif ukoll il-valur stmat ta' provvisti u servizzi, jekk ikun hemm, li l-entitajiet kontraenti jpoġġu għad-dispożizzjoni ta' kuntratturi, sakemm u safejn dawn is-servizzi jew provvisti ikunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet msemmija. Għandu għalhekk jinftiehem li, għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu, is-servizzi konċernati huma dawk mogħtija mill-entitajiet kontrattant permezz tal-personal tagħhom stess. Mill-banda l-oħra, kalkolu tal-valur ta' kuntratti ta' servizzi, sewwa jekk iridu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' kuntrattur għat-twettieq sossegwenti ta' xogħlijiet u sewwa jekk le, isegwi r-regoli applikabbli għal kuntratti ta' servizzi.

(17) Il-qasam ta' servizzi huwa abbozzat l-aħjar, għall-għan li jiġu applikati r-regoli proċedurali ta' din id-Direttiva u għall-għanijiet ta' monitorjar, billi jiġi mqassam f'kategoriji li jikkorrespondu għal intestaturi partikolari ta' klassifika komuni u billi jinġiebu flimkien f'żewġ l-Annessi, XVII A u XVII B, skond ir-reġim li għalih huma suġġetti. Rigward servizzi fl-Annessi XVII B, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regoli tal-Komunità speċifiċi għas-servizzi msemmija.

(18) Rigward kuntratti ta' servizz, applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva għandha tkunu limitata, għal perjodu transitorju ta' żmien, għal kuntratti fejn id-dispożizzjonijiet tagħha jkunu jippermettu l-potenzal sħiħ għal kummerċ li jaqsam il-fruntieri miżjud li jrid jiġi realizzat. Kuntratti għal servizzi oħra jeħtieġu li jiġu monitorjati matul dan il-perjodu transitorju qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva. F'dan ir-rigward, il-mekkaniżmu għal dan il-monitoraġġ jeħtieġ li jiġi definit. Dan il-mekkaniżmu, għandu, fl-istess ħin, jippermetti lil partijiet interessati li jkollhom aċċess għat-tagħrif rilevanti.

(19) Ostakoli għad-dispożizzjoni ħielsa ta' servizzi għandhom jiġu evitati. Għalhekk, provvedituri ta' servizzi jistgħu jkunu jew persuni naturali jew legali. Din id-Diretttiva m'għandhiex, madankollu, tippreġudika l-applikazzjoni, fil-livell nazzjonali, ta' regoli rigward il-kondizzjonijiet għas-segwiment ta' attività jew professjoni, basta iżda li huma kompatibbli mal-liġi Komunitarja.

(20) Ċerti metodi ta' teknika elettroniċi ta' xiri ġodda qed jiġu żviluppati kontinwament. Dawn il-metodi ta' teknika jgħinu biex tiżdiet il-kompetizzjoni u xiri pubbliku aktar effettiv (streamline), partikolarment f'termini tat-tfaddil fil-ħin u l-flus li l-użu tagħhom jippermetti. Entitajiet kontraenti jistgħu jagħmlu użu minn metodi ta' teknika elettroniċi ta' xiri, basta iżda li dan l-użu jikkonforma mar-regoli ta' din id-Direttiva u l-prinċipji ta' trattament ugwali, nuqqas ta' diskriminazzjoni u trasparenza. Sa dan il-punt, offerta sottomessa minn persuna li tagħmel l-offerti, partikolarment skond qafas ta' ftehim jew fejn qed tintuża sistema dinamika ta' xiri, tista' tieħu l-forma ta' dak il-katalgu elettroniku ta' persuna li tagħmel l-offerti jekk din tuża l-mezzi ta' komunikazzjoni magħżula mill-entità kontraenti skond l-Artikolu 48.

(21) Bil-ħsieb ta' l-espansjoni rapida ta' sistemi elettroniċi ta' xiri, regoli xierqa għandhom jiddaħħlu biex entitajiet kontraenti jiġu permessi li jieħdu vantaġġ sħiħ mill-possibilitajiet mogħtija minn dawn is-sistemi. Ma' dan l-isfond, huwa meħtieġ li tiġi definita

▼B

sistema dinamika ta' xiri kompletament elettronika għal xiri użat normalment u biex jiġu preskritti regoli speċifiċi għat-twaqqif u l-operat ta' din is-sistema sabiex jiġi żgurat trattament bil-fier ta' kull operatur ekonomiku li jixtieq jidħol fiha. Kull operatur ekonomiku li jissottometti offerta indikattiva bi qbil ma' l-ispeċifikazzjoni u jilħaq il-kriterji ta' għażla għandu jiġi permess li jidħol f'din is-sistema. Dan il-metodu ta' teknika ta' xiri jippermetti lill-entità kontraenti, permezz ta' l-istabbilizzazzjoni ta' lista ta' persuni li jagħmlu l-offerti diġa magħżula u l-opportunita mogħtija lill-persuni li jagħmlu l-offerti ġodda biex jingħaqdu magħha, biex ikun hemm firxa wiesgħa ta' offerti, bħala riżultat tal-faċilitajiet elettroniċi disponibbli, u b'hekk jiġi żgurat l-użu ottimu ta' fondi permezz ta' kompetizzjoni wiesgħa.

(22) Ladarba l-użu tal-metodu ta' teknika ta' rkanti elettroniċi x'aktarx jiżdied, dan l-irkant għandu jingħata definizzjoni Komunitarja u jiġi regolat minn regoli speċifiċi sabiex jiġi żgurat li joperaw totalment bi qbil mal-prinċipji ta' trattament ugwali, nuqqas ta' diskriminazzjoni u trasparenza. Għal dak il-għan, dispożizzjoni għandha ssir għal dan l-irkant elettroniku biex jitratta biss kuntratti għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi li għalihom l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jiġu stabbiliti bi preċiżjoni. Dan jista' jkun il-każ, partikolarment, għal kuntratti ta' provvisti, xogħlijiet u servizzi li jerġgħu jseħħu. Bl-istess għan, għandu jkun possibbli wkoll li tiġi stabbilita klassifika rispettiva ta' persuni li jagħmlu l-offerti f'kull stadju ta' l-irkant elettroniku. Rikors għal irkanti elettroniċi jippermetti lill-entitajiet kontraenti biex isaqsu lill-persuni li jagħmlu l-offerti biex jissottomettu prezzijiet ġodda, riveduti 'l isfel, u fejn il-kuntratt jingħata lil dak li jagħmel l-offerti li huwa l-aktar vantaġġuż ekonomikament, anke biex jitjiebu elementi ta' l-offerti oħra għajr il-prezzijiet. Sabiex tiġi garantita konformita mal-prinċipju ta' trasparenza, l-elementi biss li huma xierqa għal evalwazzjoni awtomatika mill-mezzi elettroniċi, mingħajr xi intervent u/jew apprezzament mill-entità kontraenti, jistgħu jkunu l-għan ta' rkant elettroniku, jiġifieri, l-elementi biss li huma kwantifikabbli sabiex ikunu jistgħu jiġu espressi f'figuri jew persentaġġi. Mill-banda l-oħra, dawk l-aspetti ta' offerti li jimplikaw apprezzament ta' elementi mhux kwantifikabbli m'għandhomx ikunu l-għan ta' rkant elettroniku. B'konsegwenza, ċerti kuntratti ta' xogħlijiet u ċerti kuntratti ta' servizz li għandhom bħala l-kontenut tas-suġġett tagħhom twettieq intellettwali, bħal ma huwa d-disinn ta' xogħlijiet, m'għandhomx ikunu l-għan ta' rkanti elettroniċi.

(23) Ċerti metodi ta' teknika ċentralizzati ta' xiri ġew żviluppati fl-Istati Membri. Numru ta' awtoritajiet kontraenti huma responsabbli biex isiru akkwisti jew jagħtu kuntratti/ftehim qafas għal entitajiet kontraenti. Bil-ħsieb tal-volumi kbar mixtrija, dawk il-metodi ta' teknika jgħinu l-kompetizzjoni u x-xiri pubbliku aktar effettiv (*streamline*). Dispożizzjoni għandha għalhekk issir għal definizzjoni Komunitarja ta' korpijiet ċentrali ta' xiri wżati minn entitajiet kontraenti. Definizzjoni għandha tingħata wkoll tal-kondizzjonijiet skond liema, bi qbil mal-prinċipji ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni u trattament ugwali, entitajiet kontraenti li jixtru xogħlijiet, provvisti u/jew servizzi permezz ta' korp ċentrali ta' xiri jistgħu jitqiesu li jkunu kkonformaw ma' din id-Direttiva.

(24) Sabiex jitqiesu ċ-ċirkostanzi differenti miksuba fi Stati Membri, Stati Membri għandhom ikunu permessi li jagħżlu jekk entitajiet kontraenti jistgħux jużaw korpijiet ċentrali ta' xiri, sistemi

▼B

dinamiċi ta' xiri jew irkanti elettroniċi, kif definit u regolat minn din id-Direttiva.

(25) Irid ikun hemm definizzjoni xierqa tal-kunċett ta' drittijiet speċjali jew esklussivi. Il-konsegwenza tad-definizzjoni hija l-fatt li, għall-għan li jinbnew xbieki jew faċilitajiet tal-port jew l-ajruport, entità tista' tieħu vantaġġ minn proċedura għall-esproprjazzjoni jew l-użu ta' propjeta jew jistgħu iqegħdu tagħmir ta' xbieki fuq, taħt jew 'l fuq mill-*highway* pubbliku fiha nnifisha ma tikkostitwixxix drittijiet esklussivi jew speċjali fit-tifsira ta' din id-Direttiva. Lanqas mal-fatt li entità tipprovdi ilma għax-xorb, elettriku, gass jew sħana lil xibka li hija nnifisha hija operata minn entità li tgawdi drittijiet speċjali jew esklussivi mogħtija minn awtorita kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat fih innifsu ma jikkostitwixxi dritt esklussiv jew speċjali fit-tifsira ta' din id-Direttiva. Lanqas mad-drittijiet mogħtija minn Stat Membru f'kull forma, inluż permezz ta' atti ta' konċessjoni, lil numru limitat ta' impriżi fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji li jippermettu kull parti interessata li twettaq dawk il-kriterji biex tgawdi dawk id-drittijiet li jkunu meqjusa bħala drittijiet speċjali jew esklussivi.

(26) Huwa xieraq għall-entitajiet kontraenti li japplikaw proċeduri komuni ta' akkwist rigward l-attivitajiet tagħhom li għandhom x'jaqsmu ma' l-ilma u biex dawn ir-regoli japplikaw ukoll fejn awtoritajiet kontraenti fit-tifsira ta' din id-Direttiva jagħtu kuntratti rigward il-proġetti tagħhom fil-qasam ta' inġinerija idrawlika, irrigazzjoni, *land drainage* jew ir-rimi/qerda u t-trattament tad-dranaġġ. Madankollu, regoli ta' akkwist tat-tip propost għal provvisti ta' merkanzija mhumiex xierqa għax-xiri ta' ilma, meta jitqies il-bżonn li jinkiseb l-ilma minn sorsi viċin l-erja li fiha se tintuża.

(27) Ċerti entitajiet li jipprovdu servizzi ta' trasport bil-karozza tal-linja lill-pubbliku kienu diġa ġew eskluži mill-iskop tad-Direttiva 93/38/KEE. Dawn l-entitajiet għandhom jiġu eskluži wkoll mill-iskop ta' din id-Direttiva. Sabiex jipprevjedu l-eżistenza ta' numru kbir ta' arranġamenti speċifiċi li japplikaw għal ċerti setturi biss, il-proċedura ġenerali li tippermetti l-effetti ta' ftuħ għal kompetizzjoni li trid titqies għandhom japplikaw ukoll għall-entitajiet kollha li jipprovdu servizzi ta' trasport bil-karozza tal-linja li mhumiex eskluži mill-iskop tad-Direttiva 93/38/KEE skond l-Artikolu 2(4) tiegħu.

(28) Waqt li jitqies aktar ftuħ tas-servizzi postali tal-Komunità għal kompetizzjoni u l-fatt li dawn is-servizzi huma provvduti permezz ta' xibka minn awtoritajiet kontraenti, impriżi pubbliċi u impriżi oħra, kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti li jipprovdu servizzi postali għandhom ikunu suġġetti għar-regoli ta' din id-Direttiva, inkluż dawk fl-Artikolu 30, li, waqt li jissalvagwardjaw l-applikazzjoni tal-prinċipji riferiti f'reċitazzjoni 9, joħolqu qafas għal prattika kummerċjali soda u jippermettu aktar flessibilita milli hija offruta mid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta'

▼B

xogħlijiet pubbliċi, kuntratti ta' provvisti pubbliċi u kuntratti ta' servizz pubbliku ([1]). Għad-definizzjoni ta' l-attivitajiet msemmija, huwa meħtieġ li jitqiesu d-definizzjonijiet tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern ta' servizzi postali Komunitarji u t-titjib ta' kwalità ta' servizz ([2]).

Ikun xi jkun l-istat legali tagħhom, entitajiet li jipprovdu servizzi postali mhumiex korrentement suġġetti għar-regoli dikjarati fid-Direttiva 93/38/KEE. L-aġġustament ta' proċeduri ta' għoti ta' kuntratti għal din id-Direttiva jistgħu għalhekk idum aktar biex jiġi mplimentat għal dawn l-entitajiet milli għal entitajiet diġa suġġetti għal dawk ir-regoli li sempliċement iridu jadattaw il-proċeduri tagħhom għall-emendi diġa magħmula minn din id-Direttiva. Għalhekk għandu jkun permessibbli li tintefa lura applikazzjoni ta' din id-Direttiva biex jiġi akkomodat il-ħin addizzjonali meħtieġ għal dan l-aġġustament. Meta jitqiesu s-sitwazzjonijiet varjabbli ta' dawn l-entitajiet, l-Istati Membri għandhom ikollhom l-għażla li jipprovdu għal perjodu transitorju għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-entitajiet kontraenti li qed joperaw fis-settur tas-servizzi postali.

(29) Kuntratti jistgħu jingħataw għall-għan li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' numru ta' attivitajiet, possibilment suġġetti għal reġimi legali differenti. Għandu jiġi ċarat li r-reġim legali applikabbli għal kuntratt waħdieni maħsub li jkopri numru ta' attivitajiet għandu jkun suġġett għar-regoli applikabbli għall-attività li għalih huwa maħsub prinċipalment. Stabbilizzazzjoni ta' l-attività li għaliha l-kuntratt ġie maħsub prinċipalment tista' tiġi bażata fuq analiżi tal-ħtiġijiet li l-kuntratt speċifiku jrid jilħaq, mwettqa mill-entità kontraenti għall-għanijiet li jiġi stmat il-valur tal-kuntrat u jitfasslu d-dokumenti ta' l-offerta. F'ċerti każi, bħax-xiri ta' biċċa waħda ta' tagħmir għas-segwiment ta' attivitajiet li għalihom ma jkunx disponibbli t-tagħrif li jippermetti estimu tar-rati rispettivi ta' użu, jista' jkun oġġettivament impossibbli li jiġi stabbilit għal liema attività l-kuntratt ġie prinċipalement maħsub. Ir-regoli applikabbli għal dawn il-każijiet għandhom jiġu ndikati.

(30) Mingħajr preġudizzju għall-irbit internazzjonali tal-Komunità, huwa meħtieġ li tiġi simplifikata l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, partikolarment billi jiġu simplifikati l-livelli minimi u billi ssir applikabbli għall-entitajiet kontraenti kollha, mingħajr ma jitqies is-settur li fih joperaw, id-dispożizzjonijiet rigward it-tagħrif li jrid jingħata lil parteċipanti rigward deċiżjonijiet meħuda rigward proċeduri ta' għoti ta' kuntratti u r-riżultati tagħhom. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' l-Unjoni Monetarja, dawn l-livelli minimi għandhom jiġu stabbiliti f'euro b'tali mod li jissimplifikaw l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw konformita ma' l-livelli minimi preskritti fil-Ftehim, li huma espressi fi Drittijiet Speċjali għall-Ġbid tal-Flus (DSĠF). F'dan il-kuntest, dispożizzjoni għandha ssir ukoll għal reviżjonijiet perjodiċi ta' l-livelli minimi espressi

([1]) Ara paġna 114 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali
([2]) ĠU L 15, tal-21.1.1998, p. 14. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

▼B

f'euro sabiex jiġu aġġustati, fejn meħtieġ, f'linja mal-varjazzjonijiet possibbli fil-valur ta' l-euro f'relazzjoni mad-DSĠF. B'żieda ma' dan, l-livelli minimi applikabbli għal kuntesti ta' disinn għandhom ikunu identiċi għal dawk applikabbli għal kuntratti ta' servizz.

(31) Dispożizzjoni għandha ssir għal każijiet li fihom huwa possibbli li jibqgħu lura milli japplikaw il-miżuri għal proċeduri ta' kordinazzjoni fuq bażi li għandha x'taqsam ma' sigurtà jew segretezza ta' l-Istat, jew minħabba li huma huma applikabbli regoli speċifiċi dwar l-għoti ta' kuntratti li joħorġu minn ftehim internazzjonali, li għandhom x'jaqsmu ma' l-istazzjonar ta' truppi, jew li huma speċifiċi għal organizzazzjonijiet internazzjonali.

(32) Huwa xieraq ukoll li jiġu eskluży ċerti kuntratti ta' servizz, provvista u xogħlijiet mogħtija lil impriża affiljata li għandha bħala l-attività prinċipali tagħha l-provvediment ta' dawn is-servizzi, provvista jew xogħlijiet lill-grupp li minnu hija parti, aktar milli jiġu offruti lilhom fis-suq. Huwa xieraq ukoll li jiġu eskluży ċerti kuntratti ta' servizz, provvista u xogħlijiet mogħtija minn entità kontraenti lil *joint venture* li huwa magħmul minn numru ta' entitajiet kontraenti għall-għan li jitwettqu attivitajiet koperti minn din id-Direttiva u li l-entità hija parti minnhom. Madankollu, huwa xieraq li jiġi żgurat li din l-esklużjoni ma toħloqx tgħawwiġ ta' kompetizzjoni għall-benefiċċju ta' l-impriżi jew *joint ventures* li huma affiljati ma' l-entitajiet kontraenti; huwa xieraq li jiġi provvdut sett xieraq ta' regoli, partikolarment rigward il-limiti massimi li fihom l-impriżi jistgħu jiksbu parti mill-*turnover* missuq u li 'l fuq minnha jitilfu l-possibilta li jingħataw kuntratti mingħajr sejħat għal kompetizzjoni, il-komposizzjoni ta' *joint ventures* u l-istabilita ta' rabtiet bejn dawn il-*joint ventures* u l-entitajiet kontraenti li huma mibnija minnhom.

(33) Fil-kuntest ta' servizzi, kuntratti għall-akkwist jew kiri ta' propjeta immobbli jew drittijiet għal din il-propjeta għandhom karatteristiċi partikolari li jagħmlu l-applikazzjoni ta' regoli ta' akkwist mhux xierqa.

(34) Servizzi ta' arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni (*conciliation*) huma normalment provvduti minn korpijiet jew individwi nominati jew magħżula f'manjiera li ma tistax tiġi regolata minn regoli ta' akkwist.

(35) Bi qbil mal-Ftehim, is-servizzi finanzjarji koperti minn din id-Direttiva ma jinkludux kuntratti li għandhom x'jaqsmu malħruġ, ix-xiri, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' sigurtàjiet u strumenti finanzjarji oħra; partikolarment, transazzjonijiet mill-entitajiet kontraenti biex jinġabru flus u kapital mhumiex koperti.

(36) Din id-Direttiva għandha tkopri biss il-provvediment ta' servizzi meta jkunu bażati fuq kuntratti.

(37) Skond l-Artikolu 163 tat-Trattat, l-inkoraġġiment ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku huwa mezz sabiex tissaħħaħ il-bażi xjentifika u teknoloġika ta' l-industrija tal-Komunità, u l-ftuħ ta' kuntratti ta' servizz jikkontribbwixxi għal dan il-għan. Din id-Direttiva m'għandhiex tkopri l-finanzjament ukoll ta' programmi ta' riċerka u ta' żvilupp: kuntratti ta' riċerka u ta' żvilupp oħra

▼B

għajr dawk fejn il-benefiċċji jmorru esklussivament lill-awtorita kontraenti sabiex jintużaw fil-kondotta ta' l-affarijiet tagħha bil-kondizzjoni li s-servizz provvdut jiġu mħallas kollu mill-awtorita kontraenti, mhumiex għalhekk koperti minn din id-Direttiva.

(38) Biex jipprevjedu l-proliferazzjoni ta' arranġamenti speċifiċi applikabbli għal ċerti setturi biss, l-arranġamenti speċjali korrenti maħluqa mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/38/KEE u l-Artikolu 12 tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-*prospection*, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarboni ([1]) li jirregolaw entitajiet li qed jesplojtaw erja ġeografika għall-għan ta' esplorazzjoni għal jew l-estrazzjoni ta' żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra għandhom jiġu mibdula mill-proċedura ġenerali li tippermetti l-eżenzjoni ta' setturi direttament esposti għall-kompetizzjoni. Irid jiġi żgurat, madankollu, li dan ikun mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/676/KEE ta' l-10 ta' Diċembru 1993 li tistabbilixxi li l-esplojtazzjoni ta' erji ġeografiċi għall-għan ta' esporazzjoni għal jew estrazzjoni ta' żejt jew gass ma tikkostitwixxix fl-Olanda attività definita mill-Artikolu 2(2)(b)(i) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/531/KEE u li entitajiet li jwettqu din l-attività m'għandhomx jitqiesu fl-Olanda bħala li qed joperaw skond drittijiet speċjali jew esklussivi fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(3)(b) tad-Direttiva ([2]), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/367/KE tat-30 ta' Mejju 1997 li tistabbilixxi li l-esplojtazzjoni ta' erji ġeografiċi għall-għan ta' esplorazzjoni għal jew estrazzjoni ta' żejt jew gass ma tikkostitwixxix fir-Renju Unit attività definita mill-Artikolu 2(2)(b09i) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE u li entitajiet li jwettqu din l-attività m'għandhomx jitqiesu fir-Renju Unit bħala li qed joperaw skond drittijiet speċjali jew esklussivi fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(3)(b) tad-Direttiva ([3]), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/205/KE ta' l-4 ta' Marzu 2002 fuq talba mill-Awstrija li qed tapplika għall-istess reġim provvdut fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/38/KEE ([4]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/73/KE fuq talba mill-Ġermanja biex tiġi applikata l-proċedura speċjali preskritta fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/38/KEE ([5])

(39) Impjieg u xogħol huma elementi prinċipali fil-garanzija ta' opportunitajiet ugwali għal kulħadd u jikkontribwixxu għal integrazzjoni fis-soċjeta. F'dan il-kuntest, *workshops* u programmi ta' impjieg protetti (*sheltered*) jikkontribwixxu b'mod effiċjenti lejn l-integrazzjoni jew l-integrazzjoni mill-ġdid ta' persuni b'diżabilitajiet fis-suq tax-xogħol. Madankollu, dawn il-workshops jistgħu ma jkunux kapaċi jiksbu kuntratti fuq kondizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. B'konsegwenza, huwa xieraq li jiġi provdut li Stati Membri jkunu jistgħu jirriservaw id-dritt li jipparteċipaw fi proċeduri ta' għotja għal kuntratti lil dawn il-*workshops* jew jirriservaw twettieq ta' kuntratti lill-programmi ta' impjieg protetti (*sheltered*).

(40) Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika la għal kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettieq ta' attività riferita fl-Artikoli 3 sa 7 u lanqas biex jiddisinjaw kuntesti organizzati għas-segwiment ta'

([1]) ĠU L 164, tat-30.6.1994, p. 3.
([2]) ĠU L 316, tas-17.12.1993, p. 41.
([3]) ĠU L 156, tat-13.6.1997, p. 55.
([4]) ĠU L 68, tat-12.3.2002, p. 31.
([5]) ĠU L 16, tat-23.1.2004, p. 57.

▼B

din l-attività jekk, fl-Istat Membru li fih din l-attività hija mwettqa, tkun esposta direttament għal kompetizzjoni fis-swieq li għalihom aċċess mhuwiex limitat. Huwa għalhekk xieraq li tiddaħħal proċedura, applikabbli għas-setturi kollha koperti minn din id-Direttiva, li jippermettu li jitqiesu l-effetti ta' ftuħ korrenti jew fil-futur għal kompetizzjoni. Din il-proċedura għandha tipprovdi ċertezza legali għall-entitajiet konċernati, kif ukoll proċess xieraq ta' teħid ta' deċiżjonijiet, waqt li tiżgura, f'limiti qosra ta' ħin, applikazzjoni uniformi ta' liġi Komunitarja f'din l-erja.

(41) Esposizzjoni diretta għall-kompetizzjoni għandha tiġi stmata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, waqt li jitqiesu l-karatterisitiċi speċifiċi tas-settur konċernat. L-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' leġislazzjoni Komunitarja xierqa li tiftaħ settur msemmi, jew parti minnu, se jitqiesu li jipprovdu bażi suffiċjenti biex jiġi stmat li hemm aċċess ħieles għas-suq imsemmi. Din il-leġislazzjoni xierqa għandha tiġi identifikata bħala anness li jista' jiġi aġġornat mill-Kummissjoni. Meta taġġorna, il-Kummissjoni tqis partikolarment l-adozzjoni possibbli ta' miżuri li jwasslu għal ftuħ ġenwin ta' kompetizzjoni ta' setturi oħra għajr dawk li għalihom diġa hija msemmija leġislazzjoni fl-Anness XI, bħal din ta' trasport bil-ferrovija. Fejn aċċess ħieles għal suq msemmi ma jirriżultax mill-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni Komunitarja xierqa, għandu jiġi muri li, *de jure* u *de facto*, dan l-aċċess huwa ħieles. Għal dan il-għan, applikazzjoni ta' Direttiva minn Stat Membru, bħal ma hija d-Direttiva 94/22/KE li tiftaħ settur msemmi għal kompetizzjoni, għal settur ieħor, bħal ma huwa s-settur tal-faħam, hija ċirkostanza li trid titqies għall-għanijiet ta' l-Artikolu 30.

(42) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mfassla minn xerreja għandhom jippermettu li jinfetaħ akkwist pubbliku għall-kompetizzjoni, Għal dan il-għan, għandu jkun possibbli li jiġu sottomessi offerti li jirriflettu d-diversita ta' soluzzjonijiet tekniċi. Għal din ir-raġuni, għandu jkun possibbli li jitfasslu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' twettieq u ħtiġijiet funzjonali u, fejn tintgħamel riferenza għall-*istandard* Ewropew jew, fl-assenza tiegħu, għall-*istandard* nazzjonali, offerti bażati fuq arranġamenti oħra ekwivalenti li jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-entitajiet kontraenti u huma ekwivalenti f'termini ta' sigurtà għandhom jitqiesu mill-entitajiet kontraenti. Biex tintwera ekwivalenza, persuni li jagħmlu l-offerti għandhom jiġu permessi li jużaw kull forma ta' xhieda. Entitajiet kontraenti għandhom ikunu jistgħu jipprovdu raġuni għal kull deċiżjoni li l-ekwivalenza ma teżistix f'każ imsemmi. Entitajiet kontraenti li jixtiequ jiddefinixxu ħtiġijiet ambjentali għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kuntratt imsemmi jistgħu jippreskrivu l-karatteristiċi ambjentali, bħal ma huma metodu ta' produzzjoni msemmi, u/jew effetti ambjentali speċifiċi ta' gruppi ta' prodott jew servizzi. Jistgħu jużaw, imma mhumiex obbligati li jużaw speċifikazzjonijiet xierqa li huma definiti f'tikketti *eco*, bħat-tikketta *Eco* Ewropea, tikketti *eco* (multi) nazzjonali jew kull tikketta *eco* oħra basta li l-ħtiġijiet għat-tikketta huma mfassla u adottati fuq il-bażi ta' tagħrif xjentifiku permezz ta' proċedura li fiha *stakeholders*, bħall-korpijiet tal-gvern, konsumaturi, fabbrikanti, distributuri u organizzazzjonijiet ambjentali jistgħu jipparteċipaw, u basta li t-tikketta hija aċċessibbli u disponibbli lill-partijiet interessati kollha. Entitajiet kontraenti għandhom, kull meta jkun possibbli, jippreskrivu speċifikazzjonijiet tekniċi sabiex iqisu kriterji ta' aċċessibilita għal persuni b'diżabilitajiet jew disinn għall-utenti kollha. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi

▼B

għandhom jiġu ndikati b'mod ċar, sabiex dawk kollha li jagħmlu l-offerti ikunu jafu l-ħtiġijiet stabbililti mill-kopertura ta' l-entità kontraenti.

(43) Sabiex jiġi nkoraġġit l-involviment ta' impriżi ta' daqs żgħir u medju fis-suq ta' l-akkwist ta' kuntratti pubbliċi, huwa ta' parir li jiġu nklużi dispożizzjonijiet fuq *subcontracting*.

(44) Kondizzjonijiet ta' twettieq ta' kuntratti huma kompatibbli mad-Direttiva basta iżda li mhumiex diskriminatorji direttament jew indirettament u huma ndikati fl-avviż użat biex issir is-sejħa għal kompetizzjoni, jew fl-ispeċifikazzjonijiet. Jistgħu partikolarment ikunu maħsuba biex jinkoraġġixxu stħarriġ vokazzjonali fuq il-post, l-impjieg ta' persuni li jesperjenzaw partikolarment diffikulta fl-integrazzjoni, il-ġlieda kontra l-qagħad jew il-protezzjoni ta' l-ambjent. Per eżempju, jistgħu jissemmew il-ħtiġijiet – applikabbli matul it-twettieq tal-kuntratt – biex jirreklutaw persuni li qed ifittxu x-xogħol fuq skond fit-tul jew biex jimplimentaw miżuri ta' stħarriġ għal persuni qiegħda (bla xogħol) jew għal persuni li għadhom żgħar, biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni ta' Xogħol Internazzjonali bażiċi (OXI), filwaqt li jiġi stmat li dawn id-dispożizzjonijiet ma ġewx implimentati fil-liġi nazzjonali, u biex jirreklutaw aktar persuni b'diżabilita milli huma meħtieġa skond il-leġislazzjoni nazzjonali.

(45) Il-liġijiet, regolamenti u ftehim kollettivi, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll Komunitarju, li huma fis-seħħ fl-erji ta' kondizzjonijiet ta' impjieg u sigurtà fix-xogħol japplikaw matul it-twettieq ta' kuntratt, basta iżda li dawn ir-regoli, u l-applikazzjoni tagħhom, jikkonformaw mal-liġi Komunitarja. F'sitwazzjonijiet li jaqsmu l-fruntieri fejn ħaddiema minn Stat Membru wieħed jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor għall-għan ta' twettieq ta' kuntratt, id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 rigward l-għoti ta' xogħol lill-ħaddiema fil-qafas tal-provvediment ta' servizzi ([1]) tippreskrivi l-kondizzjonijiet minimi li jridu jiġu osservati mill-pajjiż tal-lqugħ rigward dawn il-ħaddiema mibgħuta jaħdmu. Jekk liġi nazzjonali tikkontejni dispożizzjonijiet għal dan il-għan, nuqqas ta' konformita ma' dawk l-obbligazzjonijiet jista' jitqies bħala kondotta ħażina gravi jew offiża rigward il-kondotta professjonali ta' l-operatur ekonomiku konċernat, li jista' jwassal għall-esklużjoni ta' dak l-operatur ekonomiku mill-proċedura għall-għoti ta' kuntratt.

(46) Bil-ħsieb ta' żviluppi ġodda fit-teknoloġija tat-tagħrif u t-telekomunikazzjonijiet, u s-simplifikazzjonijiet li dawn jistgħu jġibu f'termini ta' kuntratti ta' pubbliċita u l-effiċjenza u t-trasparenza ta' proċeduri ta' akkwist, mezzi elettroniċi għandhom jitqiegħdu fil-livell ta' mezzi tradizzjonali ta' skambju ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif. Safejn ikun possibbli, il-mezzi u t-teknoloġija magħżula għandhom ikunu kompatibbli mat-teknoloġiji wżati fl-Istati Membri l-oħra.

(47) L-użu ta' mezzi elettroniċi jwassal għat-tfaddil fil-ħin. Bħala riżultat, għandu jsir provvediment għat-tnaqqis tal-perjodi minimi fejn mezzi elettroniċi jintużaw, bla ħsara, madankollu, għall-kondizzjoni li huma kompatibbli mal-mod speċifiku ta' trasmissjoni prevvist fil-livell tal-Komunità. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-effett kumulattiv ta' tnaqqis fil-limiti tal-ħin ma jwassalx għal limiti tal-ħin eċċessivament qosra.

([1]) ĠU L 18, tal-21.1.1997, p. 1.

▼B

(48) Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar qafas Komunitarju għal firem elettroniċi ([1]) u d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali ta' servizzi ta' socjeta ta' tagħrif, partikolarment kummerċ elettroniku, fis-suq intern ("Direttiva dwar kummerċ elettroniku") ([2]) għandhom, fil-kuntest ta' din id-Direttiva, japplikaw għat-trasmissjoni ta' tagħrif permezz ta' mezzi elettroniċi. Il-proċeduri ta' akkwist pubbliku u r-regoli applikabbli għal kuntesti ta' servizz jeħtieġu livell ta' sigurtà u kunfidenzalita aktar għolja minn dawk meħtieġa minn dawn id-Direttivi. Għal din ir-raġuni, il-mezzi għall-irċevuta elettronika ta' offerti, talbiet għal parteċipazzjoni u pjanijiet u proġetti għandhom jikkonformaw ma' ħtiġijiet addizzjonali speċifiċi. Għal dan il-għan, l-użu ta' firem elettroniċi, partikolarment firem elettroniċi avvanzati, għandhom, safejn ikun possibbli, ikunu nkoraġġiti. Madankollu, l-eżistenza ta' skemi ta' akkreditazzjoni volontarji jistgħu jikkostitwixxu qafas favorevoli biex jitgħolla l-livell ta' provvediment ta' servizz ta' ċertifikazzjoni għal dawn il-mezzi.

(49) Huwa xieraq li l-parteċipanti fi proċedura ta' għotja jiġu mgħarrfa b'deċiżjonijiet biex jiġi konkluż qafas ta' ftehim jew biex jingħata kuntratt jew biex tintelaq (*abandon*) il-proċedura fil-limiti taż-żmien li huma qosra biżżejjed sabiex ma jirrendux id-depożitu ta' talbiet għal reviżjoni impossibbli; dan it-tagħrif għandu għalhekk jingħata kemm jista' jkun malajr u ġeneralment fi żmien 15-il ġurnata wara d-deċiżjoni.

(50) Għandu jiġi ċċarat li entitajiet kontraenti li jistabbilixxu kriterji ta' għażla fi proċedura miftuħa għandhom jagħmlu dan bi qbil mar-regoli u kriterji oġġettivi, l-istess bħal ma kriterji ta' għażla fi proċeduri resitritti u negozjati għandhom ikunu oġġettivi. Dawn ir-regoli u kriterji oġġettivi, l-istess bħall-kriterji ta' għażla, ma jimplikawx neċessarjament tweżin.

(51) Huwa importanti li titqies ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'każijiet fejn operatur ekonomiku jippretendi l-kapaċitajiet ekonomiċi, finanzjarji jew tekniċi ta' entitajiet oħra, tkun xi tkun in-natura legali tar-rabta bejnha nnifisha u dawk l-entitajiet, sabiex jintlaħqu kriterji ta' għażla jew, fil-kuntest ta' sistemi ta' kwalifikazzjoni, f'appoġġ ta' l-applikazzjoni tagħha għal kwalifikazzjoni. Fil-każ msemmi l-aħħar, huwa l-operatur ekonomiku li jrid jipprova li dawk ir-risorsi se jkunu fil-fatt disponibbli għalih matul il-perjodu ta' validita tal-kwalifikazzjoni. Għall-għanijiet ta' dik il-kwalifikazzjoni, entità kontraenti tista' għalhekk tistabbilixxi l-livell ta' ħtiġijiet li jridu jintlaħqu u partikolarment, per eżempju fejn l-operatur jitlob il-bażi finanzjarja ta' entità oħra, tista' teħtieġ li l-entità tinżamm responsabbli, jekk ikun meħtieġ b'mod konġunt u wieħed wieħed.

Sistemi ta' kwalifikazzjoni għandhom jitħaddmu bi qbil mar-regoli u l-kriterji oġġettivi, li, fuq l-għażla ta' l-entitajiet kontraenti, jistgħu jikkonċernaw il-kapaċitajiet ta' l-operaturi ekonomiċi u/jew il-karatteristiċi tax-xogħlijiet, il-provvisti jew

([1]) ĠU L 13, tad-19.1.2000, p. 12.
([2]) ĠU L 178, tas-17.7.2000, p. 1.

▼B

is-servizzi koperti mis-sistema. Għall-għanijiet ta' kwalifika, entitajiet kontraenti jistgħu jikkonduċu t-testijiet tagħhom stess sabiex jevalwaw il-karatteristiċi tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi konċernati, partikolarment f'termini ta' kompatibilita u sigurtà.

(52) Ir-regoli rilevanti tal-Komunità dwar għarfien bejn xulxin ta' diplomi, ċertifikati jew xhieda oħra ta' kwalifiċi formali japplikaw meta xhieda ta' kwalifika partikolari hija meħtieġa għal parteċipazzjoni fi proċedura ta' akkwist jew kuntest ta' disinn.

(53) F'każijiet xierqa, li fihom in-natura tax-xogħlijiet u/jew is-servizzi tiġġustifika li jiġu applikati miżuri jew skemi ta' tmexxija ambjentali matul it-twettieq ta' kuntratt, tista' tinħtieġ l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri jew skemi. Skemi ta' tmexxija ambjentali, sewwa jekk huma reġistrati u sewwa jekk le taħt strumenti Komunitarji bħal ma huma r-Regolament (KE) Nru 761/2001 (EMAS) ([1]), jistgħu juru li l-operatur ekonomiku għandu l-kapaċita teknika biex iwettaq il-kuntratt. Barra minn hekk, deskrizzjoni tal-miżuri implimentati mill-operatur ekonomiku biex jiġi żgurat l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali għandhom jiġu aċċettati bħala alternattiva għal skemi ta' reġistrazzjoni ta' tmexxija ambjentali bħala forma ta' xhieda.

(54) L-għoti ta' kuntratti pubbliċi lil operaturi ekonomiċi li jkunu parteċipaw f'organizzazzjoni kriminali jew li nsabu ħatja ta' korruzzjoni jew ta' frodi għad-detriment ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' ħasil tal-flus għandu jiġi evitat. Meta jitqies li l-entitajiet kontraenti, li mhumiex awtoritajiet kontraenti, jista' ma jkollhomx aċċess għal prova mingħajr dubju fil-materja, huwa xieraq li titħalla l-għażla ta' jekk jiġux applikati jew le l-kriterji ta' esklużjoni mniżżla f'lista fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2004/18/KE lil dawn l-entitajiet kontraenti. L-obbligazzjoni li jiġi applikat l-Artikolu 45(1) għandha għalhekk tiġi limitata biss għal entitajiet kontraenti li huma awtoritajiet kontraenti. Fejn xieraq, l-entitajiet kontraenti għandhom isaqsu lill-applikanti għal kwalifika, kandidati jew persuni li jagħmlu l-offerti biex jipprovdu d-dokumenti rilevanti u, fejn ikollhom dubji rigward is-sitwazzjoni personali ta' dawn l-operaturi ekonomiċi, jistgħu jfittxu l-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat. L-esklużjoni ta' dawn l-operaturi ekonomiċi għandha sseħħ malli l-awtorita kontraenti jkollha għarfien ta' ġudizzju rigward dawn l-offiżi mirduda bi qbil mal-liġi nazzjonali li għandha s-saħħa ta' *res judicata*.

Jekk liġi nazzjonali tikkontjeni dispożizzjonijiet għal dan il-għan, nuqqas ta' konformita ma' legislazzjoni ambjentali jew leġislazzjoni fuq ftehim illegali f'kuntratti li kien is-suġġett ta' ġudizzju finali jew deċiżjoni li għandha effett ekwivalenti jista' jitqies bħala offiża rigward il-kondotta professjonali ta' l-operatur ekonomiku konċernat jew kondotta ħażina gravi.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 li jippermetti parteċipazzjoni volontarju minn organizzazzjonijiet fi skema ta' tmexxija eco u ta' reviżjoni Komunitarja (STER) (ĠU L 114, ta' l-24.4.2001, p. 1).

▼B

Nuqqas ta' osservazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE ([1]) u 76/207/KEE ([2]) rigward trattament ugwali ta' ħaddiema, li kien is-suġġett ta' ġudizzju finali jew deċiżjoni li għandha effett ekwivalenti jista' titqies bħala offiża rigward il-kondotta professjonali ta' l-operatur ekonomiku konċernat jew kondotta ħażina gravi.

(55) Kuntratti jistgħu jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jiżguraw konformita mal-prinċipji ta' trasparenza, nuqqas ta' diskriminazzjoni u trattament ugwali u li jiggarantixxi li offerti huma stmati f'kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva. Bħala riżultat, huwa xieraq li titħalla l-applikazzjoni ta' żewġ kriterji ta' għotja biss: "il-prezz l-aktar baxx" u "l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament".

Biex tiġi żgurata konformita mal-prinċipju ta' trattament ugwali fl-għoti ta' kuntratti, huwa xieraq li jiġi preskritt bħala obbligazzjoni – stabbilit minn ġurisprudenza – biex tiġi żgurata t-trasparenza meħtieġa biex tippermetti lill-persuni kollha li qed jagħmlu l-offerti li jkunu mgħarrfa raġunevolment bil-kriterji u l-arranġamenti li se jiġu applikati biex jidentifikaw l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament. Hija għalhekk ir-responsabbilita ta' entitajiet kontraenti li jindikaw il-kriterji għall-għoti tal-kuntratt u t-tweżin relattiv mogħti lil kull waħda minn dawk il-kriterji f'ħin suffiċjenti għal persuni li jagħmlu l-offerti biex ikunu konxji tagħhom waqt li jkunu qed iħejju l-offerti. Entitajiet kontraenti jistgħu jidderogaw milli jindikaw it-tweżin tal-kriterji għall-għoti tal-kuntratt f'każijiet ġustifikati kif mistħoqq għal liema jridu jkunu jistgħu jagħtu raġunijiet, fejn it-tweżin ma jistax jiġi stabbilit bil-quddiem, partikolarment minħabba fil-kumplessita tal-kuntratt. F'dan il-każijiet, iridu jindikaw l-ordni dexxendenti ta' importanza tal-kriterji.

Fejn entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt għall-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, għandhom jistmaw offerti sabiex jiġi stabbilit liema wieħed joffri l-aħjar valur għall-flus. Sabiex jagħmlu dan, għandhom jistabbilixxu l-kriterji ekonomiċi u ta' kwalità li, kollha kemm huma, iridu jagħmluha possibbli li tiġi stabbilita l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament għall-entità kontraenti. L-istabbilizzazzjoni ta' dawn il-kriterji tiddependi fuq l-għan tal-kuntratt minħabba li jridu jippermettu li l-livell ta' twettieq offrut minn kull offerta jiġi stmat fid-dawl ta' l-għan tal-kuntratt, kif definit fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u l-valur għall-flus għal kull offerta li trid titkejjel. Sabiex jiġi garantit trattament ugwali, il-kriterji għall-għoti tal-kuntratt iridu jippermettu li l-offerti jiġu mqabbla u stmati oġġettivament. Jekk dawn il-kondizzjonijiet jitwettqu, kriterji ekonomiċi u kwalitattivi għall-għoti tal-kuntratt, bħal ma huma li jintlaħqu ħtiġijiet ambjentali, jistgħu jippermettu lill-entità kontraenti li tilħaq il-bżonnijiet tal-pubbliku konċernat, kif espress fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Fuq l-istess kondizzjonijiet, entità kontraenti tista' tuża kriterji li jimmiraw li jilħqu ħtiġijiet

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament ugwali fl-impjieg u x-xogħol (ĠU L 303, tat-2.12.2000, p. 16).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għal irġiel u nisa rigward aċċess għal impjieg, stħarriġ u promozjoni vokazzjonali, u kondizzjonijiet ta' xogħol, (ĠU L 39 ta' l-14.2.1976, p. 40). Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, tal-5.10.2002, p. 15).

▼B

soċjali, partikolarment bħala risposta għall-bżonnijiet – definiti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt – ta' gruppi partikolarment żvantaġġjati ta' persuni li għalihom jappartjenu dawk li qed jerċievu/-jużaw ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi li huma l-għan tal-kuntratt.

(56) Il-kriterji ta' l-għotja ma jridux jaffettwaw l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali fuq ir-rimunerazzjoni ta' ċerti servizzi, bħal ma huma servizzi provvduti minn periti, inġiniera jew avukati.

(57) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti taż-żmien ([1]) għandu japplika għall-kalkolu tal-limiti taż-żmien li jinstabu f'din id-Direttiva.

(58) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet internazzjonali eżistenti tal-Komunità jew ta' Istati Membri u m'għandhiex tippreġudika l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, partikolarment l-Artikoli 81 u 86 miġjuba fih.

(59) Din id-Direttiva m'għandhiex tippreġudika l-limiti taż-żmien dikjarati fl-Anness XXV, li fihom l-Istati Membri jinħtieġu li jibdlu u japplikaw id-Direttiva 93/38/KEE.

(60) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adotti bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni. ([2]).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

**WERREJ**


| | |
|---|---|
| **It-TITOLU I** | Dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għal kuntratti u kuntesti ta' disinn |
| Il-Kapitolu I | Termini bażiċi |
| Artikolu 1 | Id-definizzjonijiet |
| Il-Kapitolu II | Definizzjonijiet ta' l-attivitajiet u l-entitajiet koperti |
| **Sezzjoni 1** | Entitajiet |
| Artikolu 2 | Entitajiet kontraenti |
| **Sezzjoni 2** | Attivitajiet |
| Artikolu 3 | Gass, sħana u elettriku |
| Artikolu 4 | Ilma |
| Artikolu 5 | Servizzi ta' trasport |
| Artikolu 6 | Servizzi postali |
| Artikolu 7 | Esplorazzjoni għal, jew estrazzjoni ta', żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra, kif ukoll portijiet u ajruporti |
| Artikolu 8 | Listi ta' entitajiet kontraenti |


([1]) ĠU L 124, tat-8.6.1971, p. 1.
([2]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23

▼B

| | |
|---|---|
| L-Artikolu 9 | Kuntratti li jkopru numru ta' attivitajiet |
| Il-Kapitolu III | Prinċipji ġenerali |
| L-Artikolu 10 | Prinċipji ta' għoti ta' kuntratti |
| **It-TITOLU II** | Regoli applikabbli għal kuntratti |
| Il-Kapitolu I | Dispożizzjonijiet ġenerali |
| Artikolu 11 | Operaturi ekonomiċi |
| Artikolu 12 | Kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Ftehim konkluż fl-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa |
| Artikolu 13 | Kunfidenzalita |
| Artikolu 14 | Qafas ta' ftehim |
| Artikolu 15 | Sistemi dinamiċi ta' xiri |
| Il-Kapitolu II | Livelli minimi u dispożizzjonijiet ta' esklużjoni |
| **Sezzjoni 1** | Livelli minimi |
| Artikolu 16 | Livelli minimi ta' kuntratti |
| Artikolu 17 | Metodi ta' kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratti, qafas ta' ftehim u sistemi dinamiċi |
| **Sezzjoni 2** | Kuntratti u konċessjonijiet u kuntratti suġġetti għal arranġamenti speċjali |
| Sotto sezzjoni 1 | |
| Artikolu 18 | Konċessjonijiet ta' xogħlijiet u servizz |
| Sottosezzjoni 2 | Esklużjonijiet applikabbli għall-entitajiet kontraenti kollha u għat-tipi kollha ta' kuntratt |
| Artikolu 19 | Kuntratti mogħtija għall-għanijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew kiri b'self lill-partijiet terzi |
| Artikolu 20 | Kuntratti mogħtija għall-għanijiet oħra għajr is-segwiment ta' attività koperta jew għas-segwiment ta' din l-attività f'pajjiż terz |
| Artikolu 21 | Kuntatti li huma sigrieti jew jeħtieġu miżuri speċjali ta' sigurtà |
| Artikolu 22 | Kuntratti mogħtija skond regoli internazzjonali |
| Artikolu 22a | Kuntratti fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà |
| Artikolu 23 | Kuntratti mogħtija lill-impriża affiljata, lill-*joint venture* jew lil entità kontraenti li tifforma parti minn *joint venture* |
| Sottosezzjoni 3 | Esklużjonijiet applikabbli għall-entitajiet kontraenti kollha, imma għal kuntratti ta' servizz biss |
| Artikolu 24 | Kuntratti li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti servizzi eskluži mill-iskop ta' din id-Direttiva |
| Artikolu 25 | Kuntratti ta' servizz mogħtija fuq il-bażi ta' dritt esklussiv |

▼B


| | |
|---|---|
| Sottosezzjoni 4 | Esklużjonijiet applikabbli għal ċerti entitajiet kontraenti biss |
| Artikolu 26 | Kuntratti mogħtija minn ċerti entitajiet kontraenti għax-xiri ta' ilma u għall-provvista ta' enerġija jew ta' karburanti għall-produzzjoni ta' l-enerġija |
| Sottosezzjoni 5 | Kuntratti suġġetti għal arranġamenti speċjali, dispożizzjonijiet rigward korpijiet ċentrali ta' xiri u l-proċedura ġenerali fil-każ ta' esposizzjoni diretta għall-kompetizzjoni |
| Artikolu 27 | Kuntratti suġġetti għal arranġamenti speċjali |
| Artikolu 28 | Kuntratti riservati |
| Artikolu 29 | Kuntratti u qafas ta' ftehim mogħtija minn korpijiet ċentrali ta' xiri |
| Artikolu 30 | Proċedura biex tiġi stabbilita jekk attività mogħtija hijiex esposta direttament għall-kompetizzjoni |
| Il-Kapitolu III | Regoli applikabbli għal kuntratti ta' servizz |
| Artikolu 31 | Kuntratti ta' servizz imniżżla f'lista fl-Anness XVII A |
| Artikolu 32 | Kuntratti ta' servizz imniżżla f'lista fl-Anness XVII B |
| Artikolu 33 | Kuntratti ta' servizz imħallta inklużi servizzi mniżżla f'lista fl-Anness XVII A u servizzi mniżżla f'lista fl-Anness XVII B |
| Il-Kapitolu IV | Regoli speċifiċi li jirregolaw speċifikazzjonijiet u dokumenti ta' kuntratt |
| Artikolu 34 | Speċifikazzjonijiet tekniċi |
| Artikolu 35 | Komunikazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi |
| Artikolu 36 | Varjanti |
| Artikolu 37 | Subcontracting |
| Artikolu 38 | Kondizzjonijiet għat-twettieq ta' kuntratti |
| Artikolu 39 | Obbligazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi, protezzjoni ambjentali, dispożizzjonijiet ta' protezzjoni ta' impjieg u kondizzjoni ta' xogħol |
| Il-Kapitolu V | Proċeduri |
| Artikolu 40 | L-użu ta' proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati |
| Il-Kapitolu VI | Regoli dwar pubblikazzjoni u trasparenza |
| **Sezzjoni 1** | Pubblikazzjoni ta' avviżi |
| Artikolu 41 | Avviżi indikattivi perjodiċi u avviżi dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika |
| Artikolu 42 | Avviżi wżati bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni |

▼B


| | |
|---|---|
| Artikolu 43 | Avviżi dwar l-għoti ta' kuntratti |
| Artikolu 44 | Forma u manjiera ta' pubblikazzjoni ta' avviżi |
| **Sezzjoni 2** | Limiti ta' żmien |
| Artikolu 45 | Limiti ta' żmien għall-irċevuta ta' talbiet għall-parteċipazzjoni u għall-irċevuta ta' offerti |
| Artikolu 46 | Proċeduri miftuħa: speċifikazzjonijiet, dokumenti u tagħrif addizzjonali |
| Artikolu 47 | Stediniet għas-sottomissjoni ta' offerta jew għan-negozjar |
| **Sezzjoni 3** | Komunikazzjoni u tagħrif |
| Artikolu 48 | Regoli applikabbli għal komunikazzjoni |
| Artikolu 49 | Tagħrif għal applikanti għall-kwalifika, kandidati u persuni li jagħmlu l-offerti |
| Artikolu 50 | Tagħrif li jrid jiġi reġistrat rigward għotjiet |
| Il-Kapitolu VII | Kondotta tal-proċedura |
| Artikolu 51 | Dispożizzjonijiet ġenerali |
| **Sezzjoni 1** | Kwalifika u għażla kwalitattiva |
| Artikolu 52 | Għarfien bejn xulxin rigward kondizzjonijiet amministrattivi, tekniċi jew finanzjarji, u ċertifikati, testijiet u xhieda |
| Artikolu 53 | Sistemi ta' kwalifika |
| Artikolu 54 | Kriterji għal għażla kwalitattiva |
| **Sezzjoni 2** | Għoti tal-kuntratti |
| Artikolu 55 | Kriterji għall-għoti tal-kuntratti |
| Artikolu 56 | Użu ta' rkanti elettroniċi |
| Artikolu 57 | Offerti baxxi b'mod anormali |
| **Sezzjoni 3** | Offerti li jikkomprendu prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi u relazzjonijiet ma' dawk il-pajjiżi |
| Artikolu 58 | Offerti li jikkomprendu prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi |
| Artikolu 59 | Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rigward kuntratti ta' servizz |
| **It-TITOLU III** | Regoli li jirregolaw kuntesti servizz ta' disinn |
| Artikolu 60 | Dispożizzjoni ġenerali |
| Artikolu 61 | Livelli minimi |
| Artikolu 62 | Kuntesti ta' disinn eskluži |
| Artikolu 63 | Regoli dwar pubblikità u trasparenza |
| Artikolu 64 | Mezzi ta' komunikazzjoni |
| Artikolu 65 | Regoli dwar l-organizzazzjoni ta' kuntesti ta' disinn, l-għażla ta' parteċipanti u l-ġurija |
| Artikolu 66 | Deċiżjonijiet tal-ġurija |

▼B


| | |
|---|---|
| **It-TITOLU IV** | Obbligazzjonijiet statistiċi, poteri eżekutorji u dispożizzjonijiet finali |
| Artikolu 67 | Obbligazzjonijiet statistiċi |
| Artikolu 68 | Proċedura tal-Kumitat |
| Artikolu 69 | Reviżjoni ta' l-livelli minimi |
| Artikolu 70 | Emendi |
| Artikolu 71 | Implimentazzjoni tad-Direttiva |
| Artikolu 72 | Mekkaniżmi ta' monitoraġġ |
| Artikolu 73 | Ir-Revoka |
| Artikolu 74 | Dħul fis-seħħ |
| Artikolu 75 | Lil min indirizzat/a |
| L-Anness I | Entitajiet kontraenti fis-setturi tat-trasport jew id-distribuzzjoni tal-gass jew tas-sħana |
| L-Anness II | Entitajiet kontraenti fis-setturi tal-produzzjoni, tat-trasport jew tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku |
| L-Anness III | Entitajiet kontraenti fis-setturi tal-produzzjoni, tat-trasport jew tad-distribuzzjoni ta' ilma tax-xorb |
| L-Anness IV | Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' servizzi tal-ferrovija |
| L-Anness V | Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' servizzi urbani tal-ferrovija, tat-trammijiet, tat-*trolleybus* jew tal-karozza tal-linja |
| L-Anness VI | Entitajiet kontraenti fis-settur tas-servizzi postali |
| L-Anness VII | Entitajiet kontraenti fis-setturi ta' esplorazzjoni għal u estrazzjoni ta' żejt jew gass |
| L-Anness VIII | Entitajiet kontraenti fis-setturi ta' esplorazzjoni għal u estrazzjoni tal-faħam u ta' karburanti solidi oħra |
| L-Anness IX | Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' port marittimu jew intern jew faċilitajiet ta' *terminals* oħra |
| L-Anness X | Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' stallazzjonijiet ta' l-ajruport |
| L-Anness XI | Lista ta' leġislazzjoni riferita fl-Artikolu 30(3) |
| L-Anness XII | Lista ta' attivitajiet professjonali kif dikjarat fl-Artikolu 1(2), punt b |
| L-Anness XIII | Tagħrif li jrid jiġi nkluż fl-avviżi ta' kuntratti: |
| | A. Proċeduri miftuħa |
| | B. Proċeduri ristretti |
| | Ċ. Proċeduri negozjati |
| | D. Avviż simplifikat ta' kuntratt għall-użu f'sistema dinamika ta' xiri |

▼B

| | |
|---|---|
| L-Anness XIV | Tagħrif li jrid jiġi nkluż fl-avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika |
| L-Anness XV A | Tagħrif li jrid jiġi nkluż fl-avviż perjodiku indikattiv |
| L-Anness XV B | Tagħrif li jrid jiġi nkluż fl-avviżi ta' pubblikazzjoni ta' avviż perjodiku dwar profil tax-xerrej mhux użat bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni |
| L-Anness XVI | Tagħrif li jrid jiġi nkluż fl-avviż ta' l-għoti ta' kuntratti |
| L-Anness XVII A | Servizzi fit-tifsira ta' l-Artikolu 31 |
| L-Anness XVII B | Servizzi fit-tifsira ta' l-Artikolu 32 |
| L-Anness XVIII | Tagħrif li jrid jiġi nkluż fl-avviż tal-kuntest tad-disinn |
| L-Anness XIX | Tagħrif li jrid jiġi nkluż fir-riżultati ta' l-avviżi tal-kuntest tad-disinn |
| L-Anness XX | Karatteristiċi rigward il-pubblikazzjoni |
| L-Anness XXI | Definizzjoni ta' ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi |
| L-Anness XXII | Tabella sommarju tal-limiti taż-żmien preskritti fl-Artikolu 45 |
| L-Anness XXIII | Dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tax-xogħol fit-tifsira ta' l-Artikolu 59(4) |
| L-Anness XXIV | Ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir għall-irċevuta elettronika ta' offerti, talbiet għall-parteċipazzjoni, applikazzjonijiet għall-kwalifika kif ukoll pjanijiet u proġetti f'kuntesti |
| L-Anness XXV | Limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni u implimentazzjoni |
| L-Anness XXVI | Tabella tal-korrelazzjoni |

## IT-TITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI APPLIKABBLI GĦAL KUNTRATTI U KUNTESTI TA' DISINN

### IL-KAPITOLU I

### *Termini bażiċi*

#### *Artikolu 1*

#### Definizzjonijiet

1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet dikjarati f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw.

2. (a) "Kuntratti ta' provvista, xogħlijiet u servizz" huma kuntratti għal interess ta' flus (*pecuniary*) konklużi bil-miktub bejn waħda jew aktar mill-entitajiet kontraenti riferiti fl-Artikolu 2(2), u provveditur ta' servizz, kuntrattur jew supplent wieħed jew aktar.

▼B

(b) “Kuntratti tax-xogħol” huma kuntratti li għandhom bħala l-għan tagħhom jew l-eżekuzzjoni, jew kemm id-disinn u l-eżekuzzjoni, ta' xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu ma' waħda mill-attivitajiet fit-tifsira ta' l-Anness XII jew xogħol, jew ir-realizzazzjoni b'kwalunkwe mezz ta' xogħol li jikkorrespondi għall-ħtiġijiet speċifikati mill-entità kontraenti. “Xogħol” ifisser ir-riżultat ta' xogħlijiet ta' bini jew inġinerija ċivili fl-intier tagħhom li huwa biżżejjed fih innifsu biex iwettaq funzjoni ekonomika jew teknika.

(ċ) “Kuntratti ta' provvista” huma kuntratti oħra għajr dawk riferiti f'(b) li għandhom bħala l-għan tagħhom ix-xiri, kiri b'self, kiri jew xiri bin-nifs, bl-għażla jew mingħajrha ta' xiri, ta' prodotti.

Kuntratt li għandu bħala l-għan tiegħu l-provvista ta' prodotti, li jkopri wkoll, bħala materja inċidentali, operati ta' tfittxija ta' post (*siting*) u stallazzjoni għandu jitqies bħala “kuntratt ta' provvista”.

(d) “Kuntratti ta' servizz” huma kuntratti oħra għajr kuntratti ta' xogħol jew ta' provvista li għandhom bħala l-għan tagħhom il-provvediment ta' servizzi riferiti fl-Anness XVII.

Kuntratt li għandu bħala l-għan tiegħu kemm il-prodotti kif ukoll is-servizzi fit-tifsira ta' l-Anness XVII għandu jitqies bħala “kuntratt ta' servizz” jekk il-valur tas-servizzi msemmija jaqbeż dak tal-prodotti koperti mill-kuntratt.

Kuntratt li għandu bħala l-għan tiegħu servizzi fit-tifsira ta' l-Anness XVII u jinkludi attivitajiet fit-tifsira ta' l-Anness XII li huma inċidentali biss għall-iskop prinċipali tal-kuntratt għandu jitqies bħala kuntratt ta' servizz.

3. (a) “Konċessjoni ta' xogħlijiet” hija kuntratt ta' l-istess tip tal-kuntratt tax-xogħlijiet minbarra għall-fatt li l-konsiderazzjoni biex jitwettqu x-xogħlijiet tikkonsisti jew fid-dritt biex jiġi esplojtat ix-xogħol biss jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas;

(b) “Konċessjoni ta' servizz” hija kuntratt ta' l-istess tip tal-kuntratt ta' servizz minbarra għall-fatt li l-konsiderazzjoni għall-provvediment ta' servizzi tikkonsisti jew fid-dritt biex jiġi esplojtat is-servizz biss jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas.

4. “Qafas ta' ftehim” huwa ftehim bejn entità kontraenti waħda jew aktar riferiti fl-Artikolu 2(2) u operatur ekonomiku wieħed jew aktar, li l-għan tiegħu huwa li jiġu stabbiliti kuntratti li jirregolaw li jridu jingħataw matul perjodu msemmi, partikolarment rigward prezz u, fejn xieraq, il-kwantitajiet prevvisti.

5. “Sistema dinamika ta' xiri” huwa proċess kompletament elettroniku biex isir xiri normalment użat, li l-karatteristiċi tiegħu, kif ġeneralment disponibbli fis-suq, jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-entità kontraenti, li huwa limitat fit-tul taż-żmien tiegħu u miftuħ matul il-validita tiegħu lil kull operatur ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla u ssottometta offerta indikattiva li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjoni.

6. “Irkant elettroniku” huwa proċess ripetittiv li jinvolvi mezz elettroniku għall-preżentazzjoni ta' prezzijiet ġodda, riveduti ‘l isfel, u/jew valuri ġodda rigward ċerti elementi ta' offerti, li jseħħ wara evalwazzjoni sħiħa inizjali ta' l-offerti, li jippermettihom li jitqiegħdu f'ordni permezz ta' metodi awtomatiċi ta' evalwazzjoni. B'konsegwenza, ċerti kuntratti ta' servizz u ċerti kuntratti ta' xogħlijiet li għandhom bħala l-kontenut tas-suġġett tagħhom twettieq intelletwali, bħal ma huwa d-disinn ta' xogħlijiet, m'għandhomx ikunu l-għan ta' rkanti elettroniċi.

▼B

7. It-termini “kuntrattur”, “supplent” jew “provveditur ta' servizz” ifissru jew persuna naturali jew legali, jew entità kontraenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(2)(a) jew (b), jew grupp ta' dawn il-persuni u/jew entitajiet li joffri fis-suq, rispettivament, l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew xogħol, prodotti jew servizzi.

It-termini “operatur ekonomiku” għandhom ikopru ugwalment il-kunċetti ta' kuntrattur, supplent u provveditur ta' servizz. Huwa wżat sempliċement fl-interessi ta' simplifikazzjoni.

“Persuna li tagħmel offerta” hija operatur ekonomiku li jissottometti offerta, u “kandidat” ifisser wieħed li fittex stedina biex jieħu parti fi proċedura ristretta jew negozjata.

8. “Korp ċentrali ta' xiri” huwa awtorita kontraenti li fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a) jew awtorita kontraenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(9) tad-Direttiva 2004/18/KE li:

— takkwista provvisti u/jew servizzi maħsuba għal entitajiet kontraenti jew

— tagħti kuntratti pubbliċi jew tikkonkludi qafas ta' ftehim għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għal entitajiet kontraenti.

9. “Proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati” huma l-proċeduri ta' akkwist applikati minn entitajiet kontraenti, li bihom:

(a) fil-każ ta' proċeduri miftuħa, kull operatur ekonomiku interessat jista' jissottometti offerta;

(b) fil-każ ta' proċeduri ristretti, kull operatur ekonomiku jista' jitlob li jipparteċipa u kandidati biss mistiedna mill-entità kontraenti jistgħu jissottomettu offerta;

(ċ) fil-każ ta' proċeduri negozjati, l-entità kontraenti tikkonsulta lill-operaturi ekonomiċi dwar l-għażla tagħha u tinnegozja t-termini tal-kuntratt ma' waħda jew aktar minn dawn.

10. “Kuntesti ta' disinn” huma dawk il-proċeduri li jippermettu lill-entità kontraenti li takkwista, prinċipalment fl-oqsma ta' pjanar fl-ibliet u fil-kampanja, arkitettura, inġinerija jew proċessar ta' fatti magħrufa (*data*), pjan jew disinn magħżul minn ġurija wara li jkun iddaħħal f'kompetizzjoni bl-għoti jew mingħajr l-għoti ta' premji.

11. “Miktub” jew “bil-miktub” ifisser kull espressjoni li tikkonsisti minn kliem jew ċifri li jistgħu jinqraw, jiġu riprodotti u sossegwentement komunikati. Jista' jinkludi tagħrif trasmess u reġistrat permezz ta' mezzi elettroniċi.

12. “Mezzi elettroniċi” ifisser l-użu ta' tagħmir elettroniku għall-proċessar (inkluż kompressjoni diġitali) u r-reġistrazzjoni ta' fatti magħrufa (*data*) li hija trasmessa, imwassla u rċevuta permezz tar-radju, permezz ta' mezzi ottiċi jew b'mezzi oħra elettromanjetiċi.

13. “Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti (CPV – *Common Procurement Vocabulary*)” ifisser in-nomenklatura riferenza applikabbli lil kuntratti pubbliċi kif adottat mir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-5 ta' Novembru 2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti (CPV) [1] waqt li tiġi żgurata ekwivalenza man-nomenklaturi eżistenti l-oħra.

[1] ĠU L 340, tas-16.12.2002, p. 1.

▼B

Fil-każ ta' interpretazzjonijiet li jvarjaw ta' l-iskop ta' din id-Direttiva, minħabba fid-differenzi possibbli bejn in-nomenklaturi CPV u *NACE* mniżżla f'lista fl-Anness XII jew bejn in-nomenklaturi CPV u CPC (versjoni provisorja) imniżżla f'lista fl-Anness XVII, in-nomenklatura *NACE* jew CPC rispettivament għandha tieħdu preċedenza.

IL-KAPITOLU II

***Definizzjonijiet ta' l-attivitajiet u l-entitajiet koperti***

Sezzjoni 1

Entitajiet

*Artikolu 2*

**Entitajiet kontraenti**

1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "Awtoritajiet kontraenti" huma awtoritajiet ta' l-Istat, reġjonali jew lokali, korpijiet irregolati minn liġi pubblika, assoċjazzjonijiet iffurmati minn awtorita waħda bħal din jew numru ta' awtoritajiet bħal dawn jew korp wieħed bħal dan jew numru ta' korpijiet bħal dawn irregolati minn liġi pubblika.

"Korp irregolat minn liġi pubblika" ifisser kull korp:

— stabbilit għall-għan speċifiku li jilħaq bżonnijiet fl-interess ġenerali, li m'għandux karattru industrijali jew kummerċjali,

— li għandu personalità legali u

— finanzjat, fil-biċċa 'l kbira, minn awtoritajiet ta' l-Istat, reġjonali jew lokali, jew korpijiet oħra irregolati mill-liġi pubblika; jew suġġetti għal sorveljanza ta' tmexxija minn dawk il-korpijiet; jew li għandhom bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu huma maħtura minn awtoritajiet ta' l-Istat, reġjonali jew lokali, jew minn korpijiet oħra irregolati mill-liġi pubblika;

(b) "impriża pubblika" hija impriża li fuqha l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeżerċitaw direttament jew indirettament influwenza dominanti minħabba fil-pussess tagħhom fuqha; il-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolawha.

Influwenza dominanti fuq in-naħa ta' l-awtoritajiet kontraenti għandha hekk titqies meta dawn l-awtoritajiet, direttament jew indirettament, ma dak li jkollu x'jaqsam ma' impriża:

— iżommu l-parti l-kbira tal-kapital sottoskritt ta' l-impriża, jew

— jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti li jkollhom l-ishma maħruġin mill-impriża, jew

— jistgħu jaħtru iktar min-nofs il-korp amminstrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' l-impriża.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal entitajiet kontraenti:

(a) li huma awtoritajiet kontraenti jew impriżi pubbliċi u li jsegwu waħda mill-attivitajiet riferiti fl-Artikoli 3 sa 7;

(b) li, meta m'humiex awtoritajiet kontraenti jew impriżi pubbliċi, jkollhom bħala waħda mill-attivitajiet tagħhom xi waħda mill-attivitajiet riferiti fl-Artikoli 3 sa 7, jew xi kombinazzjoni tagħhom u joperaw fuq il-bażi ta' drittijiet speċjali jew esklussivi mogħtija minn awtorita kompetenti ta' Stat Membru.

▼B

3. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, drittijiet speċjali jew esklussivi jfissru drittijiet mogħtija minn awtorita kompetenti ta' Stat Membru permezz ta' xi dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva li l-effett tagħha hija li tillimita l-eżerċizzju ta' attivitajiet kif definit fl-Artikoli 3 u 7 jew entità waħda jew aktar, u li sostanzjalment taffettwa l-kapaċita ta' l-entitajiet l-oħra li jwettqu din l-attività.

Sezzjoni 2

Attivitajiet

*Artikolu 3*

**Gass, sħana u elettriku**

1. Safejn huma konċernati l-gass u s-sħana, din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-provvediment jew operat ta' xbieki fissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' gass jew sħana; jew

(b) il-provvista ta' gass jew sħana lil dawn ix-xbieki.

2. Il-provvista ta' gass jew sħana lil xbieki li jipprovdu servizz lill-pubbliku minn entità kontraenti oħra għajr awtorita kontraenti m'għandhiex titqies bħala attività rilevanti fit-tifsira ta' paragrafu 1 fejn:

(a) il-produzzjoni ta' gass jew sħana mill-entità konċernata hija l-konsegwenza li ma tistax tiġi evitata ta' twettieq ta' attività oħra għajr dawk riferiti f'paragrafi 1 jew 3 ta' dan l-Artikolu jew f'L-Artikoli 4 sa 7; u

(b) provvista lix-xibka pubblika hija mirata biss lejn l-esplojtazzjoni ekonomika ta' din il-produzzjoni u ammonti lil mhux aktar minn 20 % tat-*turnover* ta' l-entità wara li tiġi kunsidrata l-medja għat-tliet snin preċedenti, inkluż is-sena korrenti.

3. Safejn huwa konċernat l-elettriku, din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-provvediment jew operat ta' xbieki fissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' l-elettriku; jew

(b) il-provvista ta' l-elettriku lil dawn ix-xbieki.

4. Il-provvista ta' l-elettriku lil xbieki li jipprovdu servizz lill-pubbliku minn entità kontraenti oħra għajr awtorita kontraenti m'għandhiex titqies bħala attività rilevanti fit-tifsira ta' paragrafu 3 fejn:

(a) il-produzzjoni ta' l-elettriku mill-entità konċernata sseħħ minħabba li l-konsum tiegħu huwa meħtieġa għat-twettieq ta' attività oħra għajr dawk riferiti f'paragrafi 1 jew 3 ta' dan l-Artikolu jew f'L-Artikoli 4 sa 7; u

(b) provvista lix-xibka pubblika tiddependi biss fuq il-konsum ta' l-entità stess u ma qabżitx it-30 % tal-produzzjoni totali ta' l-entità, wara li tiġi kunsidrata l-medja għat-tliet snin preċedenti, inkluż is-sena korrenti.

▼B

*Artikolu 4*

**Ilma**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-provvediment jew operat ta' xbieki fissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' l-ilma tax-xorb; jew

(b) il-provvista ta' l-ilma tax-xorb lil dawn ix-xbieki.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal kuntratti jew kuntesti ta' disinn mogħtija jew organizzati minn entitajiet li jsegwu attività riferita fil-paragrafu 1 u li:

(a) huma konnessi ma' proġetti ta' inġinerija idrawlika, irrigazzjoni jew dranaġġ ta' l-art (*land drainage*), basta iżda li l-volum ta' ilma li jrid jintuża għall-provvista ta' l-ilma tax-xorb jirrappreżenta aktar minn 20 % mill-volum totali ta' l-ilma magħmul disponibbli minn dawn il-proġetti jew irrigazzjoni jew stallazzjonijiet ta' dranaġġ, jew

(b) huma konnessi mar-rimi/qerda jew it-trattament tal-ħmieġ tad-dranaġġ.

3. Il-provvista ta' l-ilma tax-xorb lil xbieki li jipprovdu servizz lill-pubbliku minn entità kontraenti oħra għajr awtorita kontraenti m'għandhiex titqies bħala attività rilevanti fit-tifsira ta' paragrafu 1 fejn:

(a) il-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb mill-entità konċernata sseħħ minħabba li l-konsum tiegħu huwa meħtieġa għat-twettieq ta' attività oħra għajr dawk riferiti f'L-Artikoli 3 sa 7; u

(b) provvista lix-xibka pubblika tiddependi biss fuq il-konsum ta' l-entità stess u ma qabżitx it-30 % tal-produzzjoni totali ta' l-ilma tax-xorb mill-entità, wara li tiġi kunsidrata l-medja għat-tliet snin preċedenti, inkluż is-sena korrenti.

*Artikolu 5*

**Servizzi ta' trasport**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-provvediment jew l-operat ta' xbieki li jipprovdi servizz lil pubbliku fil-qasam ta' trasport bil-ferrovija, sistemi *automated*, bit-trammijiet, *trolley bus*, karozza tal-linja jew kejbil.

Rigward servizzi ta' trasport, xibka għandha titqies li teżisti fejn is-servizz provvdut huwa skond kondizzjonijiet ta' operat preskritti minn awtorita kompetenti ta' Stat Membru, bħal ma huma kondizzjonijiet fir-rotti li jridu jiġu servuti, il-kapaċita li jsiru disponibbli jew il-frekwenza tas-servizz.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal entitajiet li jipprovdu servizzi tat-trasport lill-pubbliku li kienu eskluzi mill-iskop tad-Direttiva 93/38/KEE skond l-Artikolu 2(4) tiegħu.

*Artikolu 6*

**Servizzi postali**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-provvediment ta' servizzi postali jew, fuq il-kondizzjonijiet dikjarati fil-paragrafu 2(ċ), servizzi oħra għajr servizzi postali.

▼B

2. Għall-għan ta' din id-Direttiva u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 97/67/KE:

(a) "oġġett postali": ifisser oġġett indirizzat fil-forma finali li fiha jrid jingħarr, irrispettivament mill-użin. B'żieda ma' oġġetti ta' korrispondenza, dawn l-oġġetti jinkludu wkoll per eżempju, kotba, katalgi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jikkontjenu merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajru, irrispettivament mill-użin;

(b) "servizzi postali": ifissru servizzi li jikkonsistu mill-iżdoġanar (*clearance*), l-għażil, għotja ta' direzzjoni (*routing*) u t-twassil ta' oġġetti postali. Dawn is-servizzi jikkomprendu:

— "servizzi postali riservati": servizzi postali li huma jew jistgħu ikunu riservati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/67/KE,

— "servizzi postali oħra": servizzi postali li ma jistgħux jiġu riservati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/67/KE; u

(ċ) "servizzi oħra għajr servizzi postali": ifissru servizzi provvduti flerji li ġejjin:

— servizzi ta' tmexxija ta' servizz tal-posta (servizzi kemm preċedenti u sossegwenti għad-dispaċċ, bħal ma huma "servizzi ta' tmexxija tal-kamra ta' l-ittri"),

— servizzi ta' valur miżjud magħquda ma' u provvduti kollha kemm huma permezz ta' mezzi elettroniċi (inkluża t-trasmissjoni ta' dokumenti kodifikati permezz ta' mezzi elettroniċi, servizzi ta' tmexxija ta' indirizzar u trasmissjoni ta' posta elettronika reġistrata),

— servizzi rigward oġġetti postali mhux inklużi f'punt (a), bħal ma huma posta diretta mingħajr indirizz,

— servizzi finanzjarji, kif definiti fil-kategorija 6 ta' l-Anness XVII A u fl-Artikolu 24(ċ) u inkluż b'mod partikolari *money orders* postali u trasferimenti *giro* postali,

— servizzi ta' bolli (philatelic), u

— servizzi loġistiki (servizzi li jikkombinaw twassil fiżiku u/jew magażżinaġġ ma' funzjonijiet oħra mhux postali),

fuq kondizzjoni li dawn is-servizzi huma provvduti minn entità li tipprovdi wkoll servizzi postali fit-tifsira ta' punt (b), l-ewwel jew it-tieni indent, u basta iżda li l-kondizzjonijiet dikjarati fl-Artikolu 30(1) mhumiex sodisfatti rigward is-servizzi li jidħlu f'dawk l-indenti.

*Artikolu 7*

**Esplorazzjoni għal, jew estrazzjoni ta', żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra, kif ukoll portijiet u ajruporti**

Din id-Direttiva għandha tapplika għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-esplojtazzjoni ta' erja ġeografika għall-għan ta':

(a) esplorazzjoni għal jew estrazzjoni ta' żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra, jew

(b) il-provvediment ta' ajruporti u portijiet marittimi jew interni jew faċilitajiet ta' terminals oħra lil ġarrara bl-ajru, bil-baħar jew bil-kanali interni;

▼B

*Artikolu 8*

**Listi ta' entitàjiet kontraenti**

Il-listi mhux mitmuma ta' entitajiet kontraenti fit-tifsira ta' din id-Direttiva jinstabu fl-Annessi I sa X. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni perjodikament b'xi tibdiliet fil-listi tagħhom.

*Artikolu 9*

**Kuntratti li jkopru numru ta' attivitajiet**

1. Kuntratt li huwa maħsub li jkorpi numru ta' attivitajiet għandu jkun suġġetti għar-regoli applikabbli għall-attività li għaliha kien maħsub prinċipalment.

Madankollu, l-għażla bejn l-għoti ta' kuntratt wieħed u l-għoti ta' numru ta' kuntratti separati ma tistax issir bil-għan li tiġi eskluża mill-iskop ta' din id-Direttiva jew, fejn applikabbli, id-Direttiva 2004/28/KE.

2. Jekk waħda mill-attivitajiet li għaliha il-kuntratt huwa maħsub hija suġġetta għal din id-Direttiva u l-oħra għad-Direttiva 2004/18/KE imsemmija fuq u jekk huwa oġġettivament impossibbli li jiġi stabbilit għal liema attività l-kuntratt huwa prinċipalment maħsub, il-kuntratt għandu jingħata bi qbil mad-Direttiva 2004/18/KE imsemmija fuq.

3. Jekk waħda mill-attivitajiet li għaliha il-kuntratt huwa maħsub hija suġġetta għal din id-Direttiva u l-oħra mhijiex suġġetta jew għal din id-Direttiva jew għad-Direttiva 2004/18/KE imsemmija fuq, u jekk huwa oġġettivament impossibbli li jiġi stabbilit għal liema attività l-kuntratt huwa prinċipalment maħsub, il-kuntratt għandu jingħata bi qbil ma' din id-Direttiva.

IL-KAPITOLU III

***Prinċipji ġenerali***

*Artikolu 10*

**Prinċipji ta' għoti ta' kuntratti**

Entitajiet kontraenti għandhom jittrattaw lil operaturi ekonomiċi ugwalment (indaqs) u mhux b'mod diskriminatorju u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti.

**IT-TITOLU II**

REGOLI APPLIKABBLI GĦAL KUNTRATTI

IL-KAPITOLU I

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 11*

**Operaturi ekonomiċi**

1. Kandidati jew persuni li jagħmlu l-offerti li, skond il-liġi ta' l-Istat Membru li fih huma stabbiliti, huma ntitolati li jipprovdu servizz relevanti, m'għandhomx jiġu rifjutati biss fuq il-bażi li, skond il-liġi ta' l-Istat Membru li fiha il-kuntratt ingħata, ikunu meħtieġa li jkunu persuni jew naturali jew legali.

▼B

Madankollu, fil-każ ta' kuntratti ta' servizz u ta' xogħlijiet kif ukoll kuntratti ta' provvista li jkopru wkoll servizzi u/jew operati ta' tfittxija ta' post (*siting*) u ta' stallazzjoni, persuni legali jistgħu jinħtieġu li jindikaw, fl-offerta jew fit-talba għal parteċipazzjoni, l-ismijiet u kwalifiki professjonali rilevanti ta' l-*istaff* li se jkun responsabbli għat-twettieq tal-kuntratt imsemmi.

2. Gruppi ta' operaturi ekonomiċi jistgħu jissottomettu offerti jew jippreżentaw ruħhom bħala kandidati. Sabiex tiġi sottomessa offerta jew talba għal parteċipazzjoni, dawn il-gruppi ma jistgħux jinħtieġu mill-entitajiet kontraenti li jassumu forma legali speċifika; madankollu, il-grupp magħżul jista' jinħtieġ li jagħmel dan meta jkun ingħata l-kuntratt, sal-punt li din il-bidla hija meħtieġa għat-twettieq sodisfaċenti tal-kuntratt.

*Artikolu 12*

**Kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ftehim konklużi fl-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa**

Għall-għanijiet ta' l-għoti ta' kuntratti minn entitajiet kontraenti, l-Istati Membri għandhom japplikaw fir-relazzjonijiet tagħhom kondizzjonijiet favorevoli bħal dawk li jagħtu lil operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni tal-Ftehim. L-Istati Membri għandhom, għal dan il-għan, jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat Konsultattiv għal Kuntratti Pubbliċi dwar il-miżuri meħuda skond il-Ftehim.

*Artikolu 13*

**Kunfidenzjalità**

1. Fil-kuntest ta' provvediment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi lil operaturi ekonomiċi interessati, ta' kwalifika u għażla ta' operaturi ekonomiċi u ta' l-għoti ta' kuntratti, entitajiet kontraenti jistgħu jimponu ħtiġijiet bil-ħsieb li jipproteġu n-natura kunfidenzali ta' tagħrif li huma jagħmlu disponibbli.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, partikolarment dawk li jirrigwardjaw l-obbligazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-pubblikazzjoni ta' kuntratti mogħtija u mat-tagħrif lill-kandidati u persuni li jagħmlu l-offerti dikjarati fl-Artikoli 43 u 49, u bi qbil mal-liġi nazzjonali li għaliha hija suġġetta l-entità kontraenti, l-awtorita kontraenti m'għandhiex tiżvela tagħrif mibgħut lilha minn operaturi ekonomiċi li ġie nominat bħala kunfidenzali; dan it-tagħrif jinkludi, partikolarment, sigrieti tekniċi jew ta' kummerċ u l-aspetti kummerċjali ta' offerti.

*Artikolu 14*

**Qafas ta' ftehim**

1. Entitajiet kontraenti jistgħu iqisu qafas ta' ftehim bħala kuntratt fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(2) u jagħtuh bi qbil ma' din id-Direttiva.

2. Fejn entitajiet kontraenti ikunu taw qafas ta' ftehim bi qbil ma' din id-Direttiva, ikunu jistgħu jiddisponu mill-Artikolu 40(3)(i) meta kuntratti ta' għotja jkunu bażati fuq dak il-qafas ta' ftehim.

3. Fejn qafas ta' ftehim ma jkunx ingħata bi qbil ma' din id-Direttiva, entitajiet kontraenti ma jistgħux jiddisponu mill-Artikolu 40(3)(i).

▼B

4. Entitajiet kontraenti ma jistgħux jagħmlu użu ħażin minn qafas ta' ftehim sabiex ifixklu, jillimitaw jew jgħawwġu l-kompetizzjoni.

*Artikolu 15*

**Sistemi dinamiċi ta' xiri**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li entitajiet kontraenti jistgħu jużaw sistemi dinamiċi ta' xiri.

2. Sabiex titwaqqaf sistema dinamika ta' xiri, entitajiet kontraenti għandhom isegwu r-regoli ta' proċedura miftuħa fil-fażijiet kollha sa l-għoti tal-kuntratti li jridu jiġu konklużi skond din is-sistema. Il-persuni kollha li jagħmlu l-offerti li jissodisfaw il-kriterji ta' l-għażla u jkunu sottomettew offerta indikattiva li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjoni u kull dokument addizzjonali possibbli għandhom jiddaħħlu fis-sistema, offerti indikattivi jistgħu jiġu mtejba f'kull ħin basta jkomplu jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjoni. Bil-ħsieb li titwaqqaf is-sistema u ta' l-għoti ta' kuntratti skond dik is-sistema, entitajiet kontraenti għandhom jużaw biss mezzi elettroniċi bi qbil ma' l-Artikolu 48(2) sa (5).

3. Għall-għanijiet tat-twaqqif tas-sistema dinamika ta' xiri, entitajiet kontraenti għandhom:

(a) jippubblikaw avviż ta' kuntratt li jagħmilha ċara li sistema dinamika ta' xiri hija involuta;

(b) jindikaw fl-ispeċifikazzjoni, fost materji oħra, in-natura tax-xiri prevvist skond dik is-sistema, kif ukoll it-tagħrif kollu meħtieġ rigward is-sistema ta' xiri, it-tagħmir elettroniku wżat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' konnessjoni;

(ċ) joffru permezz ta' mezzi elettroniċi, mal-pubblikazzjoni ta' l-avviż u sakemm tiskadi s-sistema, aċċess mhux ristrett, dirett u sħiħ għall-ispeċifikazzjoni u għal kull dokument addizzjonali u għandhom jindikaw fl-avviż l-indirizz ta' l-internet li fih dawk id-dokumenti jistgħu jiġu konsultati.

4. Entitajiet kontraenti għandhom jagħtu lil kull operatur ekonomiku, matul il-perjodu intier tas-sistema dinamika ta' xiri, il-possibilta ta' sottomissjoni ta' offerta indikattiva u li jiġi mdaħħal fis-sistema fuq il-kondizzjonijiet riferiti fil-paragrafu 2. Għandhom ikomplu l-evalwazzjoni fi żmien massimu ta' 15-il ġurnata mid-data tas-sottomissjoni ta' l-offerta indikattiva. Madankollu, jistgħu jestendu l-perjodu ta' evalwazzjoni basta li sadattant ma tinħareġ l-ebda stedina għall-offerti.

Entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu lill-persuna li tagħmel l-offerti riferita l-ewwel sottoparagrafu ma' l-ewwel opportunita possibbli biddħul tagħha fis-sistema dinamika ta' xiri jew fir-rifjut ta' l-offerta indikattiva tagħha.

5. Kull kuntratt speċifiku għandu jkun is-suġġett ta' stedina għall-offerti. Qabel ma tinħareġ stedina għall-offerti, entitajiet kontraenti għandhom jippubblikaw avviż simplifikat ta' kuntratt li jistieden lill-operaturi ekonomiċi kollha interessati li jissottomettu offerta indikattiva, bi qbil mal-paragrafu 4, f'limitu ta' żmien li ma jistax ikun inqas minn 15-il ġurnata mid-data li fiha ntbagħat l-avviż simplifikat. Entitajiet kontraenti ma jistgħux jipproċedu bi stediniet ta' offerti sakemm ma jkunux lestew evalwazzjoni ta' l-offerti indikattivi kollha rċevuti f'dak il-limitu ta' żmien.

▼B

6. Entitajiet kontraenti għandhom jistiednu lill-persuni kollha li jagħmlu l-offerti li jiddaħħlu fis-sistema biex jissottomettu offerta għal kull kuntratt speċifiku li jrid jingħata skond is-sistema. Għal dak il-għan, għandhom ifasslu limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' offerti.

Għandhom jagħtu l-kuntratt lill-persuna li tagħmel l-offerti li tkun issottomettiet l-aħjar offerta fuq il-bażi tal-kriterji ta' l-għoti dikjarati fl-avviż tal-kuntratt għall-istabbilizzazzjoni tas-sistema dinamika ta' xiri. Dawk il-kriterji jistgħu, jekk ikun xieraq, jiġu formulati aktar preċiżament fl-istedina riferita fl-ewwel sottoparagrafu.

7. Sistema dinamika ta' xiri tista' ma ddumx aktar minn erba' snin, minbarra f'każijiet eċċezzjonali ġustifikati kif mistħoqq.

Entitajiet kontraenti ma jistgħux iduru għal din is-sistema biex jipprevjenu, jirrestrinġu jew jgħawwġu l-kompetizzjoni.

L-ebda ħlasijiet ma jistgħu jitħallsu mill-operaturi ekonomiċi interessati jew minn partijiet fis-sistema.

## IL-KAPITOLU II

## *Livelli minimi u dispożizzjonijiet ta' esklużjoni*

### Sezzjoni 1

### Livelli minimi

#### *Artikolu 16*

#### **Livelli minimi ta' kuntratti**

Minbarra fejn ikunu mwarrba mill-esklużjonijiet fl-Artikoli 19 sa 26 jew skond l-Artikolu 30, rigward is-segwiment ta' l-attività msemmija, din id-Direttiva għandha tapplika għal kuntratti li għandhom valur li jeskludi t-taxxa tal-valur miżjud (*VAT*) stmat li mhuwiex inqas mill-livelli minimi li ġejjin:

(a) ►**M14** EUR 418 000 ◄ fil-każ ta' kuntratti ta' provvdita u ta' servizz;

(b) ►**M14** EUR 5 225 000 ◄ fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet.

#### *Artikolu 17*

#### **Metodi ta' kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratti, qafas ta' ftehim u sistemi dinamiċi ta' xiri**

1. Il-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt għandu jiġi bażat fuq l-ammont totali pagabbli, nett ta' VAT, kif stmat mill-entità kontraenti. Dan il-kalkolu għandu jqis l-ammont totali stmat, inkluż kull forma ta' għażla u kull tiġdid tal-kuntratt.

Fejn l-entità kontraenti tipprovdi għal premijiet jew ħlasijiet lil kandidati jew persuni li jagħmlu l-offerti għandha tqis dawn meta tikkalkola l-valur stmat tal-kuntratt.

2. Entitajiet kontraenti jistgħu ma jaħarbux minn din id-Direttiva billi jifirdu proġetti ta' xogħlijiet jew xiri propost ta' ċertu kwantità ta' provvisti u/jew servizzi jew billi jużaw metodi speċjali għall-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratti.

3. Rigward qafas ta' ftehim u sistemi dinamiċi ta' xiri, il-valur stmat li jrid jitqies għandu jkun il-valur nett massimu stmat ta' VAT tal-kuntratti kollha prevvisti għall-iskond totali tal-ftehim jew tas-sistema.

▼B

4. Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 16, entitajiet kontraenti għandhom jinkludu fil-valur stmat ta' kuntratt ta' xogħlijiet kemm l-ispiża tax-xogħlijiet kif ukoll il-valur ta' xi provvisti jew servizzi meħtieġa għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, li jistgħu jagħmlu disponibbli lill-kuntrattur.

5. Il-valur ta' provvisti jew servizzi li mhumiex meħtieġa għat-twettieq ta' kuntratt tax-xogħol partikolari jista' ma jiżdiedx mal-valur tal-kuntratt ta' xogħlijiet meta dan ikun jirriżulta fit-tneħħija ta' l-akkwist ta' dawk il-provvisti jew servizzi mill-iskop ta' din id-Direttiva.

6. (a) Fejn xogħol propost jew xiri ta' servizzi jista' jiriżulta fl-għoti ta' kuntratti fl-istess ħin fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jitqies il-valur totali stmat ta' dawn il-lottijiet.

Fejn il-valur aggregat tal-lottijiet huwa ugwali għal jew jaqbeż l-livell minimu preskritt fl-Artikolu 16, din id-Direttiva għandha tapplika għall-għoti ta' kull lott.

Madankollu, l-entitajiet kontraenti jistgħu jirrinunzjaw din l-applikazzjoni rigward il-lottijiet li l-valur stmat tagħhom, nett ta' VAT, huwa inqas minn 80 000 EUR għal servizzi jew miljun EUR għal xogħlijiet, basta li l-valur aggregat ta' dawk il-lottijiet ma jaqbiżx l-20 % tal-valur aggregat tal-lottijiet kollha.

(b) Fejn proposta għall-akkwist ta' provvisti simili tista' tiriżulta fl-għoti ta' kuntratti fl-istess ħin fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jitqies il-valur totali stmat ta' dawn il-lottijiet meta jiġi applikat l-Artikolu 16.

Fejn il-valur aggregat tal-lottijiet huwa ugwali għal jew jaqbeż il-livell minimu preskritt fl-Artikolu 16, din id-Direttiva għandha tapplika għall-għoti ta' kull lott.

Madankollu, l-entitajiet kontraenti jistgħu jirrinunzjaw din l-applikazzjoni rigward il-lottijiet, li l-valur stmat tagħhom, nett ta' VAT, huwa inqas minn 80 000 EUR, basta li l-ispiża aggregata ta' dawk il-lott-ijiet ma jaqbiżx l-20 % tal-valur aggregat tal-lottijiet kollha.

7. Fil-każ ta' kuntratti ta' provvista jew ta' servizz li huma ta' natura regolari jew li hemm il-ħsieb li jiġġeddu f'perjodu msemmi, il-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jiġi bażat fuq dan li ġej:

(a) jew il-valur totali attwali tal-kuntratti suċċessivi ta' l-istess tip mogħtija matul it-tnax-il xahar preċedenti jew is-sena finanzjarja aġġustata, jekk ikun possibbli, biex jitqiesu t-tibdiliet fi kwantità jew valur li jisgħu jseħħu fil-kors tat-12-il xahar wara l-kuntratt inizjali;

(b) jew il-valur totali stmat tal-kuntratti suċċessivi mogħtija matul it-12-il xahar wara l-ewwel kunsinja, jew matul is-sena finanzjarja jekk din tkun itwal minn 12-il xahar.

8. Il-bażi għall-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt inkluż kemm il-provvisti kif ukoll is-servizzi għandha tkun il-valur totali tal-provvisti u s-servizzi, mingħajr ma jingħata każ ta' l-ishma rispettivi tagħhom. Il-kalkolu għandu jinkludi l-valur ta' l-operati ta' tfittxija ta' post (*siting*) u ta' stallazzjoni.

▼B

9. Rigward kuntratti ta' provvista li għandhom x'jaqsmu ma' kiri b'self, kiri (hire), kiri (rentali) jew xiri bin-nifs ta' prodotti, il-valur li jrid jittieħed bħala bażi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun kif ġej:

(a) fil-każ ta' kuntratti fuq skond fiss, jekk dak l-iskond huwa inqas jew ugwali għal 12-il xahar, il-valur totali stmat għall-iskond tal-kuntratt jew, jekk l-iskond tal-kuntratt huwa aktar minn 12-il xahar, il-valur totali inkluż il-valur residwu stmat;

(b) fil-każ ta' kuntratti mingħajr skond fiss jew li l-iskond tagħhom ma jistax jiġi definit, il-valur ta' kull xahar moltiplikat b'48.

10. Għall-għanijiet tal-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt ta' kuntratti ta' servizz, għandhom jitqiesu, fejn xieraq, l-ammonti li ġejjin:

(a) il-primjum pagabbli, u forom oħra ta' rimunerazzjoni, fil-każ ta' servizzi ta' assigurazzjoni;

(b) miżati, kummissjonijiet, imgħax u modi oħra ta' rimunerazzjoni, fil-każ ta' servizzi bankarji u finanzjarji oħra;

(ċ) miżati, kummissjonijiet pagabbli u forom oħra ta' rimunerazzjoni, fil-każ ta' kuntratti li jinvolvu xogħlijiet ta' disinn.

11. Fil-każ ta' kuntratti ta' servizz li ma jindikawx prezz totali, il-valur li jrid jintuża bħala l-bażi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun:

(a) fil-każ ta' kuntratti fuq skond fiss, jekk dak it-terminu huwa inqas minn jew ugwali għal 48 xahar: il-valur totali għall-iskond sħiħ tagħhom;

(b) fil-każ ta' kuntratti mingħajr skond fiss jew bi skond aktar minn 48 xahar: il-valur ta' kull xahar moltiplikat b'48.

## Sezzjoni 2

## Kuntratti u konċessjonijiet u kuntratti suġġetti għal arranġamenti speċjali

### *SOTTOSEZZJONI 1*

### *Artikolu 18*

### **Konċessjonijiet ta' xogħlijiet u servizz**

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal konċessjonijiet ta' xogħlijiet u servizz li huma mogħtija minn entitajiet kontraenti li qed iwettqu waħda jew aktar mill-attivitajiet riferiti fl-Artikoli 3 sa 7, fejn dawk il-konċessjonijiet huma mogħtija għat-twettieq ta' dawk l-attivitajiet.

▼B

*SOTTOSEZZJONI 2*

Esklużjonijiet applikabbli għall-entitajiet kontraenti kollha u għat-tipi kollha ta' kuntratt

*Artikolu 19*

**Kuntratti mogħtija għall-għanijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew kiri b'self lill-partijiet terzi**

1. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti mogħtija għall-għanijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew kiri b'self lill-partijiet terzi, basta li l-entità kontraenti ma tgawdi l-ebda dritt speċjali jew esklussiv għall-bejgħ jew il-kiri b'self ta' dawn il-kuntratti, u entitajiet oħra huma ħielsa li jbigħuh jew jikruh b'self fuq l-istess kondizzjonijiet ta' l-entità kontraenti.

2. L-entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni fuq talba tagħha bil-kategoriji kollha ta' prodotti jew attivitajiet li huma jqisu bħala eskluži skond il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni tista' perjodikament tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għal għanijiet ta' tagħrif, listi tal-kategoriji ta' prodotti u attivitajiet li hija tqis li huma koperti minn din l-esklużjoni. B'hekk, il-Kummissjoni għandha tirrispetta kull aspett kummerċjali sensittiv li l-entitajiet kontraenti jistgħu jsemmu meta jkunu qed jibagħtu t-tagħrif.

*Artikolu 20*

**Kuntratti mogħtija għall-għanijiet oħra għajr is-segwiment ta' attività koperta jew għas-segwiment ta' din l-attività f'pajjiż terz**

1. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti li l-entitajiet kontraenti jagħtu għal għanijiet oħra għajr is-segwiment ta' l-attivitajiet tagħhom kif deskritt fl-Artikoli 3 sa 7 jew għas-segwiment ta' dawn l-attivitajiet f'pajjiż terz, f'kondizzjonijiet li ma jinvolvux l-użu fiżiku ta' xibka jew erja ġeografika fil-Komunità.

2. L-entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni fuq talba tagħha bl-attivitajiet kollha li huma jqisu bħala eskluži skond il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni tista' perjodikament tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għal għanijiet ta' tagħrif, listi tal-kategoriji ta' attivitajiet li hija tqis li huma koperti minn din l-esklużjoni. B'hekk, il-Kummissjoni għandha tirrispetta kull aspett kummerċjali sensittiv li l-entitajiet kontraenti jistgħu jsemmu meta jkunu qed jibagħtu t-tagħrif.

*Artikolu 21*

**Kuntatti li huma sigrieti jew jeħtieġu miżuri speċjali ta' sigurtà**

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti meta dawn huma dikjarati bħala sigrieti minn Stat Membru, meta t-twettieq tagħhom irid jiġi akkompanjat minn miżuri speċjali ta' sigurtà bi qbil mal-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat, jew fejn dan ikun meħtieġ mill-protezzjoni ta' l-interessi bażiċi ta' sigurtà ta' dak l-Istat Membru.

▼B

*Artikolu 22*

**Kuntratti mogħtija skond regoli internazzjonali**

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti regolati minn regoli proċedurali differenti u mogħtija:

(a) skond ftehim internazzjonali konkluż bi qbil mat-Trattat bejn Stat Membru u wieħed jew aktar mill-pajjiżi terzi u li jkopri provvisti, xogħlijiet, servizzi jew kuntesti ta' disinn maħsuba għall-implimentazzjoni konġunta jew l-esplojtazzjoni ta' proġett mill-Istati firmatarji; il-ftehim kollha għandhom jiġu komunikati lill-Kummissjoni, li tista' tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv għal Kuntratti Pubbliċi riferit fl-Artikolu 68;

(b) skond ftehim internazzjonali konkluż li għandu x'jaqsam ma' l-istazzjonar ta' truppi u rigward l-impriżi ta' Stat Membru jew pajjiż terz;

(ċ) skond il-proċedura partikolari ta' organizzazzjoni internazzjonali.

▼M9

*Artikolu 22a*

**Kuntratti fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà**

Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal kuntratti li għalihom tapplika d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà [1], lanqas għall-kuntratti li għalihom dik id-Direttiva ma tapplikax taħt l-Artikoli 8, 12 u 13 tagħha.

▼B

*Artikolu 23*

**Kuntratti mogħtija lill-impriża affiljata, lill-*joint venture* jew lil entità kontraenti li tifforma parti minn *joint venture***

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu "impriża affiljata" tfisser kull impriża li l-kontijiet annwali tagħha huma konsolidata ma' dawk ta' l-entità kontraenti bi qbil mal-ħtiġijiet tas-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju bażata fuq l-Artikolu 44(2)(g) tat-Trattat dwar kontijiet konsolidati [2] [3], jew, fil-każ ta' entitajiet mhux suġġetti għal dik id-Direttiva, kull impriża li fuqha l-entità kontraenti tista' teżerċita, direttament jew indirettament, influwenza dominanti fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(b) misjub fih jew li tista' teżerċita influwenza fuq entità kontraenti jew li, bħall-entità kontraenti, hija suġġetta għall-influwenza dominanti ta' impriża oħra minħabba f'pussess, parteċipazzjoni finanzjarja, jew ir-regoli li jirregolawha.

[1] ĠU L 217, 20.8.2009, p. 76.
[2] ĠU L 193, tat-18.7.1983, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 283, tat-27.10.2001, p. 28).
[3] Nota Editorjali: It-titolu tad-Direttiva ġie aġġustat biex iqis l-għotja ta' numri mill-ġdid ta' l-Artikoli tat-Trattat bi qbil ma' l-Artikolu 12 tat-Trattat ta' Amsterdam; ir-riferenza oriġinali kienet għall-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat.

▼B

2. Sakemm jintlaħqu l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 3, din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti mogħtija:

(a) minn entità kontraenti lil impriża affiljata, jew

(b) minn *joint venture*, iffurmata esklussivament minn numru ta' entitajiet kontraenti għall-għan tat-twettieq ta' attivitajiet fit-tifsira ta' l-Artikoli 3 sa 7, lil impriża li hija affiljata ma' waħda minn dawn l-entitajiet kontraenti.

3. Paragrafu 2 għandu jgħodd:

(a) għal kuntratti ta' servizz basta li mill-80 % tat-*turnover* medju ta' l-impriża affiljata rigward is-servizzi għat-tliet snin preċedenti joħroġ mill-provvediment ta' dawn is-servizzi lil impriżi li magħhom hija affiljata;

(b) għal kuntratti ta' servizz basta li mill-inqas 80 % tat-*turnover* medju ta' l-impriża affiljata rigward il-provvisti għat-tliet snin preċedenti joħroġ mill-provvediment ta' dawn il-provvisti lil impriżi li magħhom hija affiljata;

(ċ) għal kuntratti ta' xogħlijiet basta li mill-inqas 80 % tat-*turnover* medju ta' l-impriża affiljata igward ix-xogħlijiet għat-tliet snin preċedenti joħroġ mill-provvediment ta' dawn ix-xogħlijiet lil impriżi li magħhom hija affiljata.

Fejn, minħabba fid-data li fiha impriża affiljata ġiet maħluqa jew bdiet l-attivitajiet, it-*turnover* mhuwiex disponibbli għat-tliet snin preċedenti, ikun suffiċjenti għal dik l-impriża li jintwera li t-*turnover* riferita f'punti (a), (b) jew (ċ) huwa kredibbli, partikolarment permezz ta' proġettazzjonijiet ta' negozju.

Fejn aktar minn impriża waħda affiljata ma' l-entità kontraenti tipprovdi l-istess servizzi, provvisti jew xogħlijiet jew servizzi provvisti jew xogħlijiet simili, il-persentaġġi msemmija fuq għandhom jiġu kalkolati waqt li jitqies it-*turnover* totali li jinħoloq rispettivament mill-provvediment ta' servizzi, provvisti jew xogħlijiet minn dawk l-impriżi affiljati.

4. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti mogħtija:

(a) minn *joint venture*, iffurmata esklussivament minn numru ta' entitajiet kontraenti għall-għan tat-twettieq ta' attivitajiet fit-tifsira ta' l-Artikoli 3 sa 7, ma' waħda minn dawn l-entitajiet kontraenti, jew

(b) minn entità kontraenti lil *joint venture* bħal din li minnha tifforma parti, basta li l-*joint venture* ġiet imfassla sabiex titwettaq l-attività konċernata fuq perjodu ta' mill-inqas tliet snin u li l-istrument fit-twaqqif tal-*joint venture* jistipula li l-entitajiet kontraenti, li jiffurmawha, se jkunu parti minnha għal mill-inqas l-istess perjodu.

5. Entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, bit-tagħrif li ġej rigward l-applikazzjoni ta' paragrafi 2,3 u 4:

(a) l-ismijiet ta' l-impriżi jew il-*joint ventures* konċernati,

(b) in-natura u l-valur tal-kuntratti nvoluti,

(ċ) prova kif meqjus xieraq mill-Kummissjoni li r-relazzjoni bejn l-impriża jew il-*joint venture* li għaliha jingħataw il-kuntratti u l-entità kontraenti tikkonforma mal-ħtiġijiet ta' dan l-Artikolu.

▼B

*SOTTOSEZZJONI 3*

Esklużjonijiet applikabbli għall-entitajiet kontraenti kollha, imma għal kuntratti ta' servizz biss

*Artikolu 24*

**Kuntratti li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti servizzi eskluži mill-iskop ta' din id-Direttiva**

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti ta' servizz għal:

(a) l-akkwist jew il-kiri, permezz ta' mezzi finanzjarji jkunu x' ikunu, ta' art, bini eżistenti, jew propjeta immobbli oħra jew drittijiet konċernati fuqhom; madankollu, kuntratti ta' servizz finanzjarju konkluži fl-istess ħin bħal, jew qabel jew wara l-kuntratt ta' akkwist jew kiri, tkun xi tkun l-għamla tagħhom, għandhom jiġu soġġetti għal din id-Direttiva;

(b) servizzi ta' arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni;

(ċ) servizzi finanzjarji f'konnessjoni mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' sigurtajiet jew strumenti finanzjarji oħra, partikolarment transazzjonijiet mill-entitajiet kontraenti biex jinġabru flus jew kapital;

(d) kuntratti ta' mpieg;

(e) servizzi oħra ta' riċerka u ta' żvilupp għajr dawk fejn il-benefiċċji jmorru esklussivament lill-entità kontraenti biex jintużaw fil-kondotta ta' l-affarijiet tagħha, fuq kondizzjoni li s-servizz provvdut jiġu mħallas kollu mill-entità kontraenti.

*Artikolu 25*

**Kuntratti ta' servizz mogħtija fuq il-bażi ta' dritt esklussiv**

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti ta' servizz mogħtija lill-entità li hija fiha nnifisha awtorita kontraenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a) jew lil assoċjazzjoni ta' awtoritajiet kontraenti fuq il-bażi ta' dritt esklussiv li huma jgawdu skond liġi pubblikata, regolament jew disposizzjon amministrattiv li huwa kompatibbli mat-Trattat.

*SOTTOSEZZJONI 4*

Esklużjonijiet applikabbli għal ċerti entitajiet kontraenti biss

*Artikolu 26*

**Kuntratti mogħtija minn ċerti entitajiet kontraenti għax-xiri ta' ilma u għall-provvista ta' enerġija jew ta' karburanti għall-produzzjoni ta' l-enerġija**

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika:

(a) għal kuntratti għax-xiri ta' l-ilma jekk jingħataw minn entitajiet kontraenti imqabbda f'attività waħda jew fiż-żewġ attivitajiet riferiti fl-Artikolu 4(1).

(b) għal kuntratti għall-provvista ta' l-enerġija jew tal-karburanti għall-produzzjoni ta' l-enerġija, jekk jingħataw minn entitajiet kontraenti mqabbda f'attività riferita fl-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(3) jew l-Artikolu 7(a).

▼B

*SOTTOSEZZJONI 5*

Kuntratti suġġetti għal arranġamenti speċjali, dispożizzjonijiet rigward korpijiet ċentrali ta' xiri u l-proċedura ġenerali fil-każ ta' esposizzjoni diretta għall-kompetizzjoni

*Artikolu 27*

**Kuntratti suġġetti għal arranġamenti speċjali**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30 ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Renju Unit, ir-Repubblika ta' l-Awstrija u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandhom jiżguraw li, minħabba fil-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jew miżuri oħra xierqa, li kull entità li qed topera fis-setturi msemmija f'Deċiżjonijiet 93/676/KEE, 97/367/KEE, 2002/205/KE u 2004/73/KE:

(a) tosserva l-prinċipji ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni u akkwist kompetittiv rigward l-għoti ta' kuntratti ta' provvisti, xogħlijiet u ta' servizz, partikolarment rigward it-tagħrif li l-entità tagħmel disponibbli lill-operaturi ekonomiċi rigward l-intenzjonijiet tagħha ta' akkwist;

(b) tikkomunika lill-Kummissjoni, skond il-kondizzjonijiet definiti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/327/KEE li tiddefinixxi l-kondizzjonijiet li skondhom entitajiet kontraenti li jesplojtaw erji ġeografiċi għall-għan ta' esplorazzjoni għal jew estrazzjoni ta' żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra jridu jikkomunikaw lill-Kummissjoni tagħrif li għandu x'jaqsam mal-kuntratti li jagħtu ([1]).

*Artikolu 28*

**Kuntratti riservati**

L-Istati Membri jistgħu jirriservaw id-dritt li jipparteċipaw fi proċeduri ta' għoti ta' kuntratti lil *workshops* prottetti jew jipprovdu li dawn il-kuntratti jitwettqu fil-kuntest ta' programmi ta' impjieg protetti fejn 'l biċċa 'l kbira ta' l-impjegati konċernati huma persuni b'diżabilita li, minħabba fin-natura jew is-serjeta tad-diżabilitajiet tagħhom, ma jistgħux iwettqu xogħlijiet fuq kondizzjonijiet normali.

L-avviż użat biex issir sejħa għal kompetizzjoni għandu jagħmel referenza għal dan l-Artikolu.

*Artikolu 29*

**Kuntratti u qafas ta' ftehim mogħtija minn korpijiet ċentrali ta' xiri**

1. L-Istati Membri jistgħu jippreskrivu li entitajiet kontraenti jistgħu jixtru xogħlijiet, provvisti u/jew servizzi minn jew permezz ta' korp ċentrali ta' xiri.

2. Entitajiet kontraenti li jixtru xogħlijiet, provvisti u/jew servizzi minn jew permezz ta' korp ċentrali ta' xiri fil-każijiet dikjarati fl-Artikolu 1(8) għandhom jitqiesu li jkunu konformaw ma' din id-Direttiva sakemm il-korp ċentrali ta' xiri jkun ikkonforma magħha jew, fejn ikun xieraq, mad-Direttiva 2004/18/KE.

([1]) ĠU L 129, tas-27.5.1993, p. 25.

▼B

*Artikolu 30*

**Proċedura biex tiġi stabbilita jekk attività mogħtija hijiex esposta direttament għall-kompetizzjoni**

1. Kuntratti maħsuba biex jgħinu biex attività msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 titwettaq m'għandhomx ikunu suġġetti għal din id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru li fih titwettaq, l-attività hija esposta direttament għal kompetizzjoni fuq swieq li għalihom l-aċċess m'huwiex ristrett.

2. Għall-għanijiet ta' paragrafu 1, il-kwistjoni ta' jekk attività hijiex esposta direttament għal kompetizzjoni għandha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' kriterji li huma f'konformita mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat fuq kompetizzjoni, bħalma huma l-karatteristiċi tal-merkanzija jew is-servizzi konċernati, l-eżistenza ta' merkanzija jew servizzi alternattivi, l-prezzijiet u l-presenza attwali jew potenzali ta' aktar minn provveditur wieħed tal-merkanzija jew servizzi msemmija.

3. Għall-għanijiet ta' paragrafu 1, aċċess għal suq għandu jitqies li m'huwiex ristrett jekk l-Istat Membru jkun implimenta u applika d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja msemmija fl-Anness XI.

Jekk aċċess ħieles għal suq imsemmi ma jistax jiġi meqjus fuq il-bażi ta' l-ewwel sottoparagrafu, għandu jiġi muri li aċċess għax-suq imemmi huwa ħieles *de facto* u *de jure*.

4. Fejn Stat Membru jqis li, f'konformita mal-paragrafi 2 u 3, paragrafu 1 huwa applikabbli għal attività msemmija, għandu javża lill-Kummissjoni u jgħarrafha bil-fatti rilevanti kollha, u partikolarment b'kull liġi, regolament, dispożizzjoni amministrattiva jew ftehim rigward konformita mal-kondizzjonijiet dikjarati fil-paragrafu 1, fejn xieraq flimkien mal-pożizzjoni adottata minn awtorita nazzjonali indipendenti li hija kompetenti f'relazzjoni ma' l-attività konċernata.

Kuntratti maħsuba biex igħinu biex titwettaq l-attività konċenata m'għandhomx ikunu suġġetti aktar għal din id-Direttiva jekk il-Kummissjoni:

— tkun adottat Deċiżjoni li tistabbilixxi l-applikabilita ta' paragrafu 1 bi qbil mal-paragrafu 6 u f'perjodu ta' żmien provvdut minnha, jew

— ma tkunx adottat Deċiżjoni rigward din l-applikabilita f'dak il-perjodu.

Madankollu, fejn aċċess ħieles għal suq imsemmi huwa meqjus fuq il-bażi ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' paragrafu 3, u fejn awtorita nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fl-attività konċernata tkun stabbiliet l-applikabilita ta' paragrafu 1, kuntratti maħsuba biex igħinu biex titwettaq l-attività konċernata m'għandhomx jiġu suġġetti aktar għal din id-Direttiva jekk il-Kummissjoni ma tkunx stabbiliet in-nuqqas ta' applikabilita ta' paragrafu 1 minn Deċiżjoni adottata f'konformita ma' paragrafu 6 u fil-perjodu taż-żmien li tipprovdi.

5. Meta l-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru konċernat tipprovdi għal dan, l-entitajiet kontraenti jistgħu jistaqsu lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-applikabilita ta' paragrafu 1 għal attività msemmija minn Deċiżjoni f'konformita ma' paragrafu 6. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tgħarraf immedjatament l-Istat Membru konċernat.

Dak L-Istat Membru għandu, huwa u jqis il-paragrafi 2 u 3, jgħarraf lill-Kummissjoni bil-fatti rilevanti kollha, u partikolarment b'kull liġi, regolament, dispożizzjoni amministrattiva jew ftehim rigward konformita mal-kondizzjonijiet dikjarati fil-paragrafu 1, fejn xieraq flimkien mal-pożizzjoni adottata minn awtorita nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fl-attività konċernata.

▼B

Il-Kummissjoni tista' tibda wkoll il-proċedura għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tistabbilixxi l-applikabilita ta' paragrafu 1 għal attività msemmija fuq l-inizjattiva tagħha stess. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tgħarraf immedjatament l-Istat Membru konċernat.

Jekk, fl-aħħar tal-perjodu ta' żmien preskritt fil-paragrafu 6, il-Kummissjoni ma tkunx adottat Deċiżjoni rigward l-applikabilita ta' paragrafu 1 għal attività msemmija, paragrafu 1 għandu jitqies li huwa applikabbli.

6. Għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni skond dan l-Artikolu, bi qbil mal-proċedura skond l-Artikolu 68(2), il-Kummissjoni għandha tiġi permessa perjodu ta' żmien ta' tliet xhur li jibda fl-ewwel ġurnata tax-xogħol li tiġi wara d-data li fiha terċievi n-notifika jew it-talba. Madankollu, dan il-perjodu jista' jiġi estiż darba b'massimu ta' tliet xhur f'każijiet ġustifikati kif mistħoqq, partikolarment jekk it-tagħrif li jinstab fin-notifika jew fit-talba jew fid-dokumenti annessati miegħu m'huwiex komplet jew m'huwiex eżatt jekk il-fatti kif rapportati jgħaddu minn tibdiliet sostantivi. Din l-estensjoni għandha tiġi limitata għal xahar fejn awtorita nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fl-attività konċernata tkun stabbiliet l-applikabilita ta' paragrafu 1 fil-każijiet provduti skond it-tielet sottoparagrafu ta' paragrafu 4.

Fejn attività fi Stat Membru msemmi hija diġa s-suġġett ta' proċedura skond dan l-Artikolu, aktar talbiet rigward l-istess attività fl-istess Stat Membru qabel l-iskadenza tal-perjodu miftuħ rigward l-ewwel talba m'għandhomx jitqiesu bħala proċeduri ġodda u għandhom jiġu trattati fil-kuntest ta' l-ewwel talba.

Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati biex jiġu applikati paragrafi 4,5 u 6 bi qbil mal-proċedura taħt l-Artikolu 68(2).

Dawn ir-regoli għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, għal tagħrif, tad-data li fiha jibda l-perjodu ta' tliet xhur riferit fl-ewwel sottoparagrafu, u, f'każ li dan il-perjodu jiġi mtawwal, id-data sa meta jiġi mtawwal u l-perjodu li bih jiġi mtawwal;

(b) pubblikazzjoni ta' l-applikabilita possibbli ta' paragrafu 1 bi qbil mat-tieni jew it-tielet sottoparagrafu ta' paragrafu 4 jew bi qbil mar-raba' sottoparagrafu ta' paragrafu 5; u

(ċ) l-arranġamenti għal *forwarding positions* adottati minn awtorita indipendenti li hija kompetenti fl-attività konċernata, rigward kwistjonijiet rilevanti f'paragrafi 1 u 2.

IL-KAPITOLU III

***Regoli applikabbli għal kuntratti ta' servizz***

*Artikolu 31*

**Kuntratti ta' servizz imniżżla f'lista fl-Anness XVII A**

Kuntratti li għandhom bħala l-għan tagħhom servizzi mniżżla f'lista fl-Anness XVII A għandhom jingħataw bi qbil ma' l-Artikoli 34 sa 59.

*Artikolu 32*

**Kuntratti ta' servizz imniżżla f'lista fl-Anness XVII B**

Kuntratti li għandhom bħala l-għan tagħhom servizzi mniżżla f'lista fl-Anness XVII B għandhom jiġu regolati biss mill-Artikoli 34 u 43.

▼B

*Artikolu 33*

**Kuntratti ta' servizz imħallta inklużi servizzi mniżżla f'lista fl-Annessi XVII A u servizzi mniżżla f'lista fl-Anness XVII B**

Kuntratti li għandhom bħala l-kontentut tas-suġġett tagħhom servizzi mniżżla f'lista kemm fl-Anness XVII A kif ukoll fl-Anness XVII B għandhom jingħataw bi qbil ma' l-Artikoli 34 sa 59 fejn il-valur tas-servizzi mniżżla f'lista fl-Anness XVII A huwa aktar mill-valur tas-servizzi mniżżla f'lista fl-Anness XVII B. F'każijiet oħra, kuntratti għandhom jingħataw bi qbil ma' l-Artikoli 34 sa 43.

IL-KAPITOLU IV

***Regoli speċifiċi li jirregolaw speċifikazzjonijiet u dokumenti ta' kuntratt***

*Artikolu 34*

**Speċifikazzjonijiet tekniċi**

1. Speċifikazzjonijiet tekniċi kif definiti f'punt 1 ta' l-Anness XXI għandhom jiġu dikjarati fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt, bħal avviżi tal-kuntratt, dokumenti tal-kuntratt jew dokumenti addizzjonali. Kull meta jkun possibbli dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu definiti sabiex jitqiesu kriterji ta' aċċessibilita għal persuni b'diżabilitajiet jew disinn għall-utenti kollha.

2. Speċifikazzjonijiet tekniċi għandhom joffru aċċess ugwali għal persuni li jagħmlu l-offerti u m'għandux ikollhom l-effett li joħolqu ostakoli mhux ġustifikati għall-ftuħ ta' akkwist pubbliku għall-kompetizzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għal regoli tekniċi nazzjonali li jorbtu legalment, sal-punt li huma kompatibbli mal-liġi Komunitarja, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu formulati:

(a) jew permezz ta' riferenza għal speċifikazzjonijiet tekniċi definiti fl-Anness XXI u, f'ordni skond il-preferenza, *standards* nazzjonali li jbiddlu *standards* Ewropej, approvazzjonijiet tekniċi Ewropej, speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, *standards* internazzjonali, sistemi oħra tekniċi ta' riferenza stabbiliti mill-korpijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej jew – fejn dawn ma jeżistux – *standards* nazzjonali, approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew speċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mad-disinn, il-kalkolu u l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet u l-użu tal-prodotti. Kull riferenza għandha tiġi akkompanjata mill-kliem jew "ekwivalenti";

(b) jew f'termini ta' twettieq jew ħtiġijiet funzjonali; dawn ta' l-aħħar jistgħu jinkludu karatteristiċi ambjentali. Madankollu, dawn il-parametri jridu jkunu preċiżi biżżejjed biex jippermettu lill-persuni li jagħmlu l-offerti biex jistabbilixxu l-kontenut tas-suġġett tal-kuntratt u jippermettu lill-entitajiet kontraenti li jagħtu l-kuntratt;

(ċ) jew f'termini ta' twettieq jew ħtiġijiet funzjonali kif imsemmi f'sottoparagrafu (b), b'riferenza għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija f'sottoparagrafu (a) bħala mezz li bih titqies konformita ma' dan it-twettieq jew ħtieġijiet funzjonali;

(d) jew billi jirreferu għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija f'sottoparagrafu (a) għal ċerti karatteristiċi, u billi jirreferu għat-twettieq jew il-ħtiġijiet funzjonali msemmija f'sottoparagrafu (b) għal karatteristiċi oħra.

▼B

4. Fejn entità kontraenti tagħmel użu mill-għażla li tirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3(a), ma tistax tirrifjuta offerta fuq il-bażi li l-prodotti u s-servizzi offruti ma jikkonformawx ma' l-ispeċifikazzjonijiet li għalihom tkun irreferiet, ladarba l-persuna li tagħmel l-offerti tagħti xhieda fl-offerta tagħha għas-sodisfazzjoni ta' l-entità kontraenti, bi kwalunkwe mezz xieraq, li s-soluzzjonijiet li hija tipproponi jissodisfaw f'manjiera ekwivalenti l-ħtiġijiet definiti mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Mezz xieraq jista' jiġi kostitwit minn *dossier* tekniku mill-fabbrikant jew rapport test minn korp magħruf.

5. Fejn entità kontraenti tuża l-għażla provduta fil-paragrafu 3 li tippreskrivi twettieq jew ħtiġijiet funzjonali, ma tistax tirrifjuta offerta għal prodotti, servizzi jew xogħlijiet li jikkonformaw ma' *standard* nazzjonali li jbiddel *standard* Ewropew, ma' approvazzjoni tekniku Ewropew, speċifikazzjoni teknika komuni, *standard* internazzjonali, jew sistema teknika ta' riferenza stabbilita minn korp ta' standardizzazzjoni Ewropew, jekk dawk l-ispeċifikazzjonijiet jindirizzaw it-twettieq jew ħtiġijiet funzjonali li tkun ippreskriviet.

Fl-offerta tagħha, l-persuna li tagħmel l-offerti għandha tagħti xhieda għas-sodisfazzjon ta' l-entità kontraenti u permezz ta' kull mezz xieraq li l-prodott, is-servizz jew ix-xogħol f'konformita ma' l-*istandard* jilħqu t-twettieq jew ħtiġijiet funzjonali ta' l-entità kontraenti.

Mezz xieraq jista' jiġi kostitwit minn *dossier* tekniku mill-fabbrikant jew rapport test minn korp magħruf.

6. Fejn entitajiet kontraenti jippreskrivu karatteristiċi ambjentali f'termini ta' twettieq jew ħtiġijiet funzjonali kif riferit fil-paragrafu 3(b) jistgħu jużaw l-ispeċifikazzjonijet dettaljati, jew, jekk ikun meħtieġ, partijiet minnhom, kif definit mit-tikketti Ewropej jew (multi-) nazzjonali, jew minn kull tikketta eco oħra, basta li:

— dawk l-ispeċifikazzjonijiet huma xierqa biex jiddefinixxu l-karatteristiċi tal-provvisti jew is-servizzi li huma l-għan tal-kuntratt,

— il-ħtiġijiet għat-tikketta huma mfassla fuq il-bażi ta' tagħrif xjentifiku,

— it-tikketti eco huma adottati permezz ta' proċedura li fiha l-*istakeholders* kollha, bħal ma huma korpijiet tal-gvern, konsumaturi, fabbrikanti, distributuri u organizzazzjonijiet ambjentali jistgħu jipparteċipaw, u

— huma aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha.

Entitajiet kontraenti jistgħu jindikaw li l-prodotti u s-servizzi li jġorru t-tikketta eco huma meqjusa li jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi preskritti fid-dokumenti tal-kuntratt; iridu jaċċettaw kull mezz ieħor xieraq ta' xhieda, bħal *dossier* tekniku mill-fabbrikant jew rapport test minn korp magħruf.

7. "Korpijiet magħrufa", fit-tifsira ta' dan l-Artikolu, huma laboratorji ta' test u kalibrazzjoni, u korpijiet ta' ċertifikazzjoni u spezzjoni li jikkonformaw ma' *standards* applikabbli Ewropej.

Entitajiet kontraenti għandhom jaċċettaw ċertifikati minn korpijiet magħrufa stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra.

▼B

8. Sakemm mhux ġustifikat mill-kontenut tas-suġġett tal-kuntratt, speċifikazzjonijiet tekniċi m'għandhomx jirreferu għal għamla jew sors speċifiku, jew proċess partikolari, jew għal marki tal-fabbrika, patentijiet, tipi jew oriġinu jew produzzjoni speċifika bl-effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti impriżi jew ċerti prodotti. Din ir-riferenza għandha tiġi permessa, fuq bażi eċċezzjonali, fejn deskrizzjoni preċiża u intelliġenti (*intelligible*) biżżejjed tal-kontentut tas-suġġett tal-kuntratt skond il-paragrafi 3 u 4 mhijiex possibbli; din ir-riferenza għandha tiġi akkompanjata mill-kliem "jew ekwivalenti".

*Artikolu 35*

**Komunikazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi**

1. Entitajiet kontraenti għandhom mat-talba jagħmlu disponibbli lil operaturi ekonomiċi interessati li jiksbu kuntratt l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi regolarment riferiti fil-kuntratti tagħhom ta' provvista, xogħlijiet jew servizz, jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li huma maħsuba li japplikaw għal kuntratti koperti minn avviżi perjodiċi indikattivi fit-tifsira ta' l-Artikolu 41(1).

2. Fejn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma bażati fuq dokumenti disponibbli lil operaturi ekonomiċi interessati, l-inklużjoni ta' riferenza għal dawk id-dokumenti għandha tkun suffiċjenti.

*Artikolu 36*

**Varjanti**

1. Fejn il-kriterju għall-għoti tal-kuntratt ikun wieħed ta' l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, entitajiet kontraenti jistgħu jqisu varjanti li huma sottomessi minn persuna li tagħmel l-offerti u li jilħqu l-ħtiġijiet minimi speċifikati mill-entitajiet kontraenti.

Entitajiet kontraenti għandhom jindikaw fl-ispeċifikazzjonijiet jekk jawtorizzawx varjanti jew le, u jekk iva, il-ħtiġijiet minimi li jridu jintlaħqu mill-varjanti u kull ħtieġa speċifika għall-preżentazzjoni tagħhom.

2. Fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista jew servizz, entitajiet kontraenti li jkunu awtorizzaw varjanti skond il-paragrafu 1 ma jistgħux jirrifjutaw varjant fuq il-bażi waħdanija li jista', jekk ikollu suċċess, iwassal jew għal kuntratt ta' servizz aktar milli kuntratt ta' provvista jew għal kuntratt ta' provvista aktar milli kuntratt ta' servizz.

*Artikolu 37*

**Subcontracting**

Fid-dokumenti tal-kuntratt, l-entità kontraenti tista' tistaqsi, jew tista' tinħtieġ minn Stat Membru li tistaqsi lill-persuna li tagħmel l-offerti biex tindika fl-offerta tagħha kull sehem tal-kuntratt li għandu l-ħsieb biex jgħaddi *subcontract* lil partijiet terzi u kull sotto-kuntrattur propost. Din l-indikazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni tal-lijabilita prinċipali ta' l-operatur ekonomiku.

*Artikolu 38*

**Kondizzjonijiet għat-twettieq ta' kuntratti**

Entitajiet kontraenti jistgħu jippreskrivu kondizzjonijiet speċjali li għandhom x'jaqsmu mat-twettieq ta' kuntratt, basta li dawn huma kompatibbli mal-liġi Komunitarja u huma ndikati fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni jew fl-ispeċifikazzjonijiet. Il-kondizzjonijiet li jirregolaw it-twettieq ta' kuntratt jistgħu, partikolarment, jirrigwardjaw konsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali.

▼B

*Artikolu 39*

**Obbligazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi, protezzjoni ambjentali, dispożizzjonijiet ta' protezzjoni ta' impjieg u kondizzjoni ta' xogħol**

1. Entità kontraenti tista' tiddikjara fid-dokumenti tal-kuntratt, jew tinħtieġ minn Stat Membru li tiddikjara, l-korp jew korpijiet li minnhom kandidat jew persuna li tagħmel l-offerti tista' tikseb it-tagħrif xieraq dwar l-obbligazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi, protezzjoni ambjentali, ma' dispożizzjonijiet ta' protezzjoni u ma' kondizzjonijiet ta' xogħol li huma fis-seħħ fl-Istat Membru, reġjun jew lokalita li fiha s-servizzi jridu jiġu provvduti u li għandhom ikunu applikabbli għax-xogħlijiet imwettqa fuq il-post jew għas-servizzi provvduti matul it-twettieq tal-kuntratt.

2. Entità kontraenti li tipprovdi t-tagħrif riferit fil-paragrafu 1 għandha titlob lill-persuni li qed jagħmlu l-offerti jew lill-kandidati fil-proċedura ta' l-għoti tal-kuntratt biex jindikaw li jkunu qiesu, waqt it-tfassil ta' l-offerta tagħhom, l-obbligazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dispożizzjonijiet ta' protezzjoni ta' impjieg u l-kondizzjonijiet ta' xogħol li huma fis-seħħ meta s-servizz irid jiġi provvdut.

L-ewwel sottoparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 57.

IL-KAPITOLU V

***Proċeduri***

*Artikolu 40*

**L-Uzu ta' proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati**

1. Meta jingħataw kuntratti ta' provvista, xogħlijiet jew servizz, entitajiet kontraenti għandhom japplikaw il-proċeduri aġġustati għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

2. Entitajiet kontraenti jistgħu jagħżlu minn waħda mill-proċeduri deskritti fl-Artikolu 1(9)(a), (b) jew (ċ), basta li, bla ħsara għall-paragrafu 3, sejħa għal kompetizzjoni tkun saret bi qbil ma' l-Artikolu 42.

3. Entitajiet kontraenti jistgħu jużaw proċedura mingħajr sejħa minn qabel għal kompetizzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn l-ebda offerta jew l-ebda offerta xierqa jew l-ebda applikazzjoni ma tkun ġiet sottomessa b'risposta għal proċedura mingħajr sejħa minn qabel għall-kompetizzjoni, basta li l-kondizzjonijiet inizjali tal-kuntratt m'humiex mibdula sostanzjalment;

(b) fejn kuntratt huwa purament għall-għan ta' riċerka, esperiment, studju jew żvilupp, u mhux għall-għan li jiżgura profitt jew jirkupra spejjeż ta' riċerka u ta' żvilupp, u sakemm l-għoti ta' dan il-kuntratt ma jistax jippreġudika l-għotja kompetittiva ta' kuntratti sossegwenti li jfittxu, partikolarment, dawk l-għanijiet;

(ċ) fejn, għal għanijiet tekniċi jew artistiċi, jew għal raġunijiet konnessi mal-protezzjoni ta' drittijiet esklussivi, il-kuntratt jista' jitwettaq biss minn operatur ekonomiku partikolari;

(d) sakemm huwa strettament meħtieġ meta, għal raġunijiet ta' urġenza estrema li sseħħ minħabba fi ġrajjiet mhux prevvisti mill-entitajiet jiet kontraenti, l-limiti ta' żmien preskritti għal proċeduri miftuħa, proċeduri ristretti u proċeduri negozjati b'sejħa minn qabel għal kompetizzjoni ma jistgħux jiġu segwiti;

▼B

(e) fil-każ ta' kuntratti ta' provvista għal kunsinji addizzjonali mill-provveditur oriġinali li huma maħsuba jew bħala bdil parzjali ta' provvisti jew stallazzjonijiet normali jew bħala l-estensjoni ta' provvisti jew stallazzjonijiet eżistenti, fejn bidla fil-provveditur tkun tobbliga lill-entità kontraenti li takkwista materjal li għandu karatteristiċi tekniċi differenti li jkun jirriżulta f'inkompatibilita jew diffikultajiet tekniċi sproporzjonati fl-operat u l-manutenzjoni;

(f) għal xogħlijiet jew servizzi addizzjonali li ma kienux inklużi fil-proġett mogħti inizjalment jew fl-ewwel kuntratt konkluż imma, permezz ta' ċirkostanzi mhux prevvisti, saru meħtieġa għat-twettieq tal-kuntratt, fuq kondizzjoni li l-għotja ssir lill-kuntrattur jew lill-provveditur tas-servizz li qed iwettaq il-kuntratt oriġinali:

— meta dawn ix-xogħlijiet jew servizzi addizzjonali ma jistgħux jiġu separati teknikament jew ekonomikament mill-kuntratt ewlieni mingħajr inkonvenjenza kbira għall-entitajiet kontraenti, jew

— meta dawn ix-xogħlijiet jew servizzi addizzjonali, għalkemm separabbli mit-twettieq tal-kuntratt oriġinali, huma strettament meħtieġa għall-istadji aktar tard tiegħu;

(g) fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet, għal xogħlijiet ġodda li jikkonsistu fir-repetizzjoni ta' xogħlijiet simili assenjati lill-kuntrattur li lilu l-istess entitajiet kontraenti taw kuntratt aktar kmieni, basta li dawn ix-xogħlijiet jikkonformaw ma' proġett bażiku għal liema l-ewwel kuntratt ingħata wara sejħa għal kompetizzjoni; malli l-ewwel proġett jinħareġ għal offerta, għandu jingħata avviż li din il-proċedura tista' tiġi adottata u l-ispiża totali stmata ta' xogħlijiet sossegwenti għandha titqies mill-entitajiet kontraenti meta japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 16 u 17;

(h) għal provvisti kwotati u mixtrija f'suq ta' l-oġġetti għall-użu fid-dar;

(i) għal kuntratti li jridu jingħataw fuq il-bażi ta' qafas ta' ftehim, basta li l-kondizzjoni riferita fl-Artikolu 14(2) hija mwettqa;

(j) għal xiri *bargain*, fejn huwa possibbli li jinġabru provvisti billi jittieħed vantaġġ minn opportunita partikolarment vantaġġjuża disponibbli għal żmien qasir ħafna bi prezz konsiderevolment aktar baxx minn prezzijiet normali tas-suq;

(k) għal xiri ta' provvisti fuq kondizzjonijiet partikolarment vantaġġużi minn jew provveditur li definittivament qed ixolji l-attivitajiet tiegħu ta' kummerċ jew ir-riċevituri jew il-likwidaturi ta' falliment (*bankruptcy*), arranġament ma' kredituri jew proċedura simili skond liġijiet jew regolamenti nazzjonali;

(l) fejn il-kuntratt ta' servizz konċernat huwa parti mis-segwiment għal kuntest ta' disinn organizzat bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u għandu, bi qbil mar-regoli rilevanti, jingħata lir-rebbieħ jew lil wieħed mir-rebbieħa ta' dak il-kuntest; fil-każ imsemmi l-aħħar, ir-rebbieħa kollha għandhom jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fin-negozjati.

▼B

IL-KAPITOLU VI

***Regoli dwar pubblikazzjoni u trasparenza***

Sezzjoni 1

Pubblikazzjoni ta' avviżi

*Artikolu 41*

**Avviżi indikattivi perjodiċi u avviżi dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika**

1. Entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu, mill-inqas darba f'sena, permezz ta' avviż perjodiku indikattiv kif riferit fl-Anness XV A, pubblikat mill-Kummissjoni jew minnhom infushom fuq il-"profil tax-xerrej", tagħhom kif deskritt f'punt 2(b) ta' l-Anness XX:

(a) fejn huma konċernati provvisti, l-valur totali stmat tal-kuntratti jew il-qafas ta' ftehim minn erja ta' prodott li għandhom il-ħsieb li jagħtu fuq it-12-il xahar li jkun imiss, fejn il-valur totali stmat, huma u jqisu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 16 u 17, huma ugwali għal jew akbar minn 750 000 EUR.

L-erja tal-prodott għandu jiġi stabbilit mill-entitajiet jiet kontraenti b'riferenza għan-nomenklatura tal-VKA

(b) fejn huma konċernati servizzi, l-valur totali stmat tal-kuntratti jew il-qafas ta' ftehim f'kull kategorija ta' servizzi mniżżla f'lista fl-Anness XVII A li għandhom il-ħsieb li jagħtu fuq it-12-il xahar li jkun imiss, fejn dan il-valur totali stmat, huma u jqisu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 16 u 17, huma ugwali għal jew akbar minn 750 000 EUR.

(ċ) fejn huma konċernati xogħlijiet, il-karatteristiċi essenzali tal-kuntratti tax-xogħlijiet jew il-qafas ta' ftehim li għandhom il-ħsieb li jagħtu fuq it-12-il xahar li jkun imiss, li l-valur stmat tagħhom huwa ugwali għal jew akbar mill-livell minimu speċifikat fl-Artikolu 16, huma u jqisu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 17.

L-avviżi riferiti fis-sottoparagrafi (a) u (b) għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni jew jiġu pubblikati fil-profil tax-xerrej kemm jista' jkun malajr wara l-bidu tas-sena ta' l-estimi.

L-avviż riferit f'sottoparagrafu (ċ) għandu jintbagħat lill-Kummissjoni jew jiġi pubblikat fil-profil tax-xerrej kemm jista' jkun malajr wara d-deċiżjoni li tapprova l-ippjanar tal-kuntratti tax-xogħlijiet jew il-qafas ta' ftehim li l-entitajiet kontraenti għandhom il-ħsieb li jagħtu.

Entitajiet kontraenti li jippubblikaw avviż perjodiku indikattiv fuq il-profili tax-xerrej tagħhom, għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni, elettronikament, avviż tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż perjodiku indikattiv fuq profil tax-xerrej, bi qbil mal-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni elettronika ta' avviżi indikati f'punt 3 ta' l-Anness XX.

Il-pubblikazzjoni ta' l-avviżi riferiti fis-sottoparagrafu (a), (b) u (ċ) għandha tkun ta' bilfors biss meta l-entitàjiet kontraenti jagħżlu li jnaqqsu l-limiti taż-żmien għall-irċevuta ta' offerti kif preskritt fl-Artikolu 45(4).

Dan il-paragrafu m'għandux japplika għal proċeduri mingħajr sejħa minn qabel għal kompetizzjoni.

2. Entitàjiet kontraenti jistgħu, partikolarment, jippubblikaw jew jirranġaw għall-Kummissjoni biex tippubblika avviżi perjodiċi indikattivi li għandhom x'jaqsmu ma' proġetti maġġuri mingħajr ma jirrepetu tagħrif inkluż minn qabel bħala avviż perjodiku indikattiv, basta li huwa muri b'mod ċar li dawn l-avviżi huma addizzjonali.

▼B

3. Fejn entitàjiet kontraenti jagħżlu li jwaqqfu sistema ta' kwalifika bi qbil ma' l-Artikolu 53, is-sistema għandha tkun is-suġġett ta' avviż kif riferit fl-Anness XIV, li jindika l-għan tas-sistema ta' kwalifika u kif jista' jsir aċċess għar-regoli li jirrigwardjaw l-operat tiegħu. Fejn is-sistema hija ta' tul ta' żmien ta' aktar minn tliet snin, l-avviż għandu jiġi pubblikat kull sena. Fejn is-sistema hija ta' tul ta' żmien iqsar, avviż inizjali jkun biżżejjed.

*Artikolu 42*

**Avviżi wżati bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni**

1. Fil-każ ta' kuntratti ta' provvista, xogħlijiet jew servizz, is-sejħa għall-kompetizzjoni tista' ssir:

(a) permezz ta' avviż perjodiku indikattiv kif riferit fl-Anness XV A; jew

(b) permezz ta' avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika kif riferita fl-Anness XIV; jew

(ċ) permezz ta' avviż ta' kuntratt kif riferit fl-Anness XIII A, B jew Ċ.

2. Fil-każ ta' sistemi dinamiċi ta' xiri, is-sejħa għal kompetizzjoni tas-sistema għandha tkun permezz ta' avviż ta' kuntratt kif riferit fil-paragrafu 1(ċ), billi sejħat ta' kompetizzjoni għal kuntratti bażati fuq dawn is-sistemi għandhom isiru permezz ta' avviż ta' kuntratt simplifikat kif riferit fl-Anness XIII D.

3. Fejn sejħa għal kompetizzjoni issir permezz ta' avviż perjodiku indikatti, l-avviż għandu:

(a) jirreferi speċifikament għall-provvisti, xogħlijiet jew servizzi li se jkunu s-suġġett tal-kuntratt li se jingħata;

(b) jindika li l-kuntratt se jingħata permezz ta' proċedura ristretta jew negozjata mingħajr aktar pubblikazzjoni ta' avviż ta' sejħa għal kompetizzjoni u jistieden lil operaturi ekonomiċi interessati li jesprimu l-interess tagħhom bil-miktub; u

(ċ) jkun ġie pubblikat bi qbil ma' l-Anness XX mhux aktar minn 12-il xahar qabel id-data li fiha tintbagħat l-istedina riferita fl-Artikolu 47(5). Barra minn hekk, l-entità kontraenti għandha tilħaq il-limiti ta' żmien preskritti fl-Artikolu 45.

*Artikolu 43*

**Avviżi dwar l-għoti ta' kuntratti**

1. Entitajiet kontraenti li taw kuntratt jew qafas ta' ftehim għandhom, fi żmien xahrejn mill-għoti tal-kuntratt jew tal-qafas ta' ftehim, jibgħatu avviż ta' għoti ta' kuntratt kif riferit fl-Anness XVI fuq kondizzjonijiet li jridu jiġu preskritti mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 68(2).

Fil-każ ta' kuntratti mogħtija skond qafas ta' ftehim fit-tifsira ta' l-Artikolu 14(2), l-entitàjiet kontraenti m'għandhomx jintrabtu li jibgħatu avviż tar-riżultati tal-proċedura ta' l-għoti għal kull kuntratt ibbażat fuq dak il-ftehim.

▼B

Entitajiet kontraenti għandhom jibgħatu avviż ta' għoti ta' kuntratt ibbażat fuq sistema dinamika ta' xiri fi żmien xahrejn wara l-għotja ta' kull kuntratt. Jistgħu, madankollu, jagħmlu gruppi b'dawn l-avviżi fuq bażi ta' kull kwart tas-sena. F'dak il-każ, għandhom jibgħatu l-avviżi mqegħda fi gruppi fi żmien xahrejn ta' l-aħħar ta' kull kwart tas-sena.

2. It-tagħrif provvdut bi qbil ma' l-Anness XVI u maħsub għal pubblikazzjoni għandu jiġi pubblikat bi qbil ma' l-Anness XX. Dwar dan, il-Kummissjoni għandha tirrispetta kull aspett kummerċjali sensittiv li l-entitajiet kontraenti jistgħu juru meta jibgħatu dan it-tagħrif, dwar in-numru ta' offerti rċevuti, l-identità ta' operaturi ekonomiċi, jew prezzijiet.

3. Fejn entitajiet kontraenti jagħtu kuntratt ta' servizz ta' riċerka u żvilupp ("kuntratt RU Ż") permezz ta' proċedura mingħajr sejħa għal kompetizzjoni bi qbil ma' l-Artikolu 40(3)(b), jistgħu jillimitaw għar-riferenza "servizzi ta' riċerka u żvilupp" it-tagħrif li jrid jiġi provvdut bi qbil ma' l-Anness XVI dwar in-natura u l-kwantità tas-servizzi provvduti.

Fejn entitajiet kontraenti jagħtu kuntratt RU Ż li ma jistax jingħata permezz ta' proċedura mingħajr sejħa għal kompetizzjoni bi qbil ma' l-Artikolu 40(3)(b), jistgħu, fuq il-bażi ta' kunfidenzalita kummerċjali, jillimitaw it-tagħrif li jrid jiġi provvdut bi qbil ma' l-Anness XVI dwar in-natura u l-kwantità tas-servizzi provvduti.

F'dawn il-każijiet, entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li kull tagħrif pubblikat skond dan il-paragrafu m'huwiex inqas dettaljat minn dak li jinstab fl-avviż tas-sejħa għal kompetizzjoni pubblikata bi qbil ma' l-Artikolu 42(1).

Jekk jużaw sistema ta' kwalifika, entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw f'dawn il-każijiet li dan it-tagħrif m'huwiex inqas dettaljat mill-kategorija riferita fil-lista ta' provvedituri kwalifikati ta' servizz imfassla bi qbil ma' l-Artikolu 53(7).

4. Fil-każ ta' kuntratti mogħtija għal servizzi mniżżla f'lista fl-Anness XVII B, l-entitajiet kontraenti għandhom jindikaw fl-avviż jekk jaqblux mal-pubblikazzjoni.

5. Tagħrif provvdut bi qbil ma' l-Anness XVI u markat li mhux maħsub għal pubblikazzjoni għandu jiġi pubblikat biss f'forma simplifikata u bi qbil ma' l-Anness XX għal għanijiet statistiċi.

*Artikolu 44*

**Forma u manjiera ta' pubblikazzjoni ta' avviżi**

1. Avviżi għandhom jinkludu t-tagħrif imsemmi fl-Annessi XIII, XIV, XV A, XV B u XVI u, fejn ikun xieraq, kull tagħrif ieħor li jitqies ta' użu mill-entità kontraenti fil-format ta' formoli *standard* adottati mill-Kummisjoni bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 68(2).

2. Avviżi mibgħuta minn entitajiet kontraenti lill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu jew permezz ta' mezzi elettroniċi bi qbil mal-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati f'punt 3 ta' l-Anness XX, jew permezz ta' mezzi oħra.

▼B

L-avviżi riferiti fl-Artikoli 41, 42 u 43 għandhom jiġu pubblikati bi qbil mal-karatteristiċi tekniċi għall-pubblikazzjoni dikjarati f'punt 1(a) u (b) ta' l-Anness XX.

3. Avviżi mfassla u trasmessi permezz ta' mezzi elettroniċi bi qbil mal-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati f'punt 3 ta' l-Anness XX, għandhom jiġu pubblikati mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara li jkunu ntbagħtu.

Avviżi li m'humiex trasmessi permezz ta' mezzi elettroniċi bi qbil mal-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati f'punt 3 ta' l-Anness XX għandhom jiġu pubblikati mhux aktar tard minn 12-il jum wara li jkunu ntbagħtu. Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, l-avviżi tal-kuntratt riferiti fl-Artikolu 42(1)(ċ) għandhom jiġu pubblikati fi żmien ħamest ijiem bħala risposta għal talba mill-entità kontraenti, basta li l-avviż ikun intbagħat permezz ta' fax.

4. Avviżi ta' kuntratt għandhom jiġu pubblikati fl-intier tagħhom f'lingwa uffiċjali tal-Komunità magħżula mill-entità kontraenti, b'din il-versjoni oriġinali tal-lingwa tikkostitwixxi t-test awtentiku waħdieni. Sommarju ta' l-elementi importanti ta' kull avviż għandu jiġi pubblikat fil-lingwi uffiċjali l-oħra.

L-ispejjeż tal-pubblikazzjoni ta' l-avviżi mill-Kummissjoni għandhom jitħallsu mill-Komunità.

5. Avviżi u l-kontenut tagħhom ma jistgħux jiġu pubblikati fuq livell nazzjonali qabel id-data li fiha jintbagħtu lill-Kummissjoni.

Avviżi pubblikati fil-livell nazzjonali m'għandhomx jikkontjenu tagħrif ieħor għajr dak li jinstab fl-avviżi mibgħuta lill-Kummissjoni jew pubblikati fuq profil tax-xerrej bi qbil ma' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 41(1), imma għandhom isemmu d-data tad-dispaċċ ta' l-avviż lill-Kummissjoni jew il-pubblikazzjoni tiegħu fuq il-profil tax-xerrej.

Avviżi perjodiċi indikattivi ma jistgħux jiġu pubblikati fuq profil tax-xerrej qabel id-dispaċċ lill-Kummissjoni ta' l-avviż tal-pubblikazzjoni tagħhom f'dik il-forma; għandhom isemmu d-data ta' dak id-dispaċċ.

6. Entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li huma kapaċi li jipprovdu xhieda tad-dati li fihom jintbagħtu l-avviżi.

7. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-entità kontrattant konferma tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif mibgħut, waqt li jsemmu d-data ta' dik il-pubblikazzjoni. Dik il-konferma għandha tikkostitwixxi xhieda ta' pubblikazzjoni.

8. Entitajiet kontraenti jistgħu jippubblikaw bi qbil ma' paragrafi 1 sa 7 avviżi ta' kuntratt li m'humiex suġġetti għall-ħtiġijiet ta' pubblikazzjoni preskritti minn din id-Direttiva.

## Sezzjoni 2

## Limiti ta' żmien

### *Artikolu 45*

### **Limiti ta' żmien għall-irċevuta ta' talbiet għall-parteċipazzjoni u għall-irċevuta ta' offerti**

1. Huma u jiffissaw il-limiti ta' żmien għal talbiet għal parteċipazzjoni u l-irċevuta ta' offerti, entitajiet kontraenti għandhom iqisu partikolarment il-kumplessita tal-kuntratt u l-ħin meħtieġ biex jitfasslu l-offerti, mingħajr preġudizzju għall-limiti ta' żmien minimi dikjarati minn dan l-Artikolu.

2. Fil-każ ta' proċeduri miftuħa, l-limitu ta' żmien massimu għall-irċevuta ta' l-offerti għandu jkun 52 ġurnata mid-data li fiha ntbagħat l-avviż tal-kuntratt.

▼B

3. Fi proċeduri ristretti u proċeduri negozjati b'sejħa minn qabel għal kompetizzjoni, l-arranġamenti li ġejjin għandhoma japplikaw:

(a) il-limitu ta' żmien għall-irċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni, bħala risposta għal avviż pubblikat skond l-Artikolu 42(1)(ċ) jew, bħala risposta għal stedina mill-entitajiet kontattanti skond l-Artikolu 47(5), għandu, bħala regola ġenerali, jiġi fissat mhux inqas minn 37 ġurnata mid-data li fiha l-avviż jew l-istedina tkun intbagħtet u ma jistax fl-ebda każ ma jkun inqas minn 22 ġurnata jekk l-avviż jintbagħat għal pubblikazzjoni b'mezzi oħra għajr mezzi elettroniċi jew fax, u mhux inqas minn 15-il ġurnata jekk l-avviż huwa trasmess b'dawn il-mezzi;

(b) il-limitu ta' żmien għall-irċevuta ta' offerti jista' jiġi dikjarat permezz ta' ftehim bejn xulxin bejn l-entità kontraenti u l-kandidati magħżula, basta li l-kandidati l-oħra jkollhom l-istess żmien biex iħejju u jissottomettu l-offerti tagħhom;

(ċ) fejn m'huwiex possibbli li jintlaħaq ftehim fuq il-limitu ta' żmien għall-irċevuta ta' offerti, l-entità kontraenti għandha tiffissa limitu ta' żmien li għandu, bħala regola ġenerali, jkun mill-inqas 24 ġurnata u m'għandux fl-ebda każ ikun inqas minn għaxart ijiem mid-data ta' l-istedina għall-offerti.

4. Jekk l-entitajiet kontraenti jkunu pubblikaw avviż perjodiku indikattiv kif riferit fl-Artikolu 41(1) bi qbil ma' l-Anness XX, il-limitu ta' żmien massimu għall-irċevuta ta' offerti fi proċeduri miftuħa għandu, bħala regola ġenerali, ma jkunx inqas minn 36 ġurnata, imma m'għandux fl-ebda każ ikun inqas minn 22 ġurnata mid-data li fiha ntbagħat l-avviż.

Dawn il-limiti ta' żmien imnaqqsa huma permessi, basta li l-avviż perjodiku indikattiv ikun inkluda, b'żieda mat-tagħrif meħtieġ mill-Anness XV A, parti I, it-tagħrif kollu meħtieġ mill-Anness XV A, parti II, sakemm it-tagħrif imsemmi l-aħħar huwa disponibbli fil-ħin li l-avviż huwa pubblikat, u li l-avviż ikun intbagħat għal pubblikazzjoni bejn 52 ġurnata u 12-il xahar qabel id-data li fiha l-avviż tal-kuntratt riferit fl-Artikolu 42(1)(ċ) jintbagħat.

5. Fejn avviżi huma mfassla u trasmessi permezz ta' mezzi elettroniċi bi qbil mal-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati f'punt 3 ta' l-Anness XX il-limiti ta' żmien għall-irċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni fi proċeduri ristretti u negozjati, u għall-irċevuta ta' offerti fi proċeduri miftuħa, jistgħu jitnaqqsu b'sebat ijiem.

6. Minbarra fil-każ ta' limitu ta' żmien dikjarat permezz ta' ftehim bejn xulxin bi qbil mal-paragrafu 3(b), limiti ta' żmien għall-irċevuta ta' offerti fi proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati jistgħu jitnaqqsu b'ħamest ijiem oħra fejn l-entità kontraenti toffri aċċess mhux ristrett u dirett sħiħ lid-dokumenti tal-kuntratt u kull dokument supplimentari permezz ta' mezzi elettroniċi mid-data li fiha l-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni huwa pubblikat, bi qbil ma' l-Anness XX. L-avviż għandu jispeċifika l-indirizz ta' l-internet li fih din id-dokumentazzjoni hija aċċessibbli.

7. Fi proċeduri miftuħa, l-effett kumulattiv tat-tnaqqis provdut f'paragrafi 4, 5 u 6 ma jistax fl-ebda każ jirrizulta f'limitu ta' żmien għall-irċevuta ta' offerti ta' inqas minn 15-il ġurnata mid-data li fiha jintbagħat l-avviż tal-kuntratt.

▼B

Madankollu, jekk l-avviż tal-kuntratt m'huwiex trasmess permess tal-fax jew mezzi elettroniċi, l-effett kumulattiv tat-tnaqqis provvdut f'paragrafi 4, 5 u 6 ma jistax fl-ebda każ jirrizulta f'limitu ta' żmiem għall-irċevuta ta' offerti fi proċedura miftuħa ta' inqas minn 22-il ġurnata mid-data li fiha ġie trasmess l-avviż tal-kuntratt.

8. L-effett kumulattiv tat-tnaqqis provvdut għal paragrafi 4, 5 u 6 ma jistax fl-ebda każ jirrizulta f'limitu ta' żmien għall-irċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni, bħala risposta għal avviż publikat skond l-Artikolu 42(1)(ċ), jew bħala risposta għal stedina mill-entitajiet kontraenti skond l-Artikolu 47(5), ta' inqas minn 15-il ġurnata mid-data li fiha jintbagħat l-avviż tal-kuntratt jew l-istedina.

Fi proċeduri ristretti u negozjati, l-effett kumulattiv tat-tnaqqis provvdut f'paragrafi 4, 5 u 6 ma jistax, fl-ebda każ, minbarra dak ta' limitu ta' żmien dikjarat permezz ta' ftehim bejn xulxin bi qbil mal-paragrafu 3(b), jirrizulta f'limitu ta' żmien għall-irċevuta ta' offerti ta' inqas minn ghaxar ġranet mid-data li fiha tintbagħat l-istedina għall-offerti.

9. Jekk, għal kwalunkwe raġuni, d-dokumenti kontraenti u d-dokumenti ta' appoġġ jew tagħrif addizzjonali, għalkemm mitluba f'waqthom, ikunu għadhom ma ġewx provduti fil-limiti ta' żmien dikjarati fl-Artikoli 46 u 47, jew fejn ikunu jistgħu jsiru offerti biss wara vista fil-post jew wara spezzjoni fuq il-post tad-dokumenti li qed jappoġġjaw id-dokumenti ta' kuntratt, il-limiti ta' żmien għall-irċevuta ta' offerti għandhom jiġu estiżi kif mistħoqq, minbarra fil-każ ta' limitu ta' żmien dikjarat permezz ta' ftehim bejn xulxin bi qbil mal-paragrafu 3(b), sabiex l-operaturi ekonomiċi kollha konċernati jistgħu jkunu konxji mit-tagħrif kollu meħtieġ għat-tħejjija ta' offerta.

10. Tabella sommarja tal-limiti ta' żmien preskritti f'dan l-Artikolu huwa mogħti fl-Anness XXII.

*Artikolu 46*

**Proċeduri miftuħa: speċifikazzjonijiet, dokumenti u tagħrif addizzjonali**

1. Fi proċeduri miftuħa, fejn entitajiet kontraenti ma joffrux aċċess mhux ristress u dirett sħiħ permezz ta' mezzi elettroniċi bi qbil ma' l-Artikolu 45(6) għall-ispeċifikazzjonijiet u kull dokument ta' appoġġ, l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti ta' appoġġ għandhom jintbagħtu lill-operaturi ekonomiċi fi żmien sitt ijiem mill-irċevuta tat-talba, basta li t-talba tkun saret f'waqtha qabel il-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' offerti.

2. Bil-patt li jkun mitlub f'waqtu, tagħrif addizzjonali li għandu x'jaqsam ma' l-ispeċifikazzjonijiet għandu jiġi provvdut mill-entitajiet kontraenti jew dipartimenti kompetenti mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel il-limitu ta' żmien iffissat għall-irċevuta ta' offerti.

*Artikolu 47*

**Stediniet għas-sottomissjoni ta' offerta jew għan-negozjar**

1. Fi proċeduri ristretti u proċeduri negozjati, entitajiet kontraenti għandhom simultanjament u bil-miktub jistiednu lill-kandidati magħżula biex jissottomettu l-offerti tagħhom jew biex jinnegozjaw. L-istedina lill-kandidati għandha tinkludi jew:

— kopja ta' l-ispeċifikazzjonijiet u kull dokument ta' appoġġ, jew

▼B

— riferenza għall-aċċess ta' l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti ta' appoġġ indikati fl-ewwel indent, meta jsiru direttament disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi bi qbil ma' l-Artikolu 45(6).

2. Fejn l-ispeċifikazzjonijiet u/jew kull dokument ta' appoġġ jinżammu minn entità oħra għajr l-entità kontraenti responsabbli għall-proċedura ta' l-għotja, l-istedina għandha tiddikjara l-indirizz minn liema dawk l-ispeċifikazzjonijiet u dokumenti jistgħu jintalbu u, jekk ikun xieraq, id-data ta' għeluq għat-talba ta' dawn id-dokumenti, is-somma pagabbli biex dawn jinkisbu u kull proċedura ta' ħlas. Id-dipartiment kompetenti għandu jibgħat dik id-dokumentazzjoni lill-operatur ekonomiku immedjatament malli jerċievi t-talba.

3. It-tagħrif addizzjonali dwar l-ispeċifikazzjonijiet jew id-dokumenti ta' appoġġ għandhom jintbagħtu lill-entità kontraenti jew id-dipartiment kompetenti mhux inqas minn sitt ijiem qabel id-data finali fissata għall-irċevuta ta' offerti, basta iżda li jintalab f'waqtu.

4. B'żieda ma' dan, l-istedina għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

(a) fejn xieraq, il-limitu ta' żmien biex jintalbu dokumenti addizzjonali, kif ukoll l-ammont u t-termini ta' ħlas ta' kull somma li trid titħallas għal dawn id-dokumenti;

(b) id-data finali għall-irċevuta ta' offerti, l-indirizz fejn iridu jintbagħtu, u l-lingwa jew lingwi li fihom iridu jitfasslu;

(ċ) riferenza għal kull avviż ta' kuntratt pubblikat;

(d) indikazzjoni ta' kull dokument li jrid jitwaħħal;

(e) il-kriterji għall-għoti tal-kuntratt, fejn m'humiex indikati fl-avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika wżata bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni;

(f) it-tweżin relattiv tal-kriterji ta' l-għoti tal-kuntratt jew, fejn ikun xieraq, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, jekk dan it-tagħrif ma jingħatax fl-avviż tal-kuntratt, l-avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika jew l-ispeċifikazzjonijiet.

5. Fejn sejħa għal kompetizzjoni issir permezz ta' avviż perjodiku indikattiv, entitajiet kontraenti għandhom sussegwentement jistiednu lill-kandidati kollha biex jikkonfermaw l-interess tagħhom fuq il-bażi ta' tagħrif dettaljat dwar il-kuntratt konċernat qabel il-bidu tal-għażla ta' persuni li jagħmlu l-offerti jew parteċipanti f'negozjati.

Din l-istedina għandha tinkludi mill-inqas it-tagħrif li ġej:

(a) in-natura u l-kwantità, inklużi l-għażliet kollha rigward kuntratti kumplimentari u, jekk ikun possibbli, il-ħin stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet għal kuntratti li jiġġeddu, n-natura u l-kwantità u, jekk ikun possibbli, d-dati ta' pubblikazzjoni stmati ta' avviżi fil-futur ta' kompetizzjoni għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi li jridu jiġu offruti.

(b) it-tip ta' proċedura: ristretta jew negozjata;

(ċ) fejn ikun xieraq, id-data li fiha t-twassil ta' provvisti jew l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet jew servizzi jibda jew jispiċċa;

(d) l-indirizz u d-data ta' għeluq għas-sottomissjoni ta' talbiet għal dokumenti ta' offerti u l-lingwa jew lingwi li fihom iridu jitfasslu;

▼B

(e) l-indirizz ta' l-entità li trid tagħti l-kuntratt u t-tagħrif meħtieġ għall-ksib ta' l-ispeċifikazzjonijiet u dokumenti oħra;

(f) kondizzjonijiet ekonomiċi u tekniċi, garanziji finanzjarji u tagħrif meħtieġ minn operaturi ekonomiċi;

(g) l-ammont u l-proċeduri ta' ħlas għal kull somma pagabbli għall-ksib ta' dokumenti ta' l-offerti;

(h) l-forma tal-kuntratt li hija s-suġġett ta' l-istediniet għall-offerti: xiri, kiri b'self, kiri jew xiri bin-nifs, jew xi kombinazzjoni ta' dawn; u

(i) il-kriterji ta' l-għoti tal-kuntratt u t-tweżin tagħhom jew, fejn iku xieraq, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, jekk dan it-tagħrif ma jingħatax fl-avviż indikattiv jew fl-ispeċifikazzjonijiet jew fl-istedina għall-offerti jew għan-negozjar.

Sezzjoni 3

Komunikazzjoni u tagħrif

*Artikolu 48*

**Regoli applikabbli għal komunikazzjoni**

1. L-iskambju kollu ta' komunikazzjoni u tagħrif riferit f'dan it-Titolu jrid jitwettaq bil-posta, bil-fax jew b'mezzi elettroniċi bi qbil mal-paragrafi 4 u 5, bit-telefon fil-każijiet u ċ-ċirkostanzi riferiti fil-paragrafu 6, jew b'kombinazzjoni ta' dawn il-mezzi, skond l-għażla ta' l-entità kontraenti.

2. Il-mezzi ta' komunikazzjoni magħżula għandhom ikunu ġeneralment disponibbli u b'hekk ma jirristrinġux l-aċċess ta' l-operaturi ekonomiċi għall-proċedura ta' l-għoti ta' l-offerti.

3. Il-Komunikazzjoni u l-iskambju u r-reġistrar ta' tagħrif għandhom jitwettqu b'tali mod li jiżguraw li l-integrita tal-fatti magħrufa (*data*) u l-kunfidenzalita ta' offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni huma priservati, u li l-entitajiet kontraenti jeżaminaw il-kontenut ta' offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni biss wara li l-limitu taż-żmien imfassal għas-sottomissjoni tagħhom ikun skada.

4. L-għodda li trid tintuża għall-komunikazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi, kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi tagħhom, għandhom ikunu mhux diskriminatorji, ġeneralment disponibbli u interoperabbli mal-prodotti tat-tagħrif u tat-teknoliġija ta' komunikazzjoni fl-użu ġenerali.

5. Ir-regoli li ġejjin huma applikabbli għal mezzi għat-trasmissjoni elettroniku u l-irċevuta ta' offerti u għal mezzi għall-irċevuta elettronika ta' talbiet għall-parteċipazzjoni:

(a) tagħrif rigward l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għas-sottomissjoni elettronika ta' offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni, inkluż *encryption*, għandu jkun disponibbli lill-partijiet interessati. Madankollu, l-mezzi għall-irċevuta elettronika ta' offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni għandhom jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' l-Anness XXIV;

(b) L-Istati Membri jistgħu, f'konformita ma' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/93/KE, jeħtieġu li l-offerti elettroniċi jiġu akkompanjati minn firma elettronika avanzjata f'konformita mal-paragrafu 1 tiegħu;

(ċ) L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu skemi ta' akkreditazzjoni volontarji li jimmiraw għal livelli miżjuda ta' provvediment ta' servizz ta' ċertifikazzjoni għal dawn il-mezzi;

▼B

(d) persuni li jagħmlu l-offerti jew kandidati għandhom jindaħlu biex jissottomettu, qabel l-iskadenza tal-limitu taż-żmien preskritt għas-sottomissjoni ta' offerti jew talbiet għall-parteċipazzjoni, d-dokumenti, ċ-ċertifikati u d-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 52(2), 52(3), 53 u 54 jekk ma jeżistux fil-format elettroniku.

6. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għat-trasmissjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni:

(a) talbiet għal parteċipazzjoni fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti jistgħu jsiru bil-miktub jew bit-telefon;

(b) fejn talbiet għal parteċipazzjoni jsiru bit-telefon, konferma bil-miktub trid tintbagħat qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien dikjarat għall-irċevuta tagħhom;

(ċ) entitajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li talbiet għal parteċipazzjoni li jsiru bil-fax għandhom jiġu konfermati bil-posta jew b'mezzi elettroniċi, fejn dan ikun meħtieġ għall-għanijiet ta' xhieda legali. Kull ħtieġa bħal din, flimkien mal-limitu ta' żmien biex tintbagħat konferma bil-posta jew b'mezzi elettroniċi, għandha tiġi dikjarata mill-entità kontraenti fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni jew fl-istedina riferita fl-Artikolu 47(5).

*Artikolu 49*

**Tagħrif għal applikanti għall-kwalifika, kandidati u persuni li jagħmlu l-offerti**

1. Entitajiet kontraenti għandhom kemm jista' jkun malajr jgħarrfu lill-operaturi ekonomiċi involuti bid-deċiżjonijiet li ntlaħqu rigward il-konklużjoni ta' qafas ta' ftehim, l-għoti tal-kuntratt, jew id-dħul f'sistema dinamika ta' xiri, inkluż il-bażi għal kull deċiżjoni biex ma jiġix konkluż qafas ta' ftehim jew ma jingħatax kuntratt għal liema kien hemm sejħa għal kompetizzjoni jew biex terġa' tibda l-proċedura, jew biex ma tiġix implimentata sistema dinamika ta' xiri; dan it-tagħrif għandu jiġi provvdut bil-miktub jekk l-entitajiet kontraenti jitolbu dan.

2. Fuq talba mill-parti konċernata, entitajiet kontraenti għandhom, kemm jista' jkun malajr, jgħarrfu:

— lil kull kandidat li ma rnexxiex bir-raġunijiet għar-rifjut ta' l-applikazzjoni tiegħu,

— kull persuna li tagħmel l-offerti bir-raġunijiet għar-rifjut ta' l-offerta tagħha, inkluż, għall-każijiet riferiti fl-Artikolu 34(4) u (5), ir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħhom ta' nuqqas ta' ekwivalenza jew id-deċiżjonijiet tagħhom li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi ma jilħqux il-ħtiġijiet tat-twettieq jew tat-tip funzjonali,

— kull persuna li tagħmel l-offerti li għamlet offerta aċċettabbli bil-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi ta' l-offerta magħżula, kif ukoll bl-isem tal-persuna li tagħmel l-offerti li tirnexxi jew il-partijiet fil-qafas ta' ftehim.

Iż-żmien meħud biex isir dan ma jistax taħt l-ebda ċirkostanzi jaqbeż il-15-il ġurnata mill-irċevuta ta' l-investigazzjoni bil-miktub.

Madankollu, entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li ċertu tagħrif dwar l-għoti tal-kuntratt jew il-konklużjoni tal-qafas tal-ftehim jew id-dħul f'sistema dinamika ta' xiri, riferita fil-paragrafu 1, għandu jinżamm fejn rilaxx ta' dan it-tagħruf jimpedixxi infurzar tal-liġi jew inkella jkun kuntrarju għall-interess pubbliku jew ikun jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' operatur ekonomiku partikolari, pubbliku jew privat, inkluż l-interessi ta' l-operatur ekonomiku li lilu ngħata l-kuntratt, jew jistgħu jippreġudikaw kompetizzjoni bil-fier bejn operaturi ekonomiċi.

▼B

3. Entitajiet kontraenti li jistabbilixxu u joperaw sistema ta' kwalifika għandhom jgħarrfu applikanti bid-deċiżjoni tagħhom dwar kwalifika f'perjodu ta' żmien ta' sitt xhur.

Jekk id-deċiżjoni ddum aktar minn erba' xhur mill-prezentazzjoni ta' applikazzjoni, entità kontraenti għandha tgħarraf lill-applikant, fi żmien xahrejn mill-applikazzjoni, bir-raġunijiet li jiġġustifikaw il-perjodu itwal u bid-data sa meta l-applikazzjoni tiegħu tkun aċċettata jew rifjutata.

4. Applikanti li l-kwalifika tagħhom hija rifjutata għandhom jiġu mgħarrfa b'din id-deċiżjoni u r-raġunijiet għar-rifjut kemm jista' jkun malajr u taħt l-ebda ċirkostanza aktar minn 15-il ġurnata aktar tard mid-data tad-deċiżjoni. Ir-raġunijiet għandhom jiġu bażati fuq il-kriterji għal kwalifika riferiti fl-Artikolu 53(2).

5. Entitajiet kontraenti li jistabbilixxu u joperaw sistema ta' kwalifika jistgħu jressqu għat-tmiem il-kwalifika ta' operatur ekonomiku biss għal raġunijiet bażati fuq il-kriterji għall-kwalifika riferita fl-Artikolu 53(2). Kull intenzjoni biex titressaq għat-tmiem kwalifika għandha tiġi mgħarrfa bil-miktub lill-operatur ekonomiku minn qabel, mill-inqas 15-il ġurnata qabel id-data li fiha l-kwalifika hija dovuta li tintemm, flimkien mar-raġuni jew ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-azzjoni proposta.

*Artikolu 50*

**Tagħrif li jrid jiġi reġistrat rigward għotjiet**

1. Entitajiet kontraenti għandhom iżommu tagħrif xieraq dwar kull kuntratt li għandu jkun biżżejjed biex jippermettihom f'data aktar tard li jiġġustifikaw deċiżjonijiet meħuda f'konnessjoni ma':

(a) il-kwalifika u l-għażla ta' operaturi ekonomiċi u l-għoti ta' kuntratti;

(b) l-użu ta' proċeduri mingħajr sejħa minn qabel għal kompetizzjoni minħabba fl-Artikolu 40(3);

(ċ) in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' Kapitoli III sa VI ta' dan it-Titolu minħabba fid-derogi provduti fil-Kapitolu II tat-Titolu I u fil-Kapitolu II ta' dan it-Titolu.

Entitajiet kontraenti għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jiddokumentaw il-progess ta' proċeduri ta' għoti kondotti b'mezzi elettroniċi.

2. It-tagħrif għandu jinżamm għal mill-inqas erba' snin mid-data tal-għoti tal-kuntratt sabiex l-entità kontraenti tkun tista', matul dak il-perjodu, tipprovdi t-tagħrif meħtieġ lill-Kummissjoni jekk din titlob dan.

IL-KAPITOLU VII

***Kondotta tal-proċedura***

*Artikolu 51*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Għall-għan ta' l-għażla ta' parteċipanti fil-proċeduri ta' l-għoti tagħhom:

(a) entitajiet kontraenti li provdew regoli u kriterji għall-esklużjoni ta' persuni li jagħmlu l-offerti jew kandidati bi qbil ma' l-Artikolu 54(1), (2) jew (4) għandhom eskludu operaturi ekonomiċi li jikkonformaw ma' dawn ir-regoli u jilħqu dawn il-kriterji;

▼B

(b) għandhom jagħżlu persuni li jagħmlu l-offerti u kandidati bi qbil mar-regoli u l-kriterji oġġettivi preskritti skond l-Artikolu 54;

(ċ) fi proċeduri ristretti u proċeduri negozjati b'sejħa għal kompetizzjoni, għandhom fejn ikun xieraq bi qbil ma' l-Artikolu 54 inaqqsu n-numru ta' kandidati magħżula skond is-sottoparagrafi (a) u (b).

2. Fejn sejħa għal kompetizzjoni ssir permezz ta' avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika u għall-għan ta' l-għażla ta' parteċipanti fi proċeduri ta' l-għotja għall-kuntratti speċifiċi li huma s-suġġett tas-sejħa għall-kompetizzjoni, entitajiet kontraenti għandhom:

(a) jikkwalifikaw operaturi ekonomiċi bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 53;

(b) japplikaw għal dawn l-operaturi ekonomiċi kwalifikati dawk id-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1 li huma rilevanti għal proċeduri ristretti jew negozjati.

3. Entitajiet kontraenti għandhom jivverifikaw li l-offerti sottomessi mill-persuni li jagħmlu l-offerti magħżula jikkonformaw mar-regoli u l-ħtiġijiet applikabbli għal offerti u jagħtu l-kuntratt fuq il-bażi tal-kriterji preskritti fl-Artikoli 55 u 57.

Sezzjoni 1

Kwalifika u għażla kwalitattiva

*Artikolu 52*

**Għarfien bejn xulxin rigward kondizzjonijiet amministrattivi, tekniċi jew finanzjarji, u ċertifikati, testijiet u xhieda**

1. Meta jintagħżlu parteċipanti għal proċedura ristretta jew negozjata, biex jilħqu d-deċiżjoni tagħhom rigward kwalifika jew meta l-kriterji u r-regoli qed isiru aġġornati, entitajiet kontraenti m'għandhomx:

(a) jimponu kondizzjonijiet amministrattivi, tekniċi jew finanzjarji dwar ċerti operaturi ekonomiċi li ma jkunux imposti fuq oħrajn;

(b) jeħtieġu testijiet jew xhieda li tiddupplika xhieda oġġettiva diġa disponibbli.

2. Fejn jitolbu l-produzzjoni ta' ċertifikati mfassla minn korpi indipendenti li jattestaw il-konformita ta' l-operatur ekonomiku b'ċerti *standards* ta' assigurazzjoni ta' kwalità, entitajiet kontraenti għandhom jirreferu għal sistemi ta' assigurazzjoni ta' kwalità bażati fuq is-serje ta' *standards* Ewropej rilevanti ċertifikati minn korpijiet li jikkonformaw mas-serje ta' l-i *standards* Ewropej rigward ċertifikazzjoni.

Entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra. Għandhom jaċċettaw ukoll xhieda oħra ta' miżuri ta' assigurazzjoni ta' kwalità ekwivalenti minn operaturi ekonomiċi.

▼B

3. Għal xogħlijiet u kuntratti ta' servizz, u f'każijiet xierqa biss, l-entitajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu, sabiex jivverifikaw l-abilitajiet tekniċi ta' l-operatur ekonomiku, indikazzjoni tal-miżuri tat-tmexxija ambjentali li l-operatur ekonomiku jkun jista' japplika meta jwettaq il-kuntratt. F'dawn il-każijiet, jekk l-entitajiet kontraenti jeħtieġu l-produzzjoni ta' ċertifikati mfassla minn korpijiet indipendenti li jattestaw il-konformita ta' l-operatur ekonomiku ma' ċerti *standards* ta' tmexxija ambjentali, għandhom jirreferu għall-*EMAS* jew għall-*istandards* ta' tmexxija ambjentali bażati fuq l-*istandards* rilevanti Ewropej jew internazzjonali ċertifikati minn korpijiet li jikkonformaw ma' liġi Komunitarja jew l-*istandards* rilevanti Ewropej jew internazzjonali rigward ċertifikazzjoni.

Entitajiet kontraenti għandhom jgħarrfu ċertifikati ekwivalenti minn korpijiet stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra. Għandhom jaċċettaw ukoll xhieda oħra ta' miżuri ta' tmexxija ambjentali ekwivalenti minn operaturi ekonomiċi.

*Artikolu 53*

**Sistemi ta' kwalifika**

1. Entitajiet kontraenti li jixtiequ dan jistgħu jistabbilixxu u joperaw sistema ta' kwalifika ta' operaturi ekonomiċi.

Entitajiet kontraenti li jistabbilixxu jew joperaw sistema ta' kwalifika għandhom jiżguraw li operaturi ekonomiċi f'kull ħin jistgħu jitolbu l-kwalifika.

2. Is-sistema skond il-paragrafu 1 tista' tinvolvi stadji differenti ta' kwalifika.

Għandha tiġi operati fuq il-bażi ta' kriterji u regoli oġġettivi għall-kwalifika li trid tiġi stabbilita mill-entità kontraenti.

Fejn dawk il-kriterji u r-regoli jinkludu speċifikazzjonijiet tekniċi, d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 34 għandom japplikaw. Il-kriterji u r-regoli jistgħu jiġu aġġornati kif meħtieġ.

3. Il-kriterji u r-regoli għal kwalifika riferiti fil-paragrafu 2 jistgħu jinkludu l-kriterji ta' esklużjoni mniżżla f'lista fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18/KE dwar it-termini u l-kondizzjonijiet dikjarati fiha.

Fejn l-entità kontraenti hija awtorita kontraenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a), dawk il-kriterji u r-regoli għandhom jinkludu l-kriterji ta' esklużjoni mniżżla f'lista fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2004/18/KE.

4. Fejn il-kriterji u r-regoli għal kwalifika riferiti fil-paragrafu 2 jinkludu ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċita ekonomika u finanzjarja ta' l-operatur ekonomiku, dan ta' l-aħħar jista' fejn ikun meħtieġ jistrieħ fuq il-kapaċita ta' l-entitajiet l-oħra, tkun xi tkun in-natura legali tar-rabta bejnu u bejn dawk l-entitajiet. F'dan il-każ l-operatur ekonomiku jrid jagħti xhieda lill-entità kontraenti li dawn ir-risorsi se jkunu disponibbli lilha matul il-perjodu tal-validita tas-sistema ta' kwalifika, per eżempju billi jipproduċi impriża permezz ta' dawk l-entitajiet għal dan il-għan.

Fuq l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif riferit fl-Artikolu 11 jista' jistrieħ fuq il-kapaċita ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

▼B

5. Fejn il-kriterji u r-regoli għal kwalifika riferiti fil-paragrafu 2 jinkludu ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-abilitajiet tekniċi u/jew professjonali ta' l-operatur ekonomiku, dan ta' l-aħħar jista' fejn ikun meħtieġ jistrieħ fuq il-kapaċita ta' l-entitajiet l-oħra, tkun xi tkun in-natura legali tar-rabta bejnu u bejn dawk l-entitajiet. F'dan il-każ l-operatur ekonomiku jrid jagħti xhieda lill-entità kontraenti li dawn ir-risorsi se jkunu disponibbli lilha matul il-perjodu tal-validita tas-sistema ta' kwalifika, per eżempju billi jipproduċi impriża permezz ta' dawk l-entitajiet biex jagħmel ir-risorsi meħtieġa disponibbli lill-operatur ekonomiku.

Fuq l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif riferit fl-Artikolu 11 jista' jistrieħ fuq l-abilitajiet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

6. Il-kriterji u r-regoli għal kwalifika riferiti fil-paragrafu 2 għandhom isiru disponibbli lill-operaturi ekonomiċi mat-talba. L-aġġornament ta' dawn il-kriterji u r-regoli għandhom jiġu komunikati lil operaturi ekonomiċi interessati.

Fejn entità kontraenti tikkunsidra li s-sistema ta' kwalifika ta' ċerti entitajiet jew korpi oħra tilħaq il-ħtiġijiet tagħha, għandha tikkomunika lill-operaturi ekonomiċi interessati l-ismijiet ta' dawn l-entitajiet jew korpi oħra.

7. Rekord bil-miktub ta' operaturi ekonomiċi kwalifikati għandu jinżamm; jista' jitqassam f'kategoriji skond it-tip ta' kuntratt għal liema l-kwalifika hija valida.

8. Huma u jistabbilixxu jew joperaw sistema ta' kwalifika, entitajiet kontraenti għandhom partikolarment josservaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 41(3) rigward avviżi dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika, ta' l-Artikolu 49(3), (4) u (5) dwar it-tagħrif li jrid jitwassal lill-operaturi ekonomiċi li jkunu applikaw għal kwalifika, ta' l-Artikolu 51(2) rigward l-għażla ta' parteċipanti meta ssir sejħa għal kompetizzjoni permezz ta' avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 52 dwar għarfien bejn xulxin rigward kondizzjonijiet amministrattivi, tekniċi jew finanzjarji, ċertifikati, testijiet u xhieda.

9. Meta ssir sejħa għal kompetizzjoni permezz ta' avviż dwar l-eżistenza ta' sistema ta' kwalifika, persuni li jagħmlu l-offerti fi proċedura ristretta jew parteċipanti fi proċedura negozjata għandhom jintgħażlu mill-kandidati kwalifikati bi qbil ma' din is-sistema.

*Artikolu 54*

**Kriterji għal għażla kwalitattiva**

1. Entitajiet kontraenti li jistabbilixxu kriterji ta' għażla fi proċedura miftuħa għandhom jagħmlu dan bi qbil ma' regoli u kriterji oġġettivi li huma disponibbli għal operaturi ekonomiċi interessati.

2. Entitajiet kontraenti li jagħżlu kandidati għal proċeduri ristretti jew negozjati għandhom jagħmlu dan skond regoli u kriterji oġġettivi li jkunu stabbilixxew u li huma disponibbli għal operaturi ekonomiċi interessati.

3. Fi proċeduri ristretti jew negozjati, l-kriterji jistgħu jkunu bażati fuq il-ħtieġa oġġettiva ta' l-entità kontraenti li tnaqqas in-numru ta' kandidati għal livell li huwa ġustifikat mill-ħtieġa li jiġu bilanċjati l-karatteristiċi partikolari tal-proċedura ta' akkwist mar-risorsi meħtieġa biex titmexxa. In-numru ta' kandidati magħżula għandu, madankollu, iqis il-ħtieġa li tiġi żgurata kompetizzjoni adegwata.

▼B

4. Il-kriterji dikjarati f'paragrafi 1 u 2 jistgħu jinkludu l-kriterji ta' esklużjoni mniżżla f'lista fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18/KE dwar it-termini u l-kondizzjonijiet dikjarati fiha.

Fejn l-entità kontraenti hija awtorita kontraenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a), dawk il-kriterji u r-regoli riferiti f'paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jinkludu l-kriterji ta' esklużjoni mniżżla f'lista fl-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2004/18/KE.

5. Fejn il-kriterji riferiti f'paragrafi 1 u 2 jinkludu ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċita ekonomika u finanzjarja ta' l-operatur ekonomiku, dan ta' l-aħħar jista' fejn ikun meħtieġ u għal kuntratt partikolari jistrieħ fuq il-kapaċita ta' entitajiet oħra, tkun xi tkun in-natura legali tar-rabta bejnu u bejn dawk l-entitajiet. F'dan il-każ l-operatur ekonomiku jrid jagħti xhieda lill-entità kontraenti li dawn ir-risorsi meħtieġa se jkunu disponibbli lilha, per eżempju billi jipproduċi impriża permezz ta' dawk l-entitajiet għal dan il-għan.

Fuq l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif riferit fl-Artikolu 11 jista' jistrieħ fuq il-kapaċitajiet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

6. Fejn il-kriterji riferiti f'paragrafi 1 u 2 jinkludu ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-abilitajiet tekniċi u/jew professjonali ta' l-operatur ekonomiku, dan ta' l-aħħar jista' fejn ikun meħtieġ u għal kuntratt partikolari jistrieħ fuq l-abilitajiet ta' entitajiet oħra, tkun xi tkun in-natura legali tar-rabta bejnu u bejn dawk l-entitajiet. F'dan il-każ l-operatur ekonomiku jrid jagħti xhieda lill-entità kontraenti li għat-twettieq tal-kuntratt dawk ir-risorsi se jkunu disponibbli lilha, per eżempju billi jwassal impriża permezz ta' dawk l-entitajiet biex jagħmel ir-rizorsi meħtieġa disponibbli lill-operatur ekonomiku.

Fuq l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif riferit fl-Artikolu 11 jista' jistrieħ fuq l-abilitajiet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

## Sezzjoni 2

## Għoti tal-kuntratti

### *Artikolu 55*

### **Kriterji għall-għoti tal-kuntratti**

1. Mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi dwar ir-rimunerazzjoni ta' ċerti servizzi, il-kriterji li fuqhom l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti għandhom:

(a) fejn il-kuntratt jingħata fuq il-bażi ta' l-offerti l-aktar vantaġġuża ekonomikament mill-lat ta' l-entità kontraenti, jkunu kriterji varji marbuta mal-kontenut tas-suġġett tal-kuntratt imsemmi, bħad-data tal-kunsinja jew tat-tlestija, spejjeż fl-operat, infiq effettiv, kwalità, karatteristiċi ta' l-estetika u funzjonali, karatteristiċi ambjentali, mertu tekniku, servizz wara l-bejgħ u għajnuna teknika, irbit rigward *parts*, sigurtà ta' provvista, u prezz jew inkella

(b) il-prezz l-aktar baxx biss.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-tielet sottoparagrafu, fil-każ riferit fil-paragrafu 1(a), l-entità kontrattati għandha tispeċifika t-tweżin relattiv li tagħti lil kull waħda mill-kriterji magħżula biex tistabbilixxi l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomika.

Dak it-tweżin jista' jiġi espress billi jipprovdu għal qasam b'firxa massima xierqa.

▼B

Fejn, fl-opinjoni ta' l-entità kontraenti, tweżin m'huwiex possibbli għal raġunijiet li jidhru, l-entità kontraenti għandha tindika l-kriterji f'ordni dexxendenti ta' importanza.

It-tweżin relattiv jew l-ordni ta' importanza għandhom jiġu speċifikati, kif xieraq, fl-avviż użat bħala mezz għas-sejħa għal kompetizzjoni, fl-istedina biex jiġi konfermat l-imgħax riferit fl-Artikolu 47(5), fl-istedina għall-offerta jew għan-negozjar, jew fl-ispeċifikazzjonijiet.

*Artikolu 56*

**Użu ta' rkanti elettroniċi**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li entitajiet kontraenti jistgħu jużaw irkanti elettroniċi.

2. Fi proċeduri miftuħa, ristretta jew negozjata mingħajr sejħa minn qabel għal kompetizzjoni, l-entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li l-għoti ta' kuntratt għandu jiġi preċedut minn irkant elettroniku meta l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jistgħu jkunu stabbiliti bi preċiżjoni.

Fl-istess ċirkostanzi, irkant elettroniku jista' jinżamm mal-ftuħ għal kompetizzjoni ta' kuntratti li jridu jingħataw skond is-sistema dinamika ta' xiri riferita fl-Artikolu 15.

L-irkant elettroniku għandu jiġu bażat:

(a) jew fuq prezzijiet biss meta l-kuntratt jingħata lill-prezz l-aktar baxx,

(b) jew fuq prezzijiet u/jew il-valuri ġodda tal-karatteristiċi ta' l-offerti indikati fl-ispeċifikazzjoni, meta l-kuntratt jingħata lill-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament.

3. Entitajiet kontraenti li jiddeċiedu li jżommu rkant elettroniku għandhom jiddikjaraw il-fatt fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni.

L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinkludu, fost ħwejjeġ oħra, id-dettalji li ġejjin:

(a) il-karatteristiċi li l-valuri tagħhom ikunu s-suġġett ta' irkant elettroniku, basta li dawn il-karatteristiċi huma kwantifikabbli u jistgħu jiġu espressi f'ċifri jew persentaġġi;

(b) kull limitu fuq il-valuri li jistgħu jiġu sottomessi, minħabba li jirrizultaw mill-ispeċifikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-kuntratt;

(ċ) it-tagħrif li għandu jsir disponibbli lill-persuni kollha li jagħmlu l-offerti matul l-irkant elettroniku u, fejn ikun xieraq, meta jsir disponibbli lilhom;

(d) it-tagħrif rilevanti rigward il-proċess ta' rkant elettroniku;

(e) il-kondizzjonijiet fuq liema l-persuni li jagħmli l-offerti jkunu jistgħu joffru u partikolarment, id-differenzi minimi li, fejn ikun xieraq, jinħtieġu meta jagħmlu l-offerti;

(f) it-tagħrif rilevanti rigward it-tagħmir elettroniku wżat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-konnessjoni.

4. Qabel ma jipproċedu bl-irkant elettroniku, entitajiet kontraenti għandhom jagħmlu evalwazzjoni inizjali sħiħa ta' l-offerti bi qbil mal-kriterju/kriterji ta' għotja dikjarati u bit-tweżin fissat għalihom.

▼B

Il-persuni kollha li jagħmlu l-offerti li jkunu sottomettew offerti aċċettabbli għandhom jiġu mistiedna simultanjament permezz ta' mezzi elettroniċi biex jissottomettu prezzijiet ġodda u/jew valuri ġodda; l-istedina għandha tikkontjeni t-tagħrif rilevanti kollu rigward konnessjoni individwali mat-tagħmir elettroniku li qed jintuża u għandha tiddikjara d-data u l-ħin tal-bidu ta' l-irkant elettroniku. L-irkant elettroniku jista' jseħħ f'numru ta' fażijiet suċċessivi. L-irkant elettroniku ma jistax jibda aktar kmieni minn jumejn wara d-data li fiha jintbagħtu l-istediniet.

5. Meta l-kuntratt ikun se jingħata fuq il-bażi ta' l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, l-istedina għandha tiġi akkompanjata mir-rizultat ta' valwazzjoni sħiħa ta' l-offerta rilevanti mwettqa bi qbil mat-tweżin provdut fl-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 55(2).

L-istedina għandha tiddikjara wkoll il-formola matematika li trid tintuża fl-irkant elettroniku sabiex jiġu stabbiliti *rerankings* awtomatiċi fuq il-bażi tal-prezzijiet ġodda u/jew il-valuri ġodda sottomessi. Dik il-formola għandha tinkorpora t-tweżin tal-kriterji kollha stabbiliti biex tiġi stabbilita l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, kif indikat fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni jew fl-ispeċifikazzjonijiet; għal dak il-għan, kull firxa għandha, madankollu, titnaqqas minn qabel għal valur speċifikat.

Fejn varjanti huma awtorizzati, formola separata għandha tiġi provduta għal kull varjant.

6. Matul kull fażi ta' rkant elettroniku l-entitajiet kontraenti għandhom jikkomunikaw mill-ewwel mal-persuni li jagħmlu l-offerti tagħrif biżżejjed biex ikunu jistgħu jaċċertaw ir-*rankings* relattivi tagħhom f'dak il-mument. Jistgħu jikkomunikaw ukoll tagħrif ieħor rigward prezzijiet jew valuri oħra sottomessi, basta iżda li dan huwa dikjarat fl-ispeċifikazzjonijiet. Jistgħu wkoll f'kull ħin iħabbru n-numru ts' parteċipanti f'dik il-fażi ta' l-irkant. Fl-ebda każ, madankollu, ma jistgħu jiżvelaw l-identitajiet tal-persuni li qed jagħmlu l-offerti matul kull fażi ta' rkant elettroniku.

7. Entitajiet kontraenti għandhom jagħlqu rkant elettroniku f'waħda jew aktar mill-manjieri li ġejjin:

(a) fl-istedina biex jieħdu parti fl-irkant għandhom jindikaw id-data u l-ħin fissat bil-quddiem;

(b) meta ma jerċievux aktar prezzijiet jew valuri ġodda li jilħqu l-ħtiġijiet rigward differenzi minimi. F'dak il-każ, l-entitajiet kontraenti għandhom jiddikjaraw fl-istedina biex jieħdu parti fl-irkant il-ħin li huma jippermettu li jgħaddi wara li jerċievu l-aħħar sottomisssjoni qabel ma jagħlqu l-irkant elettroniku;

(ċ) meta n-numru ta' fażijiet fl-irkant, fissat fl-istedina biex jieħdu parti fl-irkant, ikun spiċċa.

Meta l-entitajiet kontraenti jkunu deċidew li jagħlqu rkant elettroniku bi qbil mas-sottoparagrafu (ċ), possibilment f'kombinazzjoni ma' l-arranġamenti preskritti f'sottoparagrafu (b), l-istedina biex jieħdu parti fl-irkant għandha tindika t-tqassim taż-żmien għal kull fażi ta' l-irkant.

8. Wara li jagħlqu rkant elettroniku l-entitajiet kontraenti għandhom jagħtu l-kuntratt bi qbil ma' l-Artikolu 55 dwar il-bażi tar-rizultati ta' l-irkant elettroniku.

9. Entitajiet kontraenti jistgħu ma jkollhomx rikors mhux xieraq għal irkanti elettroniċi u lanqas ma jistgħu jużawhom b'tali mod li jipprevjenu, jirristringu jew jgħawwġu l-kompetizzjoni jew ibiddlu l-kontenut tas-suġġett tal-kuntratt, kif definit fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni u fl-ispeċifikazzjoni.

▼B

*Artikolu 57*

**Offerti baxxi b'mod anormali**

1. Jekk, għal kuntratt imsemmi, offerti jidhru li huma baxxi b'mod anormali f'relazzjoni mal-merkanzija, xogħlijiet jew servizzi, l-entità kontraenti għandha, qabel ma tirrifjuta dawk l-offerti, titlob bil-miktub dettalji ta' l-elementi kostitwenti ta' l-offerti li hija tqis rilevanti.

Dawk id-dettalji jistgħu jkollhom x'jaqsmu partikolarment ma':

(a) l-ekonomija tal-proċess ta' fabbrikazzjoni, jew tas-servizzi provduti u tal-metodu ta' kostruzzjoni;

(b) is-soluzzjonijiet tekniċi magħżula u/jew kull kondizzjonijiet eċċezzjonalment favorevoli disponibbli lill-persuna li tagħmel l-offerti għall-provvista tal-merkanzija jew servizzi u għall-eżekuzzjoni tax-xogħol;

(ċ) l-oriġinalita tal-provvisti, servizzi jew xogħol proposti mill-persuna li tagħmel l-offerti;

(d) konformita mad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' protezzjoni ta' impjieg u kondizzjonijiet tax-xogħol fis-seħħ fil-post fejn se jitwettaq xogħol, servizz jew provvista;

(e) il-possibilta li l-persuna li tagħmel l-offerti tikseb għajnuna Statali.

2. L-entità kontraenti għandha tivverifika dawk l-elementi kostitwenti billi tikkonsulta mal-persuna li tagħmel l-offerti, waqt li tqis ix-xhieda provduta.

3. Fejn entità kontraenti tistabbilixxi li offerta hija baxxa b'mod anormali minħabba li l-persuna li tagħmel l-offerti tkun kisbet għajnuna Statali, offerta tista' tiġi rifjutata fuq dik il-bażi biss wara konsultazzjoni mal-persuna li tagħmel l-offerti fejn dan ta' l-aħħar ma jkunx jista' jagħti xhieda, f'limitu ta' żmien suffiċjenti fissat mill-entità kontraenti, li l-għajnuna msemmija ingħatat legalment. Fejn l-entità kontraenti tirrifjuta offerta f'dawn iċ-ċirkostanzi, għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b'dak il-fatt.

Sezzjoni 3

Offerti li jikkomprendu prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi u relazzjonijiet ma' dawk il-pajjiżi

*Artikolu 58*

**Offerti li jikkomprendu prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal offerti li jkopru prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi li magħhom il-Komunità għadha ma konkludietx, kemm jekk multibilaterali kif ukoll bilaterali, ftehim li jiżgura aċċess komparabbli u effettiv għal impriżi tal-Komunità għas-swieq ta' dawk il-pajjiżi terzi. Għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjoni tal-Komunità jew l-Istat Membru tagħha rigward pajjiżi terzi.

2. Kull offerta sottomessa għall-għotja ta' kuntratt ta' provvista tista' tiġi rifjutata fejn il-proporzjon tal-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi, kif stabbilit bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Komunitarja tad-Dwana ([1]), jaqbeż il-50 % tal-valur totali tal-prodotti li jikkositiwixxu l-offerta. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, *software* użat f'tagħmir tax-xibka tat-telekomunikazzjonijiet għandu jitqies bħala prodotti.

([1]) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17).

▼B

3. Bla ħsara għat-tieni sottoparagrafu, fejn żewġ offerti jew aktar huma ekwivalenti fid-dawl tal-kriterji tal-għoti tal-kuntratt definiti fl-Artikolu 55, għandha tingħata preferenza lil dawk l-offerti li ma jistgħux jiġu rifjutati skond paragrafu 2. Il-prezzijiet ta' dawk l-offerti għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, jekk id-differenza fil-prezz ma taqbiżx it-3 %.

Madankollu, offerta m'għandhiex tiġi preferita għal oħra skond l-ewwel sottoparagrafu fejn l-aċċettazzoni tagħha tkun tobbliga lill-entità kontraenti li takkwista tagħmir li għandu karatteristiċi tekniċi differenti minn dawk ta' tagħmir eżistenti, li jirrisulta f'inkompatibilita, diffikultajiet tekniċi fl-operat u l-manutenzjoni, jew spejjeż sproporzjonati.

4. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, dawk il-pajjiżi terzi li għalihom il-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu ġew estiżi bid-Deċiżjoni tal-Kunsill bi qbil mal-paragrafu 1 m'għandhomx jitqiesu fl-istabbilizzazzjoni tal-proporzjoni, riferit fil-paragrafu 2, tal-prodotti li joriġinaw mill-pajjiżi terzi.

5. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill rapport annwali, li jibda fit-tieni nofs ta' l-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, dwar il-progress li jkun sar f'negozjati multilaterali jew bilaterali rigward aċċess għal impriżi Komunitarji fis-swieq ta' pajjiżi terzi fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva, dwar kull rizultat li dawn in-negozjati setgħu kisbu, u dwar l-implimentazzjoni fil-prattika tal-ftehim kollha li jkunu ġew konklużi.

Huwa u jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, l-Kunsill jista' jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi.

*Artikolu 59*

**Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rigward kuntratti ta' xogħlijiet, provvista u servizz**

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'xi diffikultajiet ġenerali, fil-liġi jew fil-fatt, li jkunu ltaqgħu magħhom u ġew rapportati mill-impriżi tagħhom huma u jiżguraw l-għoti ta' kuntratti ta' servizz f'pajjiżi terzi.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill qabel il-31 ta' Diċembru 2005, u perjodikament wara dan, dwar il-ftuħ ta' kuntratti ta' servizz f'pajjiż terzi u dwar progress f'negozjati ma' dawn il-pajjiżi dwar dan is-suġġett, partikolarment fil-qafas ta' l-ODS.

3. Il-Kummisssjoni għandha tagħmel sforz, billi tavviċina l-pajjiż terz konċernat, li tirrimedja kull sitwazzjoni li biha ssib, fuq il-bażi jew tar-rapporti riferiti fil-paragrafu 2 jew ta' tagħrif ieħor, li, fil-kuntest ta' l-għotja ta' kuntratti ta' servizz, pajjiż terz:

(a) ma jagħtix lill-impriżi tal-Komunità aċċess effettiv komparabbli ma' dak mogħti mill-Komunità lill- impriżi minn dak il-pajjiż; jew

(b) ma jagħtix lill-impriżi tal-Komunità trattament nazzjonali jew l-istess opportunitajiet kompetittivi li huma disponibbli lill-impriżi nazzjonali; jew

(ċ) jagħti impriżi minn pajjiżi terzi oħra trattament aktar favorevoli minn impriżi tal-Komunità.

4. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull diffikulta, fil-liġi jew fil-fatt, li jkunu ltaqgħu magħha u li tiġi rapportata mill-impriżi tagħhom u li huma minħabba fin-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet internazzjonali tal-liġi tax-xogħol imniżżla f'lista fl-Anness XXIII meta dawn l-impriżi jkunu pruvaw jiżguraw l-għoti ta' kuntratti f'pajjiżi terzi.

▼B

5. Fiċ-ċirkostanzi riferiti f'paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni tista' f'kull ħin tipproponi li l-Kunsill jiddeċiedi li jissospendi jew jirrestrinġi, fuq perjodu li jrid jiġi preskritt fid-deċiżjoni, l-għoti ta' kuntratti ta' servizz lil:

(a) impriżi regolati mil-liġi tal-pajjiż terz imsemmi;

(b) impriżi affiljati ma' l-impriżi speċifikati f'punt (a) u li għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fil-Komunità imma m'għandhomx rabta diretta u effettiva ma' l-ekonomija ta' Stat Membru;

(ċ) impriżi li jissottomettu offerti li għandhom bħala l-kontenut tas-suġġett tagħhom servizzi li joriġinaw fil-pajjiż terz imsemmi.

Il-Kunsill għandu jaġixxi, b'maġġoranza kwalifikata, kemm jista' jkun malajr.

Il-Kummissjoni tista' tipproponi dawn il-miżuri fuq l-inizjattiva tagħha stess jew mat-talba ta' Stat Membru.

6. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-irbit tal-Komunità f'relazzjoni ma' pajjiżi terzi li joħorġu minn ftehim internazzjonali dwar akkwist pubbliku, partikolarment fil-qafas ta' l-ODS.

## IT-TITOLU III

REGOLI LI JIRREGOLAW KUNTESTI TA' SERVIZZ TA' DISINN

*Artikolu 60*

**Dispożizzjoni ġenerali**

1. Ir-regoli għall-organizzazzjoni ta' kuntest ta' disinn għandhom ikunu f'konformita mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u ma' l-Artikoli 61 u 63 u 66 u għandhom isiru disponibbli lil dawk kollha interessati li jipparteċipaw fil-kuntest.

2. Id-dħul ta' parteċipanti f'kuntesti ta' disinn m'għandux jiġi limitat:

(a) b'riferenza għat-territorju jew parti mit-territorju ta' Stat Membru;

(b) fuq il-bażi li, skond il-liġi ta' l-Istat Membru li fih il-kuntest ġie organizzat, ikunu jinħtieġu li jkunu persuni naturali jew legali.

*Artikolu 61*

**Livelli minimi**

1. Dan it-Titolu għandu japplika għal kuntesti ta' disinn organizzati bħala parti minn proċedura ta' akkwist għal servizzi li l-valur stmat tagħhom, nett ta' VAT, huwa ugwali jew aktar minn ►**M14** EUR 418 000 ◄. Għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu, "livell minimu" tfisser il-valur stmat nett ta' VAT tal-kuntratt ta' servizz, inkluż kull prezz possibbli u/jew pagament lil parteċipanti.

2. Dan it-Titolu għandu japplika għall-kuntesti kollha ta' disinn fejn l-ammont totali ta' prezzijiet tal-kuntest u pagamenti għal parteċipanti huwa ugwali għal jew aktar minn ►**M14** EUR 418 000 ◄.

Għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu, "livell minimu" tfisser l-ammont totali tal-prezzijiet u pagamenti, inkluż il-valur nett stmat ta' VAT għall-kuntratt tas-servizz li jista' jiġi nkluż sossegwentement skond l-Artikolu 40(3) jekk l-entità kontraenti ma teskludix din l-għotja fl-avviż tal-kuntest.

▼B

*Artikolu 62*

**Kuntesti ta' disinn eskluži**

Dan it-Titolu m'għandux japplika għal:

(1) kuntesti li huma organizzati fl-istess każijiet kif riferit fl-Artikoli 20, 21 u 22 għal kuntratti ta' servizz;

(2) kuntesti ta' disinn organizzati għas-segwiment, fl-Istat Membru konċernat, ta' attività li għaliha l-applikabilita ta' paragrafu 1 ta' l-Artikolu 30 ġie stabbilit minn deċiżjoni tal-Kummissjoni jew tqieset applikabbli skond il-paragrafu 4, it-tieni jew it-tielet sottoparagrafu, jew għall-paragrafu 5, ir-raba' sottoparagrafu ta' dak l-Artikolu.

*Artikolu 63*

**Regoli dwar pubblikità u trasparenza**

1. Entitajiet kontraenti li jixtiequ jorganizzaw kuntest ta' disinn għandhom isejħu għal kompetizzjoni permezz ta' avviż ta' kuntest. Entitajiet kontraenti li żammew kuntest ta' disinn għandhom jgħarrfu r-rizultati permezz ta' avviż. Is-sejħa għal kompetizzjoni għandha tinkludi t-tagħrif riferit fl-Anness XVIII u l-avviż tar-rizultati ta' kuntest ta' disinn għandu jikkontjeni t-tagħrif riferit fl-Anness XIX bi qbil mal-forma ta' formoli *standard* adottati mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura fl-Artikolu 68(2).

L-avviż tar-rizultati ta' kuntest ta' disinn għandu jintbagħat lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mill-għeluq tal-kuntest tad-disinn u fuq kondizzjonijiet li jridu jiġu preskritti mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 68(2). Dwar dan, il-Kummissjoni għandha tirrispetta kull aspett kummerċjali sensittiv li l-entitajiet kontraenti jistgħu juru meta jibgħatu dan it-tagħrif, dwar in-numru ta' proġetti jew pjanijiet irċevuti, l-identità ta' operaturi ekonomiċi, jew il-prezzijiet offruti.

2. L-Artikolu 44(2) sa (8) għandu japplika għal avviżi li għandhom x'jaqsmu ma' kuntesti ta' disinn.

*Artikolu 64*

**Mezzi ta' komunikazzjoni**

1. L-Artikolu 48(1), (2) u (4) għandu japplika għall-komunikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kuntesti.

2. Komunikazzjonijiet, skambji u r-reġistrar ta' tagħrif għandhom ikunu tali li jiżguraw li l-integrita u l-kunfidenzalita tat-tagħrif kollu komunikat mill-parteċipanti f'kuntest huma preservati u li l-ġurija taċċerta l-kontenut ta' pjanijiet u proġetti biss wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tagħhom.

3. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-mezzi għall-irċevuta elettronika ta' pjanijiet u proġetti:

(a) It-tagħrif li għandu x'jaqsma ma' l-ispeċifikazzjonijiet li huwa meħtieġ għall-prezentazzjoni ta' pjanijiet u proġetti b'mezzi elettroniċi, inkluż *encryption*, għandu jkun disponibbli lill-partijiet konċernati. B'żieda ma' dan, il-mezzi għall-irċevuta elettronika ta' pjanijiet u proġetti għandhom jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' l-Anness XXIV;

(b) L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu skemi ta' akkreditazzjoni volontarji li jimmiraw għal livelli miżjuda ta' provvediment ta' servizz ta' ċertifikazzjoni għal dawn il-mezzi.

▼B

*Artikolu 65*

**Regoli dwar l-organizzazzjoni ta' kuntesti ta' disinn, l-għażla ta' parteċipanti u l-ġurija**

1. Huma u jorganizzaw kuntesti ta' disinn, entitajiet kontraenti għandhom japplikaw proċeduri li huma addattati għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. Fejn kuntesti ta' disinn huma ristretti għal numru limitat ta' parteċipanti, entitajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu kriterji ta' għażla ċari u mhux diskriminatorji. F'kull każ, in-numru ta' kandidati mistiedna biex jipparteċipaw għandu jkun suffiċjenti biex jiżgura kompetizzjoni ġenwina.

3. Il-ġurija għandha tiġi komposta esklussivament minn persuni naturali li huma indipendenti minn parteċipanti fil-kuntest. Fejn kwalifika professjonali partikolari hija meħtieġa minn parteċipanti f'kuntest, mill-inqas terz tal-membri tal-ġurija għandu jkollhom l-istess kwalifika jew kwalifika ekwivalenti.

*Artikolu 66*

**Deċiżjonijiet tal-ġurija**

1. Il-ġurija għandha tkun awtonoma fid-deċiżjonijiet jew l-opinjonijiet tagħha.

2. Għandha teżamina l-pjanijiet u l-proġetti sottomessi mill-kandidati anonimi u fuq il-bażi biss tal-kriterji indikati fl-avviż tal-kuntest.

3. Għandha tirreġistra r-*ranking* ta' proġetti f'rapport, iffirmat mill-membri tagħha, magħmul skond il-merti ta' kull proġett, flimkien mar-rimarki tagħha u kull punt li jista' jeħtieġ li jiċċara ruħu.

4. Anonimita trid tiġi osservata sakemm il-ġurija tkun laħqet l-opinjoni jew id-deċiżjoni tagħha.

5. Kandidati jistgħu jiġu mistiedna, jekk ikun meħtieġ, biex iwieġbu domandi li l-ġurija tkun irreġistrat fil-minuti biex tiċċara xi aspetti tal-proġetti.

6. Minuti kompleti għandhom jitfasslu tad-djalogu bejn membri tal-ġurija u kandidati.

**IT-TITOLU IV**

OBBLIGAZZJONIJIET STATISTIĊI, POTERI EŻEKUTORJI U DISPOSIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 67*

**Obbligazzjonijiet statistiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, bi qbil ma' l-arranġamenti li jridu jiġu preskritti skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 68(2), li l-Kummissjoni terċievi kull sena rapport statistiku rigward il-valur totali, mqassam skond l-Istat Membru u skond il-kategorija ta' attività li għaliha l-Annessi I sa X jirreferu, tal-kuntratti mogħtija taħt l-livelli minimi dikjarati fl-Artikolu 16 imma li jkunu koperti minn din id-Direttiva kieku ma kienux dawn l-livelli minimi.

▼B

2. Rigward il-kategoriji ta' attività li għalihom l-Annessi II, III, V, IX u X jirreferu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni terċievi rapport statistiku dwar kuntratti mogħtija mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2004 għas-sena preċedenti, u qabel il-31 ta' Ottubru ta' kull sena wara dan, bi qbil ma' l-arranġamenti li jridu jiġu preskritti skond il-proċedura provvduta fl-Artikolu 68(2). Ir-rapport statistiku għandu jinkludi t-tagħrif meħtieġ biex tiġi verifikata l-applikazzjoni xierqa tal-Ftehim.

It-tagħrif meħtieġ skond l-ewwel sottoparagrafu m'għandux jinkludi tagħrif li jirrigwardja kuntratti għas-servizzi ta' R u Ż imniżżla f'lista f'kategorija 8 ta' l-Anness XVII A, għal servizzi ta' telekomunikazzjonijiet imniżżla f'lista f'kategorija 5 ta' l-Anness XVII A li l-posizzjonijiet tagħhom tal-VKA huma ekwivalenti għan-numri ta' riferenza tal-KPĊ 7524, 7525 u 7526, jew għas-servizzi mniżżla f'lista fl-Anness XVII B.

3. L-arranġamenti skond paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu preskritti f'tali mod illi jiġi żgurat li:

(a) fl-interessi ta' simplifikazzjoni amministrattiva, kuntratti ta' valur aktar baxx, basta iżda li l-utilita ta' l-istatistiċi ma titqegħidx f'periklu;

(b) in-natura kunfidenzali tat-tagħrif provdut hija rispettata.

▼M8

*Artikolu 68*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 71/306/KEE ([1]).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u 5 b), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 5a(3)(c), (4)(b), u (4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu erba' ġimgħat, ġimgħatejn, u sitt ġimgħat rispettivament.

5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1), (2), (4) u (6), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

▼B

*Artikolu 69*

**Reviżjoni ta' l-livelli minimi**

1. ►M8 Il-Kummissjoni għandha tivverifika l-livelli minimi stabbiliti fl-Artikolu 16 kull sentejn mit-30 ta' April 2004, u għandha, jekk ikun meħtieġ rigward it-tieni sottoparagrafu tirrevedihom. Billi dawk il-miżuri huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, huma għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 68(4). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 68(5). ◄

([1]) ĠU L 185, 16.8.1971, p. 15.

▼B

Il-kalkolu tal-valur ta' dawn l-livelli minimi għandu jiġi bażat fuq il-valur medju ta' kuljum ta' l-Ewro, espress f'*SDR*, matul l-24 xahar li jispiċċaw fl-aħħar jum ta' Awissu li jiġu qabel ir-reviżjoni b'effett mill-1 ta' Jannar. Il-valur ta' l-livelli minimi b'hekk rivedut għandu, fejn ikun meħtieġ, jitneħħewlu x-xtur sa' l-eqreb elf Ewro sabiex jiġi żgurat li l-livelli minimi fis-seħħ provduti bil-Ftehim, espressi f'SDR, huma osservati.

2. ►M8 Fl-istess waqt li tkun qed twettaq ir-reviżjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tallinea l-livelli minimi preskritti fl-Artikolu 61 (kuntesti ta' disinn) mal-livelli minimi riveduti applikabbli għal kuntratti ta' servizzi. Billi dawk il-miżuri huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, huma għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 68(4). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 68(5). ◄

Il-valuri ta' l-livelli minimi preskritti bi qbil mal-paragrafu 1 fil-muniti nazzjonali ta' Stati Membri mhux parteċipanti fl-Unjoni Monetarja għandhom, fi prinċipji, jkunu riveduti kull sentejn mill-1 ta' Jannar 2004. Il-kalkolu ta' dawn il-valuri għandu jiġi bażat fuq il-valur medju ta' kuljum ta' dawk il-muniti, espressi f'Ewro, matul l-24 xahar li jispiċċaw fl-aħħar jum ta' Awissu li jiġu qabel ir-reviżjoni b'effett mill-1 ta' Jannar.

3. L-livelli minimi riveduti riferiti fil-paragrafu 1, il-valuri tagħhom f'muniti nazzjonali u l-livelli minimi allineati riferiti fil-paragrafu 2 għandhom jiġu pubblikati mill-Kummissjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-bidu tax-xahar ta' Novembru wara r-reviżjoni tagħhom.

▼M8

*Artikolu 70*

**Emendi**

1. Il-Kummissjoni tista' temenda, f'konformità mal-proċedura kosultattiva msemmija fl-Artikolu 68(2):

(a) il-proċedura biex jintbagħtu u jiġu pubblikati fatti magħrufa (data) riferiti fl-Anness XX fuq bażi ta' progress tekniku jew għal raġunijiet amministrattivi;

(b) il-proċeduri għat-tfassil, it-trażmissjoni, l-irċevuta, it-traduzzjoni, il-ġbir u d-distribuzzjoni tal-avviżi riferiti fl-Artikoli 41, 42, 43 u 63;

(ċ) fl-interessi ta' semplifikazzjoni skont l-Artikolu 67(3), il-proċeduri għall-użu, it-tfassil, it-trażmissjoni, l-irċevuta, it-traduzzjoni, il-ġbir u d-distribuzzjoni tar-rapporti statistiċi riferiti fl-Artikolu 67(1) u (2).

2. Il-Kummissjoni tista' temenda dawn li ġejjin:

(a) il-lista ta' entitajiet kontraenti fl-Annessi I sa X sabiex iwettqu l-kriterji dikjarati fl-Artikoli 2 sa 7;

(b) il-proċeduri għal referenzi speċifiċi għal pożizzjonijiet partikolari fin-nomenklatura tal-VKA fl-avviżi;

(ċ) in-numri ta' referenza fin-nomenklatura dikjarata fl-Anness XVII, sakemm dan ma jbiddilx l-iskop materjali ta' din id-Direttiva, u l-proċeduri għal referenza fl-avviżi għal pożizzjonijiet partikolari f'din in-nomenklatura fil-kategoriji ta' servizzi mniżżla f'lista fl-Anness;

(d) in-numri ta' referenza fin-nomenklatura dikjarata fl-Anness XII, sakemm dan ma jbiddilx l-iskop materjali ta' din id-Direttiva, u l-proċeduri għal referenza għal pożizzjonijiet partikolari f'din in-nomenklatura fl-avviżi;

▼M8

(e) l-Anness XI;

(f) id-dettalji tekniċi u l-karatteristiċi tal-mezzi għal irċevuta elettronika riferiti f'punti (a), (f) u (g) tal-Anness XXIV;

(g) il-proċeduri tekniċi għall-metodi ta' kalkolu stabbilti fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 69 (1) u fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 69(2).

Billi dawk il-miżuri huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, huma għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 68(3). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 68(5).

▼B

*Artikolu 71*

**Implimentazzjoni tad-Direttiva**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-aktar tard il-31 ta' Jannar 206. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni fil-pront.

L-Istati Membri jistgħu jiddisponu minn perjodu addizzjonali sa 35 xahar wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien provvdut fl-ewwel sottoparagrafu għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' l-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandhom ikollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif isiru dawn ir-riferenzi għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 30 huma applikabbli mit-30 ta' April 2004.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 72*

**Mekkaniżmi ta' monitoraġġ**

F'konformita mad-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, ta' l-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjonijiet(32 ([1]), l-Istati Membri għandhom jiżguraw implimentazzjoni ta' din id-Direttiva permezz ta' mekkaniżmi effettivi, disponibbli u trasparenti.

Għal dan il-għan jistgħu, fost ħwejjeġ oħra, jaħtru jew jistabbilixxu korp indipendenti.

*Artikolu 73*

**Revoka**

Id-Direttiva 93/38/KEE hija hawnhekk imħassra, mingħajr preġudizzjoni għall-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali dikjarata fl-Anness XXV.

Ir-riferenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala li qed isiru għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw b'mod konformi mat-tabella tal-ko-relazzjoni fl-Anness XXVI.

([1]) ĠU L 76, tat-23.03.1992, p. 14. Id-Direttiva emendata mill-Att ta' Sħubija ta' l-1994 (ĠU C 241, tad-29.8.1994, p. 228).

▼B

*Artikolu 74*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 75*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M7

*ANNESS I*

**Entitajiet kontraenti fis-setturi tat-trasport jew tat-tqassim tal-gass jew tas-sħana**

**Il-Belġju**

— Distrigaz

— Awtoritajiet lokali u assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali, għal din il-parti tal-attività tagħhom.

— Fluxys

**Il-Bulgarija**

Entitajiet liċenzjati għall-produzzjoni jew għat-trasport tas-sħana skont l-Artikolu 39(1) tal-Закона за енергетиката (обн., ДВ, бр.107/9.12.2003):

— АЕЦ Козлодуй – ЕАД

— Брикел – ЕАД

— "Бул Еко Енергия" ЕООД

— "ГЕРРАД" АД

— Девен АД

— ТЕЦ "Марица 3" – АД

— "Топлина електроенергия газ екология" ООД

— Топлофикация Бургас – ЕАД

— Топлофикация Варна – ЕАД

— Топлофикация Велико Търново – ЕАД

— Топлофикация Враца – ЕАД

— Топлофикация Габрово – ЕАД

— Топлофикация Казанлък – ЕАД

— Топлофикация Лозница – ЕАД

— Топлофикация Перник – ЕАД

— ЕВН България Топлофикация – Пловдив – ЕАД

— Топлофикация Плевен – ЕАД

— Топлофикация Правец – ЕАД

— Топлофикация Разград – ЕАД

— Топлофикация Русе – ЕАД

— Топлофикация Сливен – ЕАД

— Топлофикация София – ЕАД

— Топлофикация Шумен – ЕАД

— Топлофикация Ямбол – ЕАД

Entitajiet liċenzjati għall-produzzjoni, għat-tqassim, għat-twassil pubbliku jew għall-provvista minn fornitur aħħari tal-gass skont l-Artikolu 39(1) tal-Закона за енергетиката (обн., ДВ, бр.107/9.12.2003):

— Булгаргаз ЕАД

— Булгартрансгаз ЕАД

— Балкангаз 2000 АД

— Бургасгаз ЕАД

— Варнагаз АД

— Велбъждгаз АД

— Газо-енергийно дружество-Елин Пелин ООД

▼M7

— Газинженеринг ООД

— Газоснабдяване Асеновград АД

— Газоснабдяване Бургас ЕАД

— Газоснабдяване Враца ЕАД

— Газоснабдяване Нова Загора АД

— Газоснабдяване Нови Пазар АД

— Газоснабдяване Попово АД

— Газоснабдяване Първомай АД

— Газоснабдяване Разград АД

— Газоснабдяване Русе ЕАД

— Газоснабдяване Стара Загора ООД

— Добруджа газ АД

— Дунавгаз АД

— Каварна газ ООД

— Камено-газ ЕООД

— Кнежа газ ООД

— Кожухгаз АД

— Комекес АД

— Консорциум Варна Про Енерджи ООД

— Костинбродгаз ООД

— Ловечгаз 96 АД

— Монтанагаз АД

— Овергаз Инк. АД

— Павгаз АД

— Плевенгаз АД

— Правецгаз 1 АД

— Примагаз АД

— Промишлено газоснабдяване ООД

— Раховецгаз 96 АД

— Рилагаз АД

— Севлиевогаз-2000 АД

— Сигаз АД

— Ситигаз България АД

— Софиягаз ЕАД

— Трансгаз Енд Трейд АД

— Хебросгаз АД

— Централ газ АД

— Черноморска технологична компания АД

— Ямболгаз 92 АД

**Ir-Repubblika Ċeka**

L-entitajiet kontraenti kollha fis-setturi li jfornu servizzi fis-settur tal-gass, fis-settur tas-sħana imfissra fit-taqsima 4, paragrafu 1 ittra a), b) tal-Att Nru. 137/2006 Coll. dwar il-Kuntratti Pubbliċi, kif emendat.

▼M7

Eżempji ta' entitàjiet kontraenti:

— RWE Transgas Net, s.r.o.

— Pražská plynárenská, a.s.

— Severomoravská plynárenská, a.s.

— Plzeňská teplárenská, a.s.

— Pražská teplárenská a.s.

**Id-Danimarka**

— Entitajiet li jqassmu l-gass jew is-sħana abbażi ta' awtorizzazzjoni skont l-§ 4 tal-lov om varmeforsyning, ara l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru 347 tas-17 ta' Lulju 2005.

— Entitajiet li jittrasportaw il-gass abbażi ta' liċenzja skont l-§ 10 tal-lov om naturgasforsyning, ara l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru 1116 tat-8 ta' Mejju 2006.

— Entitajiet li jittrasportaw il-gass abbażi ta' awtorizzazzjoni skont il-bekendtgørelse nr. 361 om rørledningsanlæg på dansk kontinentalsokkelområde til transport af kulbrinter tal-25 ta' April 2006.

— Trasport tal-gass li jsir mill-Energinet Danmark jew minn kumpaniji sussidjarji li huma proprjetà ta' Energinet Danmark skont il-lov om Energinet Danmark § 2, stk.2 og 3, ara l-att Nru 1384 tal-20 ta' Diċembru 2004.

**Il-Ġermanja**

Awtoritajiet lokali, korpi regolatorji pubbliċi jew assoċjazzjonijiet ta' korpi regolatorji pubbliċi jew impriżi tal-Istat, li jfornu enerġija lil impriżi oħra li joperaw netwerk li jforni l-enerġija jew li jkollhom is-setgħa li jarmu din l-enerġija għal netwerk li jforni l-enerġija minħabba li huma s-sidien tiegħu skont l-Artikolu 3(18) tal-Gesetz über die Elektrizitäts-und Gasversorgung (Energiewirtschaftsgesetz) tal-24 ta' April 1998, kif emendat l-aħħar fid-9 ta' Diċembru 2006.

**L-Estonja**

— Entitajiet li joperaw skont l-Artikolu 10(3) tal-Att tal-Akkwist Pubbliku (RT I 21.7.2007, 15, 76) u l-Artikolu 14 tal-Att tal-Kompetizzjoni (RT I 2001, 56 332).

— AS Kohtla-Järve Soojus;

— AS Kuressaare Soojus;

— AS Võru Soojus.

**L-Irlanda**

— Bord Gáis Éireann

— Entitajiet oħra li jistgħu jiġu liċenzjati biex ikunu responsabbli għall-attività ta' tqassim ta' gass naturali jew trażmissjoni mill-Kummissjoni għar-Regolazzjoni tal-Enerġija skont id-dispożizzjonijiet tal-Atti tal-Gass 1976 sal-2002.

— Entitajiet liċenzjati skont l-Electricity Regulation Act 1999 li bħala operaturi ta' "Impjanti Kkombinati tas-Sħana u tal-Enerġija" huma nvoluti fit-tqassim tas-sħana.

**Il-Greċja**

— "Δημόσια Επιχείρηση Αερίου (Δ.ΕΠ.Α.) Α.Ε." li jittrasporta u jqassam il-gass f'konformtià mal-Liġi Nru 2364/95, kif emendata bil-Liġijiet Nri 2528/97, 2593/98 u 2773/99.

— Διαχειριστής Εθνικού Συστήματος Φυσικού Αερίου (ΔΕΣΦΑ) Α.Ε.

**Spanja**

— Enagas, S.A.

— Bahía de Bizkaia Gas, S.L.

— Gasoducto Al Andalus, S.A.

— Gasoducto de Extremadura, S.A.

▼M7

— Infraestructuras Gasistas de Navarra, S.A.
— Regasificadora del Noroeste, S.A.
— Sociedad de Gas de Euskadi, S.A
— Transportista Regional de Gas, S.A.
— Unión Fenosa de Gas, S.A.
— Bilbogas, S.A.
— Compañía Española de Gas, S.A.
— Distribución y Comercialización de Gas de Extremadura, S.A.
— Distribuidora Regional de Gas, S.A.
— Donostigas, S.A.
— Gas Alicante, S.A.
— Gas Andalucía, S.A.
— Gas Aragón, S.A.
— Gas Asturias, S.A.
— Gas Castilla – La Mancha, S.A.
— Gas Directo, S.A.
— Gas Figueres, S.A.
— Gas Galicia SDG, S.A.
— Gas Hernani, S.A.
— Gas Natural de Cantabria, S.A.
— Gas Natural de Castilla y León, S.A.
— Gas Natural SDG, S.A.
— Gas Natural de Alava, S.A.
— Gas Natural de La Coruña, S.A.
— Gas Natural de Murcia SDG, S.A.
— Gas Navarra, S.A.
— Gas Pasaia, S.A.
— Gas Rioja, S.A.
— Gas y Servicios Mérida, S.L.
— Gesa Gas, S.A.
— Meridional de Gas, S.A.U.
— Sociedad del Gas Euskadi, S.A.
— Tolosa Gas, S.A.

**Franza**

— Gaz de France, imwaqqaf u operat skont il-Loi nº 46-628 sur la nationalisation de l'électricité et du gaz tat-8 ta' April 1946, kif emendat.
— GRT Gaz, kap tan-netwerk tat-trasport tal-gass.
— Entitajiet li jqassmu l-gass, imsemmijin fl-Artikolu 23 tal-Loi nº 46-628 sur la nationalisation de l'électricité et du gaz tat-8 ta' April 1946, kif emendat. (kumpaniji mħallta tat-tqassim tal-ekonomija, régies, jew servzzi simili mogħtija mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali)) Eż.: Gaz de Bordeaux, Gaz de Strasbourg.
— Awtoritajiet lokali jew assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali, li jqassmu s-sħana.

▼M12

**Il-Kroazja**

L-entitajiet kontraenti msemmija fl-Artikolu 6 ta' Zakon o javnoj nabavi (Narodne novine broj 90/11 (l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, il-Gazzetta Uffiċjali Nru 90/11) li, skont regolamenti speċjali, jinvolvu rwieħhom fl-attività ta' kostruzzjoni (il-provvediment) jew it-tħaddim ta' netwerks fissi maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' gass u enerġija termali u l-provvista ta' gass jew enerġija termali lil netwerks fissi, bħall-entitajiet involuti fl-attivitajiet imsemmija ibbażati fuq il-Liċenzja għat-twettiq ta' attivitajiet tal-enerġija skont l-Att dwar l-Enerġija (il-Gazzetta Uffiċjali 120/12).

▼M7

**L-Italja**

— SNAM Rete Gas SpA, S.G.M. e EDISON T. e S. għat-trasport tal-gass

▼M7

— Entitajiet li jqassmu l-gass regolati bit-test konsolidat tal-liġijiet dwar il-pretensjoni diretta ta' kontroll ta' servizzi pubbliċi minn awtoritajiet lokali u provinċji, approvati mir-Regio Decrato N 2578 tal-15 ta' Ottubru 1925 u mid-D.P.R. N 902 tal-4 t' Ottubru 1986 u bl-artikoli 14 u 15 tad-Decrato Legislativo N 164 tat-23 ta' Mejju 2000

— Entitajiet li jqassmu s-sħana lill-pubbliku kif hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 10 tal-Liġi Nº 308 tad-29 ta' Mejju 1982 – Norme sul contenimento dei consumi energetici, lo sviluppo delle fonti rinnovabili di energia, l'esercizio di centrali elettriche alimentate con combustibili diversi dagli idrocarburi.

— Awtoritajiet lokali, jew assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali, li jqassmu s-sħana lill-pubbliku.

— Società di trasporto regionale, li t-tariffa tagħha ġiet approvata mill-Autorità per l'energia elettrica ed il gas.

**Ċipru**

**Il-Latvja**

— Akciju sabiedrība "Latvijas gāze".

— Entitajiet pubbliċi tal-gvernijiet lokali li jfornu lill-pubbliku bis-sħana.

**Il-Litwanja**

— Akcinė bendrovė "Lietuvos dujos"

— Entitajiet oħra li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 70 (1, 2) tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tar-Repubblika tal-Litwanja (Gazzetta Uffiċjali, Nru. 84-2000, 1996; Nru. 4-102, 2006) u t-twettiq ta' attività ta' trasport, tqassim jew provvista tal-gass skont il-Liġi dwar il-Gass Naturali tar-Repubblika tal-Litwanja (Gazzetta Uffiċjali, Nru. 89-2743, 2000; Nru. 43-1626, 2007)

— Entitajiet li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 70 (1, 2) tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tar-Repubblika tal-Litwanja (Gazzetta Uffiċjali, Nru. 84-2000, 1996; Nru. 4-102, 2006) u t-twettiq ta' attività ta' provvista tas-sħana skont il-Liġi dwar is-Sħana tar-Repubblika tal-Litwanja (Gazzetta Uffiċjali, Nru. 51-2254, 2003, Nru 130-5259, 2007).

**Il-Lussemburgu**

— Société de transport de gaz SOTEG S.A.

— Gaswierk Esch-Uelzecht S.A.

— Service industriel de la Ville de Dudelange.

— Service industriel de la Ville de Luxembourg.

— Awtoritajiet lokali jew assoċjazzjonijiet iffurmati minn dawk l-awtoritajiet lokali responsabbli għat-tqassim tas-sħana.

**L-Ungerija**

— Entitajiet li jittrasportaw u jqassmu l-gass skont l-Artikoli 162–163 tal-évi CXXIX. törvény a közbeszerzésekről tal-2003 u abbaži ta' awtorizzazzjoni skont l-évi XLII. törvény a földgázellátásról tal-2003.

— Entitajiet li jittrasportaw u jqassmu s-sħana skont l-Artikoli 162–163 tal-évi CXXIX. törvény a közbeszerzésekről tal-2003 u abbaži ta' awtorizzazzjoni skont l-évi XVIII. törvény a földgázellátásról tal-2005.

**Malta**

— Korporazzjoni Enemalta (Enemalta Corporation)

**L-Olanda**

— Entitajiet li jipproduċu, jittrasportaw jew iqassmu l-gass abbaži ta' liċenzja (vergunning) mogħtija mill-awtoritajiet muniċipali skont il-Gemeentewet. Ngħidu aħna: NV Nederlandse Gasunie

▼M7

— Awtoritajiet municipali jew provinċjali li jittrasportaw jew iqassmu l-gass skont il-Gemeentewet jew il-Provinciewet.

— Awtoritajiet lokali jew assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali li jqassmu s-sħana lill-pubbliku.

**L-Awstrija**

— Entitajiet awtorizzati sabiex jittrasportaw jew iqassmu l-gass skont l-Energie-wirtschaftsgesetz, dRGBl. I, pp. 1451–1935 jew il-Gaswirtschaftgesetz, BGBl.

— Entitajiet awtorizzati sabiex jittrasportaw jew iqassmu s-sħana skont il-Gewerbeordnung, BGBl.

**Il-Polonja**

Kumpaniji tal-enerġija fit-tifsira tal-ustawa z dnia 10 kwietnia 1997 r. Prawo energetyczne, li jinkludu fost l-oħrajn:

— Dolnośląska Spółka Gazownictwa Sp. z o.o. we Wrocławiu

— Europol Gaz S.A Warszawa

— Gdańskie Przedsiębiorstwo Energetyki Cieplnej Sp. z o.o.

— Górnośląska Spółka Gazownictwa Sp. z o.o., Zabrze

— Karpacka Spółka Gazownictwa Sp. z o.o. w Tarnowie

— Komunalne Przedsiębiorstwo Energetyki Cieplnej Sp. z o.o., Karczew

— Mazowiecka Spółka Gazownictwa Sp. z o.o. Warszawa

— Miejskie Przedsiębiorstwo Energetyki Cieplnej S. A., Tarnów

— OPEC Grudziądz Sp. z o.o.

— Ostrowski Zakład Ciepłowniczy S.A., Ostrów Wielkopolski

— Pomorska Spółka Gazownictwa Sp. z o.o., Gdańsk

— Przedsiębiorstwo Energetyki Cieplnej – Gliwice Sp. z o, o.

— Przedsiębiorstwo Energetyki Cieplnej w Dąbrowie Górniczej S.A.

— Stołeczne Przedsiębiorstwo Energetyki Cieplnej S.A., Warszawa

— Wielkopolska Spółka Gazownictwa Sp. z o.o, Poznań

— Wojewódzkie Przedsiębiorstwo Energetyki Cieplnej w Legnicy S.A.

— Zakład Energetyki Cieplnej w Wołominie Sp. z o.o.

— Zespół Elektrociepłowni Bydgoszcz S.A.

— Zespół Elektrociepłowni Bytom S.A.

— Elektrociepłownia Zabrze S.A.

— Ciepłownia Łańcut Sp. z.o.o.

**Il-Portugall**

Entitajiet li jittrasportaw jew iqassmu l-gass skont:

— Id-Decreto-Lei nº 30/2006, de 15 de Fevereiro, que estabelece os princípios gerais de organização e funcionamento do Sistema Nacional de Gás Natural (SNGN), bem como o exercício das actividades de recepção, armazenamento, transporte, distribuição e comercialização de gás natural;

— Id-Decreto-Lei nº 140/2006, de 26 de Julho, que desenvolve os princípios gerais relativos à organização e funcionamento do SNGN, regulamentando o regime jurídico aplicável ao exercício daquelas actividades.

**Ir-Rumanija**

— "Societatea Națională de Transport Gaze Naturale Transgaz – SA Mediaș"

— SC Distrigaz Sud SA

— E. ON Gaz România SA

— E.ON Gaz Distribuție SA– Societăți de distribuție locală

▼M7

**Is-Slovenja**

Entitajiet li jittrasportaw jew li jqassmu l-gass skont l-Energetski zakon (Uradni list RS, 79/99) u entitajiet li jittrasportaw jew li jqassmu s-sħana skont id-dečiżjonijiet meħuda mill-muniċipalitajiet.

| Mat. št. | Naziv | Poštna Št. | Kraj |
|---|---|---|---|
| 5226406 | Javno Podjetje Energetika Ljubljana D.O.O. | 1000 | Ljubljana |
| 5796245 | Podjetje Za Oskrbo Z Energijo Ogrevanje Piran D.O.O. Piran | 6330 | Piran – Pirano |
| 5926823 | Jeko – In, Javno Komunalno Podjetje, D.O.O., Jesenice | 4270 | Jesenice |
| 1954288 | Geoplin Plinovodi D.O.O. | 1000 | Ljubljana |
| 5034477 | Plinarna Maribor, Družba Za Proizvodnjo, Distribucijo Energentov, Trgovino In Storitve D.D. | 2000 | Maribor |
| 5705754 | Petrol Energetika D.O.O. Ravne Na Koroškem | 2390 | Ravne Na Koroškem |
| 5789656 | Javno Podjetje Plinovod Sevnica | 8290 | Sevnica |
| 5865379 | Adriaplin Podjetje Za Distribucijo Zemeljskega Plina D.O.O. Ljubljana | 1000 | Ljubljana |
| 5872928 | Mestni Plinovodi Distribucija Plina D.O.O. | 6000 | Koper – Capodistria |
| 5914531 | Energetika Celje Javno Podjetje D.O.O. | 3000 | Celje |
| 5015731 | Javno Komunalno Podjetje Komunala Trbovlje D.O.O. | 1420 | Trbovlje |
| 5067936 | Komunala D.O.O. Javno Podjetje Murska Sobota | 9000 | Murska Sobota |
| 5067804 | Javno Komunalno Podjetje Komunala Kočevje D.O.O. | 1330 | Kočevje |
| 1574558 | Oks Občinske Komunalne Storitve D.O.O. Šempeter Pri Gorici | 5290 | Šempeter Pri Gorici |
| 1616846 | Energetika Preddvor, Energetsko Podjetje D.O.O. | 4205 | Preddvor |
| 5107199 | Javno Podjetje Toplotna Oskrba, D.O.O., Maribor | 2000 | Maribor |
| 5231787 | Javno Podjetje Komunalna Energetika Nova Gorica D.O.O. | 5000 | Nova Gorica |
| 5433215 | Toplarna Železniki, Proizvodnja In Distribucija Toplotne Energije D.O.O. | 4228 | Železniki |
| 5545897 | Toplarna Hrastnik, Javno Podjetje Za Proizvodnjo, Distribucijo In Prodajo Toplotne Energije, D.O.O. | 1430 | Hrastnik |
| 5615402 | Spitt D.O.O. Zreče | 3214 | Zreče |
| 5678170 | Energetika Nazarje D.O.O. | 3331 | Nazarje |
| 5967678 | Javno Podjetje Dom Nazarje, Podjetje Za Oskrbo Z Energijo In Vodo Ter Upravljanje Z Mestnimi Napravami D.O.O. | 3331 | Nazarje |
| 5075556 | Loška Komunala, Oskrba Z Vodo In Plinom, D.D. | 4220 | Škofja Loka |
| 5222109 | Komunalno Podjetje Velenje D.O.O. Izvajanje Komunalnih Dejavnosti D.O.O. | 3320 | Velenje |
| 5072107 | Javno Komunalno Podjetje Slovenj Gradec D.O.O. | 2380 | Slovenj Gradec |
| 5073162 | Komunala Slovenska Bistrica, Podjetje Za Komunalne In Druge Storitve, D.O.O. | 2310 | Slovenska Bistrica |

▼M7

**Is-Slovakkja**

— Entitajiet li jipprovdu għal jew joperaw, abbażi ta' permess, produzzjoni, tqassim, trasport, ħżin u provvista ta' gass lill-pubbliku skont l-Att Nru. 656/2004 Coll.

— Entitajiet li jipprovdu għal jew joperaw, abbażi ta' permess, produzzjoni, tqassim, u provvista ta' sħana lill-pubbliku skont l-Att Nru. 657/2004 Coll

Per eżempju:

— Slovenský plynárenský priemysel, a.s.

**Il-Finlandja**

Entitajiet pubbliċi jew oħrajn li joperaw sistema ta' trasport tal-gass f'netwerk u li jittrasportaw jew iqassmu l-gass taħt liċenzja skont il-Kapitolu 3(1) jew il-Kapitolu 6(1) tal-maakaasumarkkinalaki//naturgasmarknadslagen (508/2000); u entitajiet muniċipali jew intraprizi pubbliċi li jipproduċu, jittrasportaw jew iqassmu s-sħana jew li jipprovdu s-sħana f'netwerks.

**L-Iżvezja**

— Entitajiet li jittrasportaw jew li jqassmu l-gass jew is-sħana abbażi ta' konċessjoni skont il-lagen (1978:160) om vissa rörledningar.

**Ir-Renju Unit**

— Trasportatur pubbliku tal-gass kif spjegat fit-taqsima 7(1) tal-Gas Act 1986.

— Persuna dikjarata li hija undertaker tal-provvista tal-gass skont l-Artikolu 8 tal-Gas (Northern Ireland) Order 1996.

— Awtorità lokali li tipprovdi jew topera netwerk fissa li tipprovdi jew li se tipprovdi servizz lill-pubbliku f'rabta mal-produzzjoni, it-trasport jew it-tqassim tas-sħana.

— Persuna liċenzjata taħt it-taqsima 6(1)(a) tal-Electricity Act 1989 li l-liċenzja tagħha tinkludi l-dispożizzjonijiet li hemm riferenza għalihom fit-taqsima 10(3) ta' dak l-Att.

▼M7

*ANNESS II*

**Entitajiet kontraenti fis-setturi tal-produzzjoni, tat-trasport jew tat-tqassim tal-elettriku**

**Il-Belġju**

— Awtoritajiet lokali u assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali, għal din il-parti tal-attività tagħhom.

— Société de Production d'Electricité/Elektriciteitsproductie Maatschappij.

— Electrabel/Electrabel

— Elia

**Il-Bulgarija**

Entitajiet liċenzjati għall-produzzjoni, trasport, tqassim, twassil pubbliku jew provvista minn fornitur aħħari tal-elettriku skont l-Artikolu 39(1) tal-Закона за енергетиката (обн., ДВ, бр.107/9.12.2003):

— АЕЦ Козлодуй – ЕАД

— Болкан Енерджи АД

— Брикел – ЕАД

— Българско акционерно дружество Гранитоид АД

— Девен АД

— ЕВН България Електроразпределение АД

— ЕВН България Електроснабдяване АД

— ЕЙ И ЕС – 3С Марица Изток 1

— Енергийна компания Марица Изток III – АД

— Енерго-про България – АД

— ЕОН България Мрежи АД

— ЕОН България Продажби АД

— ЕРП Златни пясъци АД

— ЕСО ЕАД

— ЕСП “Златни пясъци” АД

— Златни пясъци-сервиз АД

— Калиакра Уинд Пауър АД

— НЕК ЕАД

— Петрол АД

— Петрол Сторидж АД

— Пиринска Бистрица-Енергия АД

— Руно-Казанлък АД

— Сентрал хидроелектрик дьо Булгари ЕООД

— Слънчев бряг АД

— ТЕЦ – Бобов Дол ЕАД

— ТЕЦ – Варна ЕАД

— ТЕЦ “Марица 3” – АД

— ТЕЦ Марица Изток 2 – ЕАД

— Топлофикация Габрово – ЕАД

— Топлофикация Казанлък – ЕАД

— Топлофикация Перник – ЕАД

— Топлофикация Плевен – ЕАД

▼M7

— ЕВН България Топлофикация – Пловдив – ЕАД

— Топлофикация Русе – ЕАД

— Топлофикация Сливен – ЕАД

— Топлофикация София – ЕАД

— Топлофикация Шумен – ЕАД

— Хидроенергострой ЕООД

— ЧЕЗ България Разпределение АД

— ЧЕЗ Електро България АД

**Ir-Repubblika Ċeka**

L-entitajiet kontraenti kollha fit-taqsimiet li jfornu servizzi fis-settur tal-elettriku kif spjegat fit-taqsima 4 paragrafu 1 ittra c) tal-Att. Nru 137/2006 Coll. dwar il-Kuntratti Pubbliċi, kif emendat.

Eżempji ta' entitàjiet kontraenti:

— ČEPS, a.s.

— ČEZ, a. s.

— Dalkia Česká republika, a.s.

— PREdistribuce, a.s.

— Plzeňská energetika a.s.

— Sokolovská uhelná, právní nástupce, a.s.

**Id-Danimarka**

— Entitajiet li jipproduċu l-elettriku abbażi ta' liċenzja skont l-§ 10 tal-lov om elforsyning, ara l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru 1115 tat-8 ta' Novembru 2006.

— Entitajiet li jittrasportaw l-elettriku abbażi ta' liċenzja skont l-§ 19 tal-lov om elforsyning, ara l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru 1115 tat-8 ta' Novembru 2006.

— Trasport tal-gass li jsir mill-Energinet Danmark jew minn kumpaniji sussidjarji li huma proprjetà ta' Energinet Danmark skont il-lov om Energinet Danmark § 2, stk.2 og 3, ara l-att Nru 1384 tal-20 ta' Diċembru 2004.

**Il-Ġermanja**

Awtoritajiet lokali, korpi regolatorji pubbliċi jew assoċjazzjonijiet ta' korpi regolatorji pubbliċi jew impriżi tal-Istat, li jfornu enerġija lil impriżi oħra li joperaw netwerk li jforni l-enerġija jew li jkollhom is-setgħa li jarmu din l-enerġija għal netwerk li jforni l-enerġija minħabba li huma s-sidien tiegħu skont l-Artikolu 3(18) tal-Gesetz über die Elektrizitäts-und Gasversorgung (Energiewirtschaftsgesetz) tal-24 ta' April 1998, kif emendat l-aħħar fid-9 ta' Diċembru 2006.

**L-Estonja**

— Entitajiet li joperaw skont l-Artikolu 10(3) tal-Att tal-Akkwist Pubbliku (RT I 21.2.2007, 15, 76) u l-Artikolu 14 tal-Att tal-Kompetizzjoni (RT I 2001, 56 332).

— AS Eesti Energia,

— OÜ Jaotusvõrk (Jaotusvõrk LLC);

— AS Narva Elektrijaamad;

— OÜ Põhivõrk.

**L-Irlanda**

— The Electricity Supply Board

— ESB Independent Energy (ESBIE – provvista tal-elettriku)

— Synergen Ltd. [ġenerazzjoni tal-elettriku]

— Viridian Energy Supply Ltd. [provvista tal-elettriku]

▼M7

— Huntstown Power Ltd. [ġenerazzjoni tal-elettriku]

— Bord Gáis Éireann [provvista tal-elettriku]

— Fornituri tal-Elettriku u Ġeneraturi liċenzjati taħt l-Electricity Regulation Act 1999.

— EirGrid plc

**Il-Greċja**

"Δημόσια Επιχείρηση Ηλεκτρισμού Α.Ε." imwaqqaf mil-Liġi Nru 1468/1950 περί ιδρύσεως της ΔΕΗ u jopera f'konformità mal-Liġi Nru 2773/1999 u d-Digriet Presidenzjali Nru 33/1999.

**Spanja**

— Red Eléctrica de España, S.A.

— Endesa, S.A.

— Iberdrola, S.A.

— Unión Fenosa, S.A.

— Hidroeléctrica del Cantábrico, S.A.

— Electra del Viesgo, S.A.

— Entitajiet oħra responsabbli għall-produzzjoni, it-trasport u t-tqassim tal-elettriku skont il-"Ley 54/1997, de 27 de noviembre, del Sector eléctrico" u tal-leġiżlazzjoni li timplimentaha.

**Franza**

— Électricité de France, imwaqqaf u operat skont il-Loi nº 46-628 sur la nationalisation de l'électricité et du gaz tat-8 ta' April 1946, kif emendat.

— RTE, il-kap tan-netwerk tat-trasport tal-elettriku.

— Entitajiet li jqassmu l-elettriku, imsemmija fl-Artikolu 23 tal-Loi nº 46-628 sur la nationalisation de l'électricité et du gaz tat-8 ta' April 1946, kif emendat. (kumpaniji mħallta tat-tqassim tal-ekonomija, régies, jew servzzi simili mogħtija mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali) Eż: Gaz de Bordeaux, Gaz de Strasbourg.

— Compagnie nationale du Rhône

— Electricité de Strasbourg

▼M12

**Il-Kroazja**

L-entitajiet kontraenti msemmija fl-Artikolu 6 ta' Zakon o javnoj nabavi (Narodne novine broj 90/11 (l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, il-Gazzetta Uffiċjali Nru 90/11) li, skont regolamenti speċjali, jinvolvu rwieħhom fl-attività ta' kostruzzjoni (il-provvediment) jew it-tħaddim ta' netwerks fissi maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f'konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u l-provvista tal-elettriku lil netwerks fissi, bħall-entitajiet involuti fl-attivitajiet imsemmija ibbażati fuq il-Liċenzja għat-twettiq ta' attivitajiet tal-enerġija skont l-Att dwar l-Enerġija (il-Gazzetta Uffiċjali 120/12).

▼M7

**L-Italja**

— Kumpaniji fil-Gruppo Enel awtorizzati sabiex jipproduċu, jittrasmettu u jqassmu l-elettriku fit-tifsira tad-Digriet Leġiżlattiv Nº 79 tas-16 ta' Marzu 1999, kif emendati u supplimentati sussegwentement.

— TERNA- Rete elettrica nazionale SpA

— Impriżi oħra li joperaw abbażi ta' konċessjonijiet skont id-Decreto Legislativo Nº 79 tas-16 ta' Marzu 1999

**Ċipru**

— Η Αρχή Ηλεκτρισμού Κύπρου stabbilita permezz tal-περί Αναπτύξεως Ηλεκτρισμού Νόμο, Κεφ 171.

— Διαχειριστής Συστήματος Μεταφοράς kien stabbilit f'konformità mal-Artikolu 57 tal-Περί Ρύθμισης της Αγοράς Ηλεκτρισμού Νόμου 122(Ι) του 2003

Persuni oħra, entitajiet jew negozji li joperaw attività li hi stabbilita fl-artikolu 3 tad-Direttiva 2004/17/KE u li joperaw abbażi ta' liċenzja mogħtija bis-saħħa tal-artikolu 34 tal-περί Ρύθμισης της αγοράς Ηλεκτρισμού Νόμου του 2003 {Ν. 122(Ι)/2003}.

▼M7

**Il-Latvja**

VAS “Latvenergo” u intrapriżi oħra li jipproduċu, jittrasmettu u jqassmu l-elettriku, u li jagħmlu xirjiet skont il-liġi “Par iepirkumu sabiedrisko pakalpojumu sniedzēju vajadzībām”

**Il-Litwanja**

— Impjant ta' Qawwa Nukleari Ignalina tal-Intrapriża tal-Istat

— Akcinė bendrovė “Lietuvos energija”

— Akcinė bendrovė “Lietuvos elektrinė”

— Akcinė bendrovė Rytų skirstomieji tinklai

— Akcinė bendrovė “VST”

— Entitajiet oħra li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 70 (1, 2) tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tar-Repubblika tal-Litwanja (Gazzetta Uffiċjali, Nru. 84-2000, 1996; Nru. 4-102, 2006) u t-twettiq ta' attività ta' produzzjoni, trasport jew tqassim tal-elettriku skont il-Liġi dwar l-Elettriku tar-Repubblika tal-Litwanja (Gazzetta Uffiċjali, Nru. 66-1984, 2000; Nru. 107-3964, 2004) u l-Liġi dwar l-Enerġija Nukleari tar-Repubblika tal-Litwanja (Gazzetta Uffiċjali, Nru 119-2771, 1996).

**Il-Lussemburgu**

— Compagnie grand-ducale d'électricité de Luxembourg (CEGEDEL), li jipproduċi jew iqassam l-elettriku skont il-convention concernant l'établissement et l'exploitation des réseaux de distribution d'énergie électrique dans le Grand-Duché du Luxembourg tal-11 ta' Novembru 1927, approvata permezz tal-Liġi tal-4 ta' Jannar 1928.

— Awtoritajiet lokali responsabbli għat-trasport jew għat-tqassim tal-elettriku.

— Société électrique de l'Our (SEO).

— Syndicat de communes SIDOR

**L-Ungerija**

Entitajiet li jipproduċu, jittrasportaw jew iqassmu l-elettriku skont l-Artikoli 162-163 tal-évi CXXIX. törvény a közbeszerzésekről tal-2003 u l-évi LXXXVI. törvény a villamos energiáról tal-2007.

**Malta**

Korporazzjoni Enemalta (Enemalta Corporation)

**L-Olanda**

Entitajiet li jqassmu l-elettriku abbażi ta' liċenzja (vergunning) mogħtija mill-awtoritajiet provinċjali skont il-Provinciewet. Ngħidu aħna:

— Essent

— Nuon

**L-Awstrija**

Entitajiet li joperaw netwerk li jitrażmetti jew li jqassam skont il-Elektrizitäts-wirtschafts- und Organisationsgesetz, BGBl. I No 143/1998, kif emendat, jew skont il-Elektrizitätswirtschafts(wesen)gesetze tad-disa' Länder

**Il-Polonja**

Kumpaniji tal-enerġija fit-tifsira tal-ustawa z dnia 10 kwietnia 1997 r. Prawo energetyczne, li jinkludu fost l-oħrajn:

— BOT Elektrownia “Opole” S.A., Brzezie

— BOT Elektrownia Bełchatów S.A,

— BOT Elektrownia Turów S.A., Bogatynia

— Elbląskie Zakłady Energetyczne S.A. w Elblągu

— Elektrociepłownia Chorzów “ELCHO” Sp. z o.o.

— Elektrociepłownia Lublin – Wrotków Sp. z o.o.

— Elektrociepłownia Nowa Sarzyna Sp. z o.o.

— Elektrociepłownia Rzeszów S.A.

— Elektrociepłownie Warszawskie S.A.

— Elektrownia “Kozienice” S.A.

— Elektrownia “Stalowa”“Wola” S.A.

▼M7

— Elektrownia Wiatrowa, Sp. z o.o., Kamieńsk

— Elektrownie Szczytowo-Pompowe S.A., Warszawa

— ENEA S.A., Poznań

— Energetyka Sp. z o.o, Lublin

— EnergiaPro Koncern Energetyczny S.A., Wrocław

— ENION S.A., Kraków

— Górnośląski Zakład Elektroenergetyczny S.A., Gliwice

— Koncern Energetyczny Energa S.A., Gdańsk

— Lubelskie Zakłady Energetyczne S.A.

— Łódzki Zakład Energetyczny S.A,

— PKP Energetyka Sp. z o.o., Warszawa

— Polskie Sieci Elektroenergetyczne S.A., Warszawa

— Południowy Koncern Energetyczny S.A., Katowice

— Przedsiębiorstwo Energetyczne w Siedlcach Sp. z o.o.

— PSE-Operator S.A., Warszawa

— Rzeszowski Zakład Energetyczny S.A,

— Zakład Elektroenergetyczny "Elsen" Sp. z o.o,, Częstochowa

— Zakład Energetyczny Białystok S.A,

— Zakład Energetyczny Łódź-Teren S, A.

— Zakład Energetyczny Toruń S.A.

— Zakład Energetyczny Warszawa-Teren

— Zakłady Energetyczne Okręgu Radomsko-Kieleckiego S.A.

— Zespół Elektrociepłowni Bydgoszcz S.A.

— Zespół Elektrowni Dolna Odra S.A., Nowe Czarnowo

— Zespół Elektrowni Ostrołęka S.A.

— Zespół Elektrowni Pątnów-Adamów-Konin S.A.

— Polskie Sieci Elektroenergetyczne S.A,

— Przedsiębiorstwo Energetyczne MEGAWAT Sp. Z.o.o.

— Zespół Elektrowni Wodnych Niedzica S.A.

— Energetyka Południe S.A.

**Il-Portugall**

1) Produzzjoni tal-elettriku

Entitajiet li jipproduċu l-elettriku skont:

— Id-Decreto Lei nºº29/2006, de 15 de Fevereiro que estabelece as bases gerais da organização e o funcionamento dos sistema eléctrico nacional (SEN), e as bases gerais aplicáveis ao exercício das actividades de produção, transporte, distribuição e comercialização de electricidade e à organização dos mercados de electricidade;

— Id-Decreto-Lei nºº172/2006, de 23 de Agosto, que desenvolve os princípios gerais relativos à organização e ao funcionamento do SEN, regulamentando o diploma a trás referido.

— Entitajiet li jipproduċu l-elettriku taħt reġim speċjali skont id-Decreto-Lei nºº189/88 de 27 de Maio, com a redacção dada pelos Decretos-Lei n º168/99, de 18 de Maio, nº 313/95, de 24 de Novembro, nº 538/99, de 13 de Dezembro, nº 312/2001 e nº 313/2001, ambos de 10 de Dezembro, Decreto-Lei nº 339-C/2001, de 29 de Dezembro, Decreto-Lei nº 68/2002, de 25 de Março, Decreto-Lei nº 33-A/2005, de 16 de Fevereiro, Decreto-Lei nº 225/2007, de 31 de Maio e Decreto-Lei nº 363/2007, de 2 Novembro.

▼M7

2) Trasport tal-Elettriku:

Entitajiet li jittrasportaw l-elettriku skont:

— Id-Decreto-Lei nº 29/2006, de 15 de Fevereiro e do Decreto-lei nº 172/2006, de 23 de Agosto.

3) Tqassim tal-Elettriku

— Entitajiet li jqassmu l-elettriku skont id-Decreto-Lei nº 29/2006, de 15 de Fevereiro e do Decreto-lei nº 172/2006, de 23 de Agosto.

— Entitajiet li jqassmu l-elettriku skont id-Decreto-Lei nºº184/95, de 27 de Julho, com a redacção dada pelo Decreto-Lei nº 56/97, de 14 de Março e do Decreto-Lei nº 344-B/82, de 1 de Setembro, com a redacção dada pelos Decreto-Lei nº 297/86, de 19 de Setembro, Decreto-Lei nº 341/90, de 30 de Outubro e Decreto-Lei nº 17/92, de 5 de Fevereiro.

**Ir-Rumanija**

— Societatea Comercială de Producere a Energiei Electrice Hidroelectrica-SA București

— Societatea Națională "Nuclearelectrica" SA

— Societatea Comercială de Producere a Energiei Electrice și Termice Termoelectrica SA

— S. C. Electrocentrale Deva S.A.

— S.C. Electrocentrale București S.A.

— SC Electrocentrale Galați SA

— S.C. Electrocentrale Termoelectrica SA

— SC Complexul Energetic Craiova SA

— SC Complexul Energetic Rovinari SA

— SC Complexul Energetic Turceni SA

— Compania Națională de Transport a Energiei Electrice Transelectrica SA București

— Societatea Comercială Electrica SA, București

— S.C. Filiala de Distribuție a Energiei Electrice

— "Electrica Distribuție Muntenia Nord" S.A

— S.C. Filiala de Furnizare a Energiei Electrice

— "Electrica Furnizare Muntenia Nord" S.A

— S.C. Filiala de Distribuție și Furnizare a Energiei Electrice Electrica Muntenia Sud

— S.C. Filiala de Distribuție a Energiei Electrice

— "Electrica Distribuție Transilvania Sud" S.A

— S.C. Filiala de Furnizare a Energiei Electrice

— "Electrica Furnizare Transilvania Sud" S.A

— S.C. Filiala de Distribuție a Energiei Electrice

— "Electrica Distribuție Transilvania Nord" S.A

— S.C. Filiala de Furnizare a Energiei Electrice

— "Electrica Furnizare Transilvania Nord" S.A

— Enel Energie

— Enel Distribuție Banat

— Enel Distribuție Dobrogea

— E.ON Moldova SA

▼M7

— CEZ Distribuţie

**Is-Slovenja**

Entitajiet li jipproduċu, jittrasportaw jew iqassmu l-elettriku skont l-Energetski zakon (Uradni list RS, 79/99).

| Mat. št. | Naziv | Poštna Št. | Kraj |
|---|---|---|---|
| 1613383 | Borzen D.O.O. | 1000 | Ljubljana |
| 5175348 | Elektro Gorenjska D.D. | 4000 | Kranj |
| 5223067 | Elektro Celje D.D. | 3000 | Celje |
| 5227992 | Elektro Ljubljana D.D. | 1000 | Ljubljana |
| 5229839 | Elektro Primorska D.D. | 5000 | Nova Gorica |
| 5231698 | Elektro Maribor D.D. | 2000 | Maribor |
| 5427223 | Elektro – Slovenija D.O.O. | 1000 | Ljubljana |
| 5226406 | Javno Podjetje Energetika Ljubljana, D.O.O. | 1000 | Ljubljana |
| 1946510 | Infra D.O.O. | 8290 | Sevnica |
| 2294389 | Sodo Sistemski Operater Distribucijskega Omrežja Z Električno Energijo, D.O.O. | 2000 | Maribor |
| 5045932 | Egs-Ri D.O.O. | 2000 | Maribor |

**Is-Slovakkja**

Entitajiet li jipprovdu, abbaži ta' permess, produzzjoni, trasport permezz ta' sistema ta' trażmissjoni b'netwerk, tqassim u provvista tal-elettriku lill-pubbliku permezz ta' netwerk ta' tqassim skont l-Att Nru.º 656/2004 Coll.

Per eżempju:

— Slovenské elektrárne, a.s.

— Slovenská elektrizačná prenosová sústava, a.s.

— Západoslovenská energetika, a.s.

— Stredoslovenská energetika, a.s.

— Východoslovenská energetika, a.s.

**Il-Finlandja**

Entitajiet muniċipali u intraprizi pubbliċi li jipproduċu l-elettriku u entitajiet responsabbli għall-manutenzjoni tat-trasport tal-elettriku jew tan-netwerks tat-tqassim u tat-trasport tal-elettriku jew għas-sistema tal-elettriku taħt liċenzja skont it-Taqsima 4 jew 16 tas-sähkömarkkinalaki/elmarknadslagen (386/1995) u skont il-laki vesi- ja energiahuollon, liikenteen ja postipalvelujen alalla toimivien yksiköiden hankinnoista (349/2007)/lag om upphandling inom sektorerna vatten, energi, transporter och posttjänster (349/2007).

**L-Iżvezja**

Entitajiet li jittrasportaw jew iqassmu l-elettriku abbaži ta' konċessjoni skont l-ellagen (1997:857).

**Ir-Renju Unit**

— Persuna liċenzjata taħt it-taqsima 6 tal-Electricity Act 1989.

— Persuna liċenzjata taħt l-Artikolu 10(1) tal-Electricity (Northern Ireland) Order 1992.

— National Grid Electricity Transmission plc

— System Operation Northern Irland Ltd

▼**M7**

— Scottish & Southern Energy plc
— SPTransmission plc

▼M7

*ANNESS III*

**Entitajiet kontraenti fis-setturi tal-produzzjoni, tat-trasport jew tat-tqassim tal-ilma tajjeb għax-xorb**

**Il-Belġju**

— Awtorità tal-portijiet kif spjegat fit-taqsima 38(1) tal-Harbours Act (Northern Ireland) 1970

▼M7

*ANNESS X*

**Entitajiet kontraenti fil-qasam ta' installazzjonijiet tal-ajruporti**

**Il-Belġju**

— Brussels International Airport Company

— Belgocontrol

— Luchthaven Antwerpen

— Internationale Luchthaven Oostende-Brugge

— Société Wallonne des Aéroports

— Brussels South Charleroi Airport

— Liège Airport

**Il-Bulgarija**

Главна дирекция "Гражданска въздухоплавателна администрация"

ДП "Ръководство на въздушното движение"

Operaturi ta' ajruporti ċivili għall-użu pubbliku kif maqbul mill-Kunsill tal-Ministri skont l-Artikolu 43(3) tal-Закона на гражданското въздухоплаване (обн., ДВ, бр.94/1.12.1972):

— "Летище София" ЕАД

— "Фрапорт Туин Стар Еърпорт Мениджмънт" АД

— "Летище Пловдив" ЕАД

— "Летище Русе" ЕООД

— "Летище Горна Оряховица" ЕАД

**Ir-Repubblika Ċeka**

L-entitajiet kontraenti kollha fis-setturi li jisfruttaw żona ġeografika speċifika bil-għanijiet ta' forniment u tħaddim ta' ajruporti (ikkontrollati mit-taqsima 4 paragrafu 1 ittra i) tal-Att Nru. 137/2006 Coll. dwar il-Kuntratti Pubbliċi, kif emendat).

Eżempji ta' entitàjiet kontraenti:

— Česká správa letišť, s.p.

— Letiště Karlovy Vary s.r.o.

— Letiště Ostrava, a.s.

— Správa Letiště Praha, s. p.

**Id-Danimarka**

— Ajruporti li joperaw abbażi ta' awtorizzazzjoni skont l-§ 55(1) tal-lov om luftfart, ara l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru. 731 tal-21 ta' Ġunju 2007.

**Il-Ġermanja**

— Ajruporti kif spjegat fl-Artikolu 38(2)(1) tal-Luftverkehrs-Zulassungs-Ordnung tad-19 ta' Ġunju 1964, kif emendat l-aħħar fil-5 ta' Jannar 2007.

**L-Estonja**

— Entitajiet li joperaw skont l-Artikolu 10(3) tal-Att tal-Akkwist Pubbliku (RT I 21.2.2007, 15, 76) u l-Artikolu 14 tal-Att tal-Kompetizzjoni (RT I 2001, 56 332).

— AS Tallinna Lennujaam;

— Tallinn Airport GH AS

**L-Irlanda**

— Ajruporti ta' Dublin, Cork u Shannon immexxija minn Aer Rianta – Ajruporti Irlandiżi.

— Ajruporti li joperaw abbażi ta' liċenzja għall-użu pubbliku mogħtija skont l-Irish Aviation Authority Act 1993 kif emendat bl-Air Navigation and Transport (Amendment) Act, 1998, u li fihom kull servizz skedat tal-ajru huwa mwettaq minn inġenji tal-ajru għat-trasport pubbliku ta' passiġġieri, posta jew merkanzija.

▼M7

**Il-Greċja**

— “Υπηρεσία Πολιτικής Αεροπορίας” (“ΥΠΑ”) li jopera skont id-Digriet Leġiżlattiv Nru 714/70, kif emendat bil-Liġi Nru 1340/83; l-organizzazzjoni talkumpanija hija preskritta bid-Digriet Presidenzjali Nru. 56/89, kif emendat sussegwentement.

— Il-kumpanija “Διεθνής Αερολιμένας Αθηνών” fi Spata li topera skont id-Digriet Leġiżlattiv Nru 2338/95 Κύρωση Σύμβασης Ανάπτυξης του Νέου Διεθνούς Αεροδρομίου της Αθήνας στα Σπάτα, “ίδρυση της εταιρείας ‘Διεθνής Αερολιμένας Αθηνών Α.Ε.’ έγκριση περιβαλλοντικών όρων και άλλες διατάξεις”).

— “Φορείς Διαχείρισης” f'konformtià mad-Digriet Presidenzjali Nru 158/02 “Ίδρυση, κατασκευή, εξοπλισμός, οργάνωση, διοίκηση, λειτουργία και εκμε- τάλλευση πολιτικών αερολιμένων από φυσικά πρόσωπα, νομικά πρόσωπα ιδιωτικού δικαίου και Οργανισμούς Τοπικής Αυτοδιοίκησης” (Gazzetta Uffiċjali Griega A 137)

**Spanja**

— Ente público Aeropuertos Españoles y Navegación Aérea (AENA)

**Franza**

— Ajruporti li joperaw minn kumpaniji tal-Istat skont l-Artikoli L.251-1, L.260-1 u L.270-1 tal-code de l'aviation civile.

— Ajruporti li joperaw abbażi ta' konċessjoni mogħtija mill-Istat skont l-Artikolu R.223-2 tal-code de l'aviation civile.

— Ajruporti li joperaw skont l-arrêté préfectoral portant autorisation d'occupation temporaire.

— Ajruporti mwaqqfa minn awtorità pubblika u li huma s-suġġett ta' konvenzjoni kif preskritta fl-Artikolu L. 221-1 tal-code de l'aviation civile.

— Ajruporti li l-proprjetà tagħhom ġiet trasferita lil awtoritajiet reġjonali jew lokali jew lil grupp minnhom skont il-Loi nº 2004-809 tat-13 ta' Awwissu 2004 relative aux libertés et responsabilités locales, b'mod speċjali l-Artikolu 28 tiegħu:

  — Aérodrome d'Ajaccio Campo-dell'Oro

  — Aérodrome d'Avignon

  — Aérodrome de Bastia-Poretta

  — Aérodrome de Beauvais-Tillé

  — Aérodrome de Bergerac-Roumanière

  — Aérodrome de Biarritz-Anglet-Bayonne

  — Aérodrome de Brest Bretagne

  — Aérodrome de Calvi-Sainte-Catherine

  — Aérodrome de Carcassonne en Pays Cathare

  — Aérodrome de Dinard-Pleurthuit-Saint-Malo

  — Aérodrome de Figari-Sud Corse

  — Aérodrome de Lille-Lesquin

  — Aérodrome de Metz-Nancy-Lorraine

  — Aérodrome de Pau-Pyrénées

  — Aérodrome de Perpignan-Rivesaltes

  — Aérodrome de Poitiers-Biard

  — Aérodrome de Rennes-Saint-Jacques

— Ajruporti ċivili tal-Istat li t-tmexxija tagħhom ġiet f'idejn ix-chambre de commerce et d'industrie (Artikolu 7 tal-Loi nº 2005-357 tal-21 ta' April 2005 relative aux aéroports and Décret nº 2007-444 tat-23 ta' Frar 2007 relatif aux aérodromes appartenant à l'Etat).

▼M7

— Aérodrome de Marseille-Provence

— Aérodrome d'Aix-les-Milles et Marignane-Berre

— Aérodrome de Nice Côte-d'Azur et Cannes-Mandelieu

— Aérodrome de Strasbourg-Entzheim

— Aérodrome de Fort-de France-le Lamentin

— Aérodrome de Pointe-à-Pitre-le Raizet

— Aérodrome de Saint-Denis-Gillot

— Ajruporti ċivili oħra tal-Istat li huma eskluż mit-trasferiment lejn awtoritajiet reġjonali u lokali skont id-Décret nº2005-1070 tal-24 ta' Awwissu 2005, kif emendat:

— Aérodrome de Saint-Pierre Pointe Blanche

— Aérodrome de Nantes Atlantique et Saint-Nazaire-Montoir

— Aéroports de Paris (Loi nº 2005-357 tal-20 ta' April 2005 u d-Décret nº 2005-828 tal-20 ta' Lulju 2005)

▼M12

**Il-Kroazja**

L-entitajiet kontraenti msemmija fl-Artikolu 6 ta' Zakon o javnoj nabavi (Narodne novine broj 90/11) (l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, il-Gazzetta Uffiċjali Nru 90/11) li, skont regolamenti speċjali, jagħmlu l-attivitajiet li jirrelataw mal-esplojtazzjoni ta' żona ġeografika bil-għan li jagħmlu disponibbli ajruporti u tagħmir tat-terminals ieħor lil operaturi tat-trasport bl-ajru, bħall-entitajiet involuti f'attivitajiet imsemmija skont l-Att dwar l-Ajruporti (il-Gazzetta Uffiċjali 19/98 u 14/11).

▼M7

**L-Italja**

— Mill-1 ta' Jannar 1996, id-Decreto Legislativo Nº 497 tal-25 ta' Novembru 1995, relativo alla trasformazione dell'Azienda autonoma di assistenza al volo per il traffico aereo generale in ente pubblico economico, denominato ENAV, Ente nazionale di assistenza al volo, iġġedded bosta drabi u sussegwentament ġie trasformat f'liġi, il-Legge Nº 665 tal-21 ta' Diċembru 1996 fl-aħħar stabbilixxiet it-trasformazzjoni ta' dik l-entità f'kumpanija pubblika (S.p.A) sa mill-1 ta' Jannar 2001

— Entitajiet ta' tmexxija mwaqqfa minn liġijiet speċjali.

— Entitajiet li joperaw faċilitajiet tal-ajruport abbażi ta' konċessjoni mogħtija skont l-Artikolu 694 tal-Codice della navigazione, Regio Decreto Nº 327 tat-30 ta' Marzu 1942.

— Entitajiet ta' ajruporti, li jinkludu l-kumpaniji mexxejja SEA (Milan) u ADR (Fiumicino).

**Ċipru**

**Il-Latvja**

— Valsts akciju sabiedrība "Latvijas gaisa satiksme"

— Valsts akciju sabiedrība "Starptautiskā lidosta 'Rīga'"

— SIA "Aviasabiedrība 'Liepāja'"

**Il-Litwanja**

— Intrapriża tal-Istat Ajruport Internazzjonali ta' Vilnius

— Intrapriża tal-Istat Ajruport ta' Kaunas

— Intrapriża tal-Istat Ajruport Internazzjonali ta' Palanga

— Intrapriża tal-Istat "Oro navigacija"

— Intrapriża Muniċipali "Šiaulių oro uostas"

— Entitajiet oħra li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 70 (1, 2) tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tar-Repubblika tal-Litwanja (Gazzetta Uffiċjali, Nru. 84-2000, 1996; Nru. 4-12, 2006) u li joperaw fil-qasam tal-installazzjoni tal-ajruporti f'konformtià mal-Liġi tal-Avjazzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja (Gazzetta Uffiċjali, Nru. 94-2918, 2000).

**Il-Lussemburgu**

— Aéroport du Findel.

▼M7

**L-Ungerija**

— Ajruporti li joperaw skont l-Artikoli 162-163 tal-évi CXXIX. törvény a közbeszerzésekről tal-2003 u l-évi XCVII. törvény a vízi közlekedésről tal-1995.

— Budapest Ferihegy Nemzetközi Repülőtér immexxi mill-Budapest Airport Rt abbażi tal-. évi XCVII. törvény a légiközlekedésről tal-1995 u 83/2006. (XII. 13.) GKM rendelet a légiforgalmi irányító szolgálatot ellátó és a légiforgalmi szakszemélyzet képzését végző szervezetről.

**Malta**

— L-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (Malta International Airport)

**L-Olanda**

Ajruporti li joperaw skont l-Artikoli 18 u li jiġu wara tal-Luchtvaartwet. Ngħidu aħna:

— Luchthaven Schiphol

**L-Awstrija**

— Entitajiet awtorizzati li jipprovdu servizzi tat-trasport skont l-Luftfahrtgesetz, BGBl. Nru 253/1957, kif emendat.

**Il-Polonja**

— Impriża pubblika “Porty Lotnicze” li topera abbażi tal-ustawa z dnia 23 października l987 r. o przedsiębiorstwie państwowym “Porty Lotnicze”

— Port Lotniczy Bydgoszcz S.A.

— Port Lotniczy Gdańsk Sp. z o.o.

— Górnośląskie Towarzystwo Lotnicze S.A. Międzynarodowy Port Lotniczy Katowice

— Międzynarodowy Port Lotniczy im. Jana Pawła II Kraków – Balice Sp. z o.o

— Lotnisko Łódź Lublinek Sp. z o.o.

— Port Lotniczy Poznań – Ławica Sp. z o.o.

— Port Lotniczy Szczecin – Goleniów Sp. z o. o.

— Port Lotniczy Wrocław S.A.

— Port Lotniczy im. Fryderyka Chopina w Warszawie

— Port Lotniczy Rzeszów – Jasionka

— Porty Lotnicze “Mazury- Szczytno” Sp. z o. o. w Szczytnie

— Port Lotniczy Zielona Góra – Babimost

**Il-Portugall**

— ANA – Aeroportos de Portugal, S.A., imwaqqfa skont id-Decreto-Lei No 404/98 do 18 de Dezembro 1998.

— NAV – Empresa Pública de Navegação Aérea de Portugal, E. P., imwaqqfa skont id-Decreto Lei No 404/98 do 18 de Dezembro 1998.

— ANAM – Aeroportos e Navegação Aérea da Madeira, S. A., imwaqqfa skont id-Decreto-Lei No 453/91 do 11 de Dezembro 1991.

**Ir-Rumanija**

— Compania Națională “Aeroporturi București” SA

— Societatea Națională “Aeroportul Internațional Mihail Kogălniceanu-Constanța”

— Societatea Națională “Aeroportul Internațional Timișoara-Traian Vuia”-SA

— Regia Autonomă “Administrația Română a Serviciilor de Trafic Aerian ROMAT SA

— Aeroporturile aflate în subordinea Consiliilor Locale

— SC Aeroportul Arad SA

— Regia Autonomă Aeroportul Bacău

— Regia Autonomă Aeroportul Baia Mare

— Regia Autonomă Aeroportul Cluj Napoca

— Regia Autonomă Aeroportul Internațional Craiova

— Regia Autonomă Aeroportul Iași

▼M7

— Regia Autonomă Aeroportul Oradea

— Regia Autonomă Aeroportul Satu-Mare

— Regia Autonomă Aeroportul Sibiu

— Regia Autonomă Aeroportul Suceava

— Regia Autonomă Aeroportul Târgu Mureş

— Regia Autonomă Aeroportul Tulcea

— Regia Autonomă Aeroportul Caransebeş

**Is-Slovenja**

Ajruporti pubbliċi ċivili li joperaw skont iz-Zakon o letalstvu (Uradni list RS, 18/01)

| Mat. št. | Naziv | Poštna Št. | Kraj |
|---|---|---|---|
| 1589423 | Letalski Center Cerklje Ob Krki | 8263 | Cerklje Ob Krki |
| 1913301 | Kontrola Zračnega Prometa D.O.O. | 1000 | Ljubljana |
| 5142768 | Aerodrom Ljubljana D.D. | 4210 | Brnik-Aerodrom |
| 5500494 | Aerodrom Portorož, D.O.O. | 6333 | Sečovlje – Sicciole |

**Is-Slovakkja**

Entitajiet li joperaw ajruporti abbażi ta' kunsens mogħti minn awtorità tal-istat u entitajiet li jipprovdu servizzi tat-telekommunikazzjoni mill-ajru skont l-Att Nru. 143/1998 Coll. kif emendat bl-Atti Nru. 57/2001 Coll., Nru. 37/2002 Coll., Nru. 136/2004 Coll., u Nru. 544/2004 Coll.

Per eżempju:

— Letisko M.R.Štefánika, a.s., Bratislava

— Letisko Poprad – Tatry, a.s.

— Letisko Košice, a.s.

**Il-Finlandja**

Ajruporti immexxija mill-"Ilmailulaitos Finavia/Luftfartsverket Finavia", jew minn intrapriża muniċipali jew pubblika skont il-ilmailulakiluftfartslagen (1242/1995) u l-laki Ilmailulaitoksesta/lag om Luftfartsverket (1245/2005).

**L-Iżvezja**

— Ajruporti li huma sjieda pubblika u operati mis-settur pubbliku f'konformità mal-luftfartslagen (1957:297)

— Ajruporti privati u li joperaw mis-settur privat li għandhom liċenzja skont l-att, fejn din il-liċenzja tikkorrespondi mal-kriterji tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva.

**Ir-Renju Unit**

— Awtorita lokali li tisfrutta żona ġeografika bil-għan li tipprovdi faċilitajiet ta' ajruporti jew ta' terminals oħra lit-trasportaturi tal-ajru

— Operatur tal-ajruport fit-tifsira tal-Airports Act 1986 li għandu t-tmexxija ta' ajruport suġġetta għar-regolazzjoni ekonomika taħt il-Parti IV ta' dak l-Att.

— Highland and Islands Airports Limited

— Operatur ta ajruport fit-tifsira tal-Airports (Northern Ireland) Order 1994

— BAA Ltd.

▼B

*L-ANNESS XI*

**LISTA TA' LEĠISLAZZJONI KOMUNITARJA RIFERITA FL-ARTIKOLU 30(3)**

A. TRASPORT JEW TQASSIM TA' GASS JEW SĦANA

Id-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 rigward regoli komuni għas-suq intern f'gass naturali ([1])

B. PRODUZZJONI, TRASMISSJONI JEW TQASSIM TA' L-ELETTRIKU

Id-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 rigward regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku ([2])

Ċ. PRODUZZJONI, TRASPORT JEW TQASSIM TA' ILMA TAX-XORB

—

D. ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' SERVIZZI TAL-FERROVIJA

—

E. ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' SERVIZZI URBANI TAL-FERROVIJA, TAT-TRAMMIJIET, TAT-*TROLLEYBUS* JEW TAL-*MOTOR BUS*

—

F. ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' SERVIZZI POSTALI

Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-Iżvilupp tas-suq intern f'servizzi postali Komunitarji u t-titjib fil-kwalità ta' servizz ([3])

G. ESPLORAZZJONI GĦAL U ESTRAZZJONI TA' ŻEJT JEW GASS

Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewoprew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospett (*prospection*), l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrocarboni ([4])

H. ESPLORAZZJONI GĦAL U ESTRAZZJONI TA' FAĦAM U KARBURANTI SOLIDI OĦRA

—

I. ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' PORT TAL-BAĦAR JEW INTERN JEW TAGĦMIR TA' *TERMINAL* IEĦOR

—

J. ENTITAJIET KONTRAENTI FIL-QASAM TA' STALLAZZJONIJIET TA' L-AJRUPORTI

—

([1]) ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 27, tat-30.1.1997, p. 20.
([3]) ĠU L 15, tal-21.1.1998, p. 14. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2002/39/KE (ĠU L 176, tal-5.7.2002, p. 21).
([4]) ĠU L 164, tat-30.6.1994, p. 3.

▼B

*L-ANNESS XII*

**LISTA TA' ATTIVITAJIET KIF DIKJARATI FL-ARTIKOLU 1(2), (b)** [1]

▼M6

| NACE [1] | | | | | Kodiċi CPV |
|---|---|---|---|---|---|
| SEZZJONI F | | | KOSTRUZZJONI | | |
| Diviżjoni | Grupp | Klassi | Suġġett | Noti | |
| 45 | | | Kostruzzjoni | Din id-diviżjoni tinkludi:<br>Kostruzzjoni ta' bini ġdid u xogħlijiet, restawrar u tiswijiet komuni | 45000000 |
| | 45.1 | | Preparazzjoni tas-sit | | 45100000 |
| | | 45.11 | Demolizzjoni u tifrik ta' bini; ċaqliq ta' l-art | Din il-klassi tinkludi:<br>— demolizzjoni ta' bini u strutturi oħra<br>— tindif ta' siti ta' bini<br>— ċaqliq ta' l-art: skavar, landfill, livellar u kklasifikar ta' siti ta' kostruzzjoni, tħaffr ta' trinek, tneħħija ta' blat, titjir etċ.<br>— preparazzjoni ta' sit għal tħaffir fil-minjieri:<br>— tneħħija ta' ġebel u żviluppi u preparazzjonijiet oħra ta' proprjetajiet u siti minerali<br><br>Din il-klassi tinkludi:<br>— dranaġġ tas-sit tal-bini<br>— dranaġġ ta' l-art agrikolu jew msaġġra | 45110000 |
| | | 45.12 | Drilling bi prova u tħaffir | Din il-klassi tinkludi:<br>— drilling bi prova, tħaffir bi prova u core sampling għal kostruzzjoni, ġeofiżika, ġeoloġika jew skopijiet similari<br>Din il-klassi teskludi:<br>— drilling ta' produzzjoni tal-bjar taż-żejt jew gass, ara 11.20<br>— drilling ta' bir ta' l-ilma, ara 45.25<br>— tħaffir ta' xaft, ara 45.25<br>— esplorazzjoni ta' l-art fejn jinsabu żejt u gass, ġeofiżika, ġeoloġiku u kejl sismiku, ara 74.20 | 45120000 |

[1] Fil-ka\ ta' kull differenza fl-interpretazzjoni bejn il-VKA u l-NACE, in-nomenklatura ta' l-NACE g]andha tapplika.

▼**M6**

| NACE ([1]) | | | | | Kodiċi CPV |
|---|---|---|---|---|---|
| SEZZJONI F | | | KOSTRUZZJONI | | |
| Diviżjoni | Grupp | Klassi | Suġġett | Noti | |
| | 45.2 | | Bini ta' kostruzzjonijiet kompleti jew partijiet tagħhom; inġinerija ċivili | | 45200000 |
| | | 45.21 | Kostruzzjoni ġenerali tal-bini u xogħlijiet ta' l-inġinerija ċivili | Din il-klassi tinkludi:<br>— kostruzzjoni tat-tipi kollha ta' binikostruzzjoni tal-kostruzzjonijiet ta' l-inġinerija ċivili:<br>— pontijiet, inkluż dawk għal toroq prinċipali elevati, vjadotti, mini u passaġġi taħt it-triq<br>— katusi li jġorru l-ilma f'distanzi kbar, komunikazzjoni fl-ibliet u kondutturi li jfornu forza elettrika; xogħlijiet anċillari fl-ibliet<br>— assemblaġġ u twaqqif ta' kostruzzjonijiet<br>— prefabbrikati fuq is-sit<br>Din il-klassi teskludi:<br>— attivitajiet ta' servizz inċidentali għall-estrazzjoni ta' żejt u gass, ara 11.20<br>— twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati kompleti minn partijiet immanifatturati minnhom infushom mhux tal-konkrit, ara diviżjonijiet 20, 26 u 28<br>— xogħol ta' kostruzzjoni, minbarra bini, għal stadji, pixxini, ġinnasji, kampijiet tat-tenis, korsijiet tal-golf u installazzjonijiet ta' sport oħra, ara 45.23<br>— installazzjonijiet tal-bini, ara 45.3<br>— kompletar ta' bini, ara 45.4<br>— attivitajiet arkitettorali u ta' l-inġinerija, ara 74.20<br>— maniġġjar tal-proġett għal kostruzzjoni, ara 74.20 | 45210000<br>Ħlief:<br>-45213316<br>45220000<br>45231000<br>45232000 |
| | | 45.22 | Twaqqif ta' kisi tal-bejt u oqfsa | Din il-klassi tinkludi:<br>— twaqqif ta' bjut<br>— kisi tal-bjut<br>— trattament biex ma jgħaddix l-ilma | 45261000 |

▼**M6**

| NACE ([1]) | | | | | Kodiċi CPV |
|---|---|---|---|---|---|
| SEZZJONI F | | | KOSTRUZZJONI | | |
| Diviżjoni | Grupp | Klassi | Suġġett | Noti | |
| | | 45.23 | Kostruzzjoni ta' toroq prinċipali, toroq, ajruporti u faċilitajiet ta' l-isports | Din il-klassi tinkludi:<br>— kostruzzjoni ta' toroq prinċipali, toroq pubbliċi, toroq, toroq oħra għall-vetturi u pedonali<br>— kostruzzjoni ta' toroq<br>— kostruzzjoni ta' ferroviji<br>— xogħol ta' kostruzzjoni, minbarra bini, għal stadji, pixxini, ġinnasji, kampijiet tat-tenis, korsijiet tal-golf u installazzjonijiet ta' sport oħra<br>— Sinjali fuq superfiċji tat-toroq u spazji għall-ipparkjar<br>Din il-klassi teskludi:<br>— ċaqliq ta' l-art preliminari, ara 45.11 | 45212212 u DA03<br>45230000<br>ħlief:<br>-45231000<br>-45232000<br>-45234115 |
| | | 45.24 | Kostruzzjoni ta' proġetti ta' l-ilma | Din il-klassi tinkludi:<br>kostruzzjoni ta':<br>— kanali ta' l-ilma, xogħlijiet fil-port u xmara, portijiet tal-pjaċir (marinas), digi, etċ<br>— digi u dykes<br>— tindif mill-ħama<br>— xogħol fis-sottosuperfiċje | 45240000 |
| | | 45.25 | Xogħol ta' kostruzzjoni ieħor li jinvolvi snajja speċjali | Din il-klassi tinkludi:<br>— attivitajiet ta' kostruzzjoni li jispeċjalizzaw f'aspett wieħed komuni għal tipi differenti ta' strutturi, li jeħtieġu snajja speċjalizzati jew apparat:<br>— kostruzzjoni ta' fondazzjonijiet, inkluż twaħħil ta' puntali fl-art<br>— drilling ta' bjar ta' l-ilma u<br>— kostruzzjoni, tħaffir ta' xaft<br>— twaqqif ta' elementi ta' l-azzar mhux immanifatturati minnhom infushom<br>— tgħawwiġ ta' l-azzar<br>— pjattaformi u pjattaformi ta'x-xogħol twaqqif u żmontar, inkluż kiri ta' pjattaformi u pjattaformi tax-xogħol<br>— twaqqif ta' ċmieni u fran industrijali<br>Din il-klassi teskludi:<br>— kiri ta' pjattaformi mingħajr twaqqif u żmontar, ara 71.32 | 45250000<br>45262000 |

▼**M6**

| NACE ([1]) | | | | | Kodiċi CPV |
|---|---|---|---|---|---|
| SEZZJONI F | | | KOSTRUZZJONI | | |
| Diviżjoni | Grupp | Klassi | Suġġett | Noti | |
| | 45.3 | | Installazzjoni ta' bini | | 45300000 |
| | | 45.31 | Installazzjoni ta' sistemi ta' wajers u tagħmir ta' l-elettriku | Din il-klassi tinkludi:<br>— installazzjoi fil-bini jew proġetti ta' kostruzzjoni oħra<br>— sistemi ta' wajers u tagħmir ta' l-elettriku<br>— sistemi ta' telekomunikazzjoni<br>— sistemi ta' tisħin elettriku<br>— antenni u arbli residenzali<br>— allarmi tan-nar<br>— sistemi ta' allarmi kontra s-serq<br>— lifts u skala mobbli<br>— kalamiti, eċċ. | 45213316<br>45310000<br>Ħlief:<br>45316000 |
| | | 45.32 | Attivitajiet ta' xogħol ta' iżolazzjoni | Din il-klassi tinkludi:<br>— installazzjoni fil-bini jew proġeti ta' kostruzzjoni oħra ta' iżolazzjoni termali, tal-ħoss jew vibrazzjoni<br>Din il-klassi teskludi:<br>— trattament biex ma jgħaddix l-ilma, ara 45. | 45320000 |
| | | 45.33 | Sistema ta' pajpijiet ta' l-ilma | Din il-klassi tinkludi:<br>— installazzjoni fil-bini jew proġetti ta' kostruzzjoni oħra ta':<br>— sistema ta' pajpijiet ta' l-ilma u apparat sanitarju<br>— tagħmir tal-gass<br>— tisħin, ventilazzjoni, tkessiħ jew apparat u tubi ta' kondizzjonar ta' l-arja<br>— sistemi ta' bexxiexa<br>Din il-klassi teskludi:<br>— installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin elettriku, ara 45.31 | 45330000 |
| | | 45.34 | Installazzjoni fil-bini oħra | Din il-klassi tinkludi:<br>— installazzjoni ta' sistemi ta' illuminazzjoni u sinjalar għal toroq, ferroviji, ajruporti u portijiet<br>— installazzjonijiet fil-bini jew proġetti ta' kostruzzjoni oħra ta' tagħmir u mobbli n.e.c. | 45234115<br>45316000<br>45340000 |

▼**M6**

| NACE ([1]) | | | | | Kodiċi CPV |
|---|---|---|---|---|---|
| SEZZJONI F | | | KOSTRUZZJONI | | |
| Diviżjoni | Grupp | Klassi | Suġġett | Noti | |
| | 45.4 | | Kompletar tal-bini | | 45400000 |
| | | 45.41 | Tikħil | Din il-klassi titnkludi:<br>— applikazzjoni fil-bini jew proġetti ta' kostruzzjoni oħra ta' ġibs ta' ġewwa u ta' barra jew stokk, inkluż materjali tat-torn relatati | 45410000 |
| | | 45.42 | Installazzjonijiet mill-mastrudaxxa | Din il-klassi tinkludi:<br>— installazzjoni ta' bibien, twieqi, oqfsa tal-bibien u twieqi, kċejjen tal-qjies, turġien, tagħmir tal-ħwienet u ta' dik ix-xorta, mhux immanifatturati minnhom infushom ta' l-injam jew materjali oħra<br>— Kompletar ta' ġewwa bħal soqfa, kisjiet ta' l-injam tal-ħitan, ħitan diviżorji mobbli, etċ.<br>Din il-klassi teskludi:<br>— tqegħid ta' parkett u kisi ta' l-injam ta' l-art oħra, ara 45.43 | 45420000 |
| | | 45.43 | Kisi ta' l-art u l-ħajt | Din il-klassi tinkludi:<br>— Tqegħid, kisi bil-madum, dendiel jew iffissar fil-bini jew proġetti ta' kostruzzjoni oħra ta':<br>— ċeramika, konkrit jew ħitan tal-ġebel għall-bini jew madum ta' l-artparkett u kisjiet ta' l-injam ta' l-art oħra<br>— tapiti u kisjiet ta' l-art tal-linolju, inklużi ta' gomma jew plastik<br>— terrazzo, rħam, art tal-granit jew tal-lavanja jew kisjiet tal-ħajt<br>— karta tal-ħajt | 45430000 |
| | | 45.44 | Tpinġija u tqegħid tal-ħġieġ fit-twieqi | Din il-klassi tinkludi:<br>— tpinġija ta' bini minn ġewwa u minn barra<br>— tpinġija ta' strutturi ta' inġinerija ċivili<br>— installazzjoni ta' ħġieġ, mirja, etċ.<br>Din il-klassi teskludi:<br>— installazzjoni ta' twieqi, ara 45.42 | 45440000 |

▼**M6**

| NACE ([1]) | | | | | Kodiċi CPV |
|---|---|---|---|---|---|
| SEZZJONI F | | | KOSTRUZZJONI | | |
| Diviżjoni | Grupp | Klassi | Suġġett | Noti | |
| | | 45.45 | Kompletar ta' bini ieħor | Din il-klassi tinkludi:<br>— installazzjoni ta' pixxini privati<br>— tindif bil-fwar, sand blasting u attivitajiet similari għal parti ta' barra tal-bini<br>— kompletar ta' bini ieħor u xogħol ta' rrfinar n.e.c.<br>Din il-klassi teskludi:<br>— tindif min ġewwa ta' bini jew strutturi oħra, ara 74.70 | 45212212 u DA04<br>45450000 |
| | 45.5 | | Kiri ta' apparat tal-kostruzzjoni jew demolizzjoni bl-operatur | | 45500000 |
| | | 45.50 | Kiri ta' apparat tal-kostruzzjoni jew demolizzjoni bl-operatur | Din il-klassi teskludi:<br>— kiri ta' makkinarju u apparat għal kostruzzjoni jew demolizzjoni mingħajr operaturi, ara 71.32 | 45500000 |

([1]) Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 fuq il-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (ĠU L 293, 24.10.1990, p. 1). Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 761/93 ta' l-24 ta' Marzu 1993 (ĠU L 83, 3.4.1993, p. 1).

▼B

*ANNESS XIII*

**TAGĦRIF LI JRID JIĠI INKLUŻ FL-AVVIŻI TA' KUNTRATTI:**

A. PROĊEDURI MIFTUĦA

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-telex u tal-fax ta' l-entità kontraenti.

2. Fejn xieraq, iddikjara jekk il-kuntratt huwiex riservat għal workshops protetti u jekk it-twettieq tiegħu huwiex riservat fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjieg.

3. In-natura tal-kuntratt (provvista, xogħlijiet jew servizz, fejn ikun xieraq, iddikjara jekk huwiex qafas ta' ftehim jew sistema dinamika ta' xiri).

   Kategorija ta' servizz fit-tifsira ta' l-Anness XVII A jew XVII B u d-deskrizzjoni (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

   Fejn xieraq, iddikjara jekk l-offerti humiex mitluba għax-xiri, kiri b'self, kiri jew xiri bin-nifs jew xi kombinazzjoni ta' dawn.

4. Post ta' twassil, lok jew post ta' twettieq tas-servizz.

5. Għal provvisti u xogħlijiet:

   (a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li trid tiġi provduta (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura), inkluż kull għażla għal aktar akwist u, jekk ikun possibbli, il-ħin stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll in-numru ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jerġgħu jseħħu, anke, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien (timing) tas-sejħat sussegwenti għal kompetizzjoni għall-merkanzija li trid tiġi miġbura jew in-natura u l-punt safejn is-servizzi jridu jiġu provduti u n-natura ġenerali tax-xogħol (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura);

   (b) Indikazzjoni ta' jekk il-provvedituri jistgħux joffru għal xi merkanzija u/jew il-merkanzija kollha meħtieġa.

   Jekk, għal kuntratti tax-xogħlijiet, ix-xogħol jew il-kuntratt huwa mqassam f'numru ta' lottijiet, l-ordni ta' daqs tal-lottijiet differenti u l-possibilta ta' offerta għal wieħed, għal numru jew għall-lottijiet kollha.

   (ċ) Għal kuntratti ta' xogħlijiet: tagħrif dwar il-għan tax-xogħol jew il-kuntratt fejn dan ta' l-aħħar jinvolvi wkoll it-tfassil ta' proġetti.

6. Għal servizzi:

   (a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li trid tiġi provduta, inkluż kull għażla għal aktar akwist u, jekk ikun possibbli, l-ħin stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll in-numru ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jistgħu jerġgħu jseħħu, anke, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien (timing) tas-sejħat sussegwenti għal kompetizzjoni għas-servizzi li jridu jinġabru;

   (b) Indikazzjoni ta' jekk it-twettieq tas-servizz huwiex riservat minn liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

   (ċ) Riferenza tal-liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva;

   (d) Indikazzjoni ta' jekk persuni legali għandhomx jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali ta' l-istaff li se jkun responsabbli għat-twettieq tas-servizz;

   (e) Indikazzjoni ta' jekk provvedituri tas-servizz jistgħux joffru għal parti mis-servizzi konċernati.

▼B

7. Fejn magħruf, indikazzjoni ta' jekk awtorizzazzjoni biex jiġu sottomessi varjanti teżistix jew le.

8. Limiti ta' żmien għat-twassil jew it-tlestija jew it-tul ta' żmien ta' kuntratt ta' servizz u, safejn ikun possibbli, id-data tal-bidu.

9. (a) Indirizz mill-liema d-dokumenti tal-kuntratt u dokumenti addizzjonali jisgħtu jintablu;

   (b) Fejn xieraq, l-ammont u t-termini ta' ħlas tas-somma li trid titħallas biex jinkisbu dawn id-dokumenti.

10. (a) Data finali għall-irċevuta ta' offerti jew offerti indikattivi fejn sistema dinamika ta' xiri hija introdotta;

    (b) Indirizz fejn għandhom jintbagħtu;

    (ċ) Lingwa jew lingwi li fihom għandhom jitfasslu.

11. (a) Fejn applikabbli, l-persuni awtorizzati li jkun preżenti fil-ftuħ ta' offerti;

    (b) Id-data, il-ħin u l-post ta' dan l-ftuħ.

12. Fejn applikabbli, kull depożitu u garanzija meħtieġa.

13. Termini prinċipali rigward finanzjament u ħlas u/jew riferenzi għad-dispożizzjonijiet li fihom dawn huma miżmuma.

14. Fejn xieraq, il-formola legali li trid tittieħed mill-gruppi ta' operaturi ekonomiċi li lilhom jingħata l-kuntratt.

15. Kundizzjonijiet minimi ekonomiċi u tekniċi meħtieġa mill-operatur ekonomiku li lilu jingħata l-kuntratt.

16. Perjodu li matulu l-persuna li tagħmel l-offerti hija marbuta li żżomm l-offerta tagħha miftuħa.

17. Fejn xieraq, kundizzjonijiet partikolari li għalihom hija suġġetta twettieq tal-kuntratt.

18. Kriterji riferiti fl-Artikolu 55 li jridu jintużaw għall-għoti tal-kuntratt: "il-prezz l-aktar baxx" jew "l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament". Kriterji li jirrappreżentaw l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament kif ukoll it-tweżin tagħhom jew, fejn ikun xieraq, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji għandhom jissemmew fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet.

19. Fejn xieraq, ir-riferenza għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-avviż perjodiku ta' tagħrif jew ta' l-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fuq il-profil tax-xerrej li għalih jirreferi l-kuntratt.

20. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn xieraq, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward limiti ta' żmien biex jiġu depożitati appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-fax u l-indirizz ta' l-e-mail tad-dipartiment li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

21. Id-data ta' dispaċċ ta' l-avviż mill-entità kontraenti.

22. Id-data ta' rċevuta ta' l-avviż mill-Uffiċċju għal Pubblikazzjonijiet *Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (li trid tiġi provvduta minn dak l-Uffiċċju).

23. Kull tagħrif rilevanti ieħor.

B. PROĊEDURI RISTRETTI

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-telex u tal-fax ta' l-entità kontraenti.

2. Fejn xieraq, iddikjara jekk il-kuntratt huwiex riservat għal workshops protetti u jekk it-twettieq tiegħu huwiex riservat fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjieg.

3. In-natura tal-kuntratt (provvista, xogħlijiet jew servizz; fejn ikun xieraq, iddikjara jekk huwiex qafas ta' ftehim).

   Kategorija ta' servizz fit-tifsira ta' l-Anness XVII A jew XVII B u d-deskrizzjoni (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

▼B

Fejn xieraq, iddikjara jekk l-offerti humiex mitluba għax-xiri, kiri b'self, kiri jew xiri bin-nifs jew xi kombinazzjoni ta' dawn.

4. Post ta' twassil, lok jew post ta' twettieq tas-servizz.

5. Għal provvisti u xogħlijiet:

   (a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li trid tiġi provvduta (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura), inkluż kull għażla għal aktar akwist u, jekk ikun possibbli, il-ħin stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll in-numru ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jerġgħu jseħħu, anke, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien (timing) tas-sejħat sussegwenti għal kompetizzjoni għall-merkanzija li trid tiġi miġbura jew in-natura u l-punt safejn is-servizzi jridu jiġu provvduti u n-natura ġenerali tax-xogħol (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura);

   (b) Indikazzjoni ta' jekk il-provvedituri jistgħux joffru għal xi merkanzija u/jew il-merkanzija kollha meħtieġa.

   Jekk, għal kuntratti tax-xogħlijiet, ix-xogħol jew il-kuntratt huwa mqassam f'numru ta' lottijiet, l-ordni ta' daqs tal-lottijiet differenti u l-possibilta ta' offerta għal wieħed, għal numru jew għall-lottijiet kollha.

   (ċ) Tagħrif rigward l-għan tax-xogħol jew il-kuntratt fejn dan ta' l-aħħar jinvolvi wkoll it-tfassil ta' proġetti.

6. Għal servizzi:

   (a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li trid tiġi provduta, inkluż kull għażla għal aktar akkwisti u, jekk ikun possibbli, l-ħin stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll in-numru ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jistgħu jerġgħu jseħħu, anke, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien (timing) tas-sejħat sossegwenti għal kompetizzjoni għas-servizzi li jridu jinġabru;

   (b) Indikazzjoni ta' jekk it-twettieq tas-servizz huwiex riservat minn liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

   (ċ) Riferenza għal-liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva;

   (d) Indikazzjoni ta' jekk persuni legali għandhomx jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali ta' l-*istaff* li se jkun responsabbli għat-twettieq tas-servizz;

   (e) Indikazzjoni ta' jekk provvedituri tas-servizz jistgħux joffru għal parti mis-servizzi konċernati.

7. Fejn magħruf, indikazzjoni ta' jekk awtorizzazzjoni biex jiġu sottomessi varjanti teżistix jew le.

8. Limiti ta' żmien għat-twassil jew it-tlestija jew it-tul ta' żmien ta' kuntratt ta' servizz u, safejn ikun possibbli, għall-bidu.

9. Fejn xieraq, il-formola legali li trid tittieħed mill-gruppi ta' operaturi ekonomiċi li lilhom jingħata l-kuntratt.

10. (a) Id-data finali għall-irċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni;

    (b) Indirizz fejn għandhom jintbagħtu;

    (ċ) Lingwa jew lingwi li fihom għandhom jitfasslu.

11. Id-data finali għad-dispaċċ ta' stediniet għall-offerta.

12. Fejn applikabbli, kull depożitu u garanzija meħtieġa.

13. Termini prinċipali rigward finanzjament u ħlas u/jew riferenzi għad-dispożizzjonijiet li fihom dawn huma miżmuma.

14. Tagħrif rigward il-posizzjoni ta' l-operatur ekonomiku u l-kondizzjonijiet minimi ekonomiċi u tekniċi meħtieġa minnu.

▼B

15. Kriterji riferiti fl-Artikolu 55 li jridu jintużaw għall-għoti tal-kuntratt: "il-prezz l-aktar baxx" jew "l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament". Kriterji li jirrappreżentaw l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament kif ukoll it-tweżin tagħhom jew, fejn ikun xieraq, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji għandhom jissemmew fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet jew m'humiex se jiġu nklużi fl-istedina għall-offerti.

16. Fejn xieraq, kondizzjonijiet partikolari li għalihom hija suġġetta twettieq tal-kuntratt.

17. Fejn xieraq, ir-riferenza għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-avviż perjodiku ta' tagħrif jew ta' l-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fuq il-profil tax-xerrej li għalih jirreferi l-kuntratt.

18. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn xieraq, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward limiti ta' żmien biex jiġu depożitati appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-fax u l-indirizz ta' l-e-mail tas-servizz li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

19. Id-data ta' dispaċċ ta' l-avviż mill-entitajiet kontraenti.

20. Id-data ta' rċevuta ta' l-avviż mill-Uffiċċju għal Pubblikazzjonijiet *Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (li trid tiġi provvduta minn dak l-Uffiċċju).

21. Kull tagħrif rilevanti ieħor.

Ċ. PROĊEDURI NEGOZJATI

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-telex u tal-fax ta' l-entità kontraenti.

2. Fejn xieraq, iddikjara jekk il-kuntratt huwiex riservat għal workshops protetti u jekk it-twettieq tiegħu huwiex riservat fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjieg.

3. In-natura tal-kuntratt (provvista, xogħlijiet jew servizz; fejn ikun xieraq, iddikjara jekk huwiex qafas ta' ftehim).

   Kategorija ta' servizz fit-tifsira ta' l-Anness XVII A jew XVII B u d-deskrizzjoni (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

   Fejn xieraq, iddikjara jekk l-offerti humiex mitluba għax-xiri, kiri b'self, kiri jew xiri bin-nifs jew xi kombinazzjoni ta' dawn.

4. Post ta' twassil, lok jew post ta' twettieq tas-servizz.

5. Għal provvisti u xogħlijiet:

   (a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li trid tiġi provduta (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura), inkluż kull għażla għal aktar akwist u, jekk ikun possibbli, il-ħin stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll in-numru ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jerġgħu jseħħu, anke, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien (timing) tas-sejħat sussegwenti għal kompetizzjoni għall-merkanzija li trid tiġi miġbura jew in-natura u l-punt safejn is-servizzi jridu jiġu provduti u n-natura ġenerali tax-xogħol (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura);

   (b) Indikazzjoni ta' jekk il-provvedituri jistgħux joffru għal xi merkanzija u/jew il-merkanzija kollha meħtieġa.

   Jekk, għal kuntratti tax-xogħlijiet, ix-xogħol jew il-kuntratt huwa mqassam f'numru ta' lottijiet, l-ordni ta' daqs tal-lottijiet differenti u l-possibilta ta' offerta għal wieħed, għal numru jew għall-lottijiet kollha.

   (ċ) Għal kuntratti ta' xogħlijiet: tagħrif dwar il-għan tax-xogħol jew il-kuntratt fejn dan ta' l-aħħar jinvolvi wkoll it-tfassil ta' proġetti.

▼B

6. Għal servizzi:

   (a) In-natura u l-kwantità tal-merkanzija li trid tiġi provduta, inkluż kull għażla għal aktar akwist u, jekk ikun possibbli, il-ħin stmat disponibbli biex jiġu eżerċitati dawn l-għażliet kif ukoll in-numru ta' tiġdidiet, jekk ikun hemm. Fil-każ ta' kuntratti li jistgħu jerġgħu jseħħu, anke, jekk ikun possibbli, stima tat-teħid ta' żmien (timing) tas-sejħat sussegwenti għal kompetizzjoni għas-servizzi li jridu jinġabru;

   (b) Indikazzjoni ta' jekk it-twettieq tas-servizz huwiex riservat minn liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

   (ċ) Riferenza tal-liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva;

   (d) Indikazzjoni ta' jekk persuni legali għandhomx jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali ta' l-istaff li se jkun responsabbli għat-twettieq tas-servizz;

   (e) Indikazzjoni ta' jekk provvedituri tas-servizz jistgħux joffru għal parti mis-servizzi konċernati.

7. Fejn magħruf, indikazzjoni ta' jekk awtorizzazzjoni biex jiġu sottomessi varjanti teżistix jew le.

8. Limiti ta' żmien għat-twassil jew it-tlestija jew it-tul ta' żmien ta' kuntratt ta' servizz u, safejn ikun possibbli, għall-bidu.

9. Fejn xieraq, il-formola legali li trid tittieħed mill-gruppi ta' operaturi ekonomiċi li lilhom jingħata l-kuntratt.

10. (a) Id-data finali għall-irċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni;

    (b) Indirizz fejn għandhom jintbagħtu;

    (ċ) Lingwa jew lingwi li fihom għandhom jitfasslu.

11. Fejn xieraq, kull depożitu u garanzija meħtieġa.

12. Termini prinċipali rigward finanzjament u ħlas u/jew riferenzi għad-dispożizzjonijiet li fihom dawn huma miżmuma.

13. Tagħrif rigward il-posizzjoni ta' l-operatur ekonomiku u l-kondizzjonijiet minimi ekonomiċi u tekniċi meħtieġa minnu.

14. Kriterji riferiti fl-Artikolu 55 li jridu jintużaw għall-għoti tal-kuntratt: "il-prezz l-aktar baxx" jew "l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament". Kriterji li jirrappreżentaw l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament kif ukoll it-tweżin tagħhom jew, fejn ikun xieraq, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji għandhom jissemmew fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet jew mhumiex se jiġu nklużi fl-istedina għan-negozjar.

15. Fejn xieraq, l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-operaturi ekonomiċi diġa magħżula mill-entità kontraenti.

16. Fejn xieraq, id-data(i) ta' pubblikazzjonijiet minn qabel fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

17. Fejn xieraq, kundizzjonijiet partikolari li għalihom hija suġġetta twettieq tal-kuntratt.

18. Fejn xieraq, ir-riferenza għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-avviż perjodiku ta' tagħrif jew ta' l-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fuq il-profil tax-xerrej li għalih jirreferi l-kuntratt.

19. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn xieraq, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward limiti ta' żmien biex jiġu depożitati appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-fax u l-indirizz ta' l-e-mail tas-servizz li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

20. Id-data ta' dispaċċ ta' l-avviż mill-entità kontraenti.

▼B

21. Id-data ta' rċevuta ta' l-avviż mill-Uffiċċju għal Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (li trid tiġi provvduta minn dak l-Uffiċċju).

22. Kull tagħrif rilevanti ieħor.

D. AVVIŻ SIMPLIFIKAT TA' KUNTRATT GĦALL-UŻU F'SISTEMA DINAMIKA TA' XIRI [1]

1. Pajjiż ta' l-entità kontraenti.

2. Isem u indirizz ta' l-e-mail ta' l-entità kontraenti.

3. Riferenza ta' pubblikazzjoni ta' l-avviż tal-kuntratt dwar is-sistema dinamika ta' xiri.

4. L-indirizz ta' l-e-mail li fih id-dokumenti tal-kuntratt u dokumenti addizzjonali li għandhom x'jaqsmu mas-sistema dinamika ta' xiri huma disponibbli.

5. Il-kontenut tas-suġġett tal-kuntratt: id-deskrizzjoni permezz ta' numru(i) ta' riferenza ta' nomenklatura tal-VKA u l-kwantità jew the extent tal-kuntratt li se jingħata.

6. Perjodu ta' żmien (timeframe) għas-sottomissjoni ta' offerti indikattivi.

[1] Bil-ħsieb ta' dħul fis-sistema sabiex sussegwentement tkun possibbli parteċipazzjoni fl-istedina għall-offerti għall-kuntratt speċifiku.

▼B

*ANNESS XIV*

**TAGHRIF LI JRID JIĠI NKLUŻ FL-AVVIŻ DWAR L-EŻISTENZA TA' SISTEMA TA' KWALIFIKA**

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-*telex* u tal-*fax* ta' l-entità kontraenti.

2. Fejn xieraq, iddikjara jekk il-kuntratt huwiex riservat għal *workshops* protetti u jekk it-twettieq tiegħu huwiex riservat fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjieg.

3. Għan tas-sistema ta' kwalifika (deskrizzjoni tal-merkanzija, servizzi jew xogħlijiet jew kategoriji tagħhom li jridu jinġabru permezz tan-Nru(i) ta' riferenza tas-sistema tan-nomenklatura).

4. Kondizzjonijiet li jridu jitwettqu minn operaturi ekonomiċi minħabba fil-kwalifika tagħhom skond is-sistema u l-metodi skond liema kull waħda minn dawn il-kondizzjonijiet se jiġu verifikati. Fejn id-deskrizzjoni ta' dawn il-kondizzjonijiet u metodi ta' verifika hija voluminusa u hija bażata fuq dokumenti disponibbli għal operaturi ekonomiċi interessati, sommarju tal-kondizzjonijiet u metodi ewlenija u riferenza għal dawk id-dokumenti għandhom ikunu suffiċjenti.

5. Perjodu ta' validita tas-sistema ta' kwalifika u l-formalitajiet għar-renovazzjoni tagħha.

6. Riferenza għall-fatt li l-avviż jaġixxi bħala s-sejħa għal kompetizzjoni.

7. Indirizz fejn aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' kwalifika għandhom jinkisbu (jekk ikunu differenti mill-indirizzi msemmija taħt 1).

8. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn xieraq, proċeduri ta' medjazzjoni. Tagħrif preċiż rigward limiti ta' żmien biex jiġu depożitati appelli, jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz ta' l-*e-mail* tas-servizz li minnu jista' jinkiseb dan it-tagħrif.

9. Fejn magħruf, kriterji riferiti fl-Artikolu 55 li jridu jintużaw għall-għoti tal-kuntratt: "il-prezz l-aktar baxx" jew "l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament". Kriterji li jirrappreżentaw l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament kif ukoll it-tweżin tagħhom jew, fejn ikun xieraq, l-ordni ta' importanza ta' dawn il-kriterji, għandhom jissemmew fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet jew m'humiex se jiġu nklużi fl-istedina għall-offerti jew għan-negozjar.

10. Kull tagħrif rilevanti ieħor.

▼B

*ANNESS XV A*

## A. TAGĦRIF LI JRID JIĠI INKLUŻ FL-AVVIŻ PERJODIKU INDIKATTIV

I. INTESTATURI LI JRIDU JITLESTEW FIL-KAŻIJIET KOLLHA

1. Isem, indirizz, indirizz telegrafiku, indirizz elettroniku, numru tat-telefon, numru tat-*telex* u tal-*fax* ta' l-entità kontraenti jew is-servizz mill-liema t-tagħrif addizzjonali jista' jinkiseb.

2. (a) Għal kuntratti ta' provvista: in-natura u l-kwantità jew il-valur tas-servizzi jew il-prodotti li jridu jiġu provvduti (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

   (b) Għal kuntratti ta' xogħlijiet: n-natura u l-kobot tas-servizzi li jridu jiġu provvduti, il-karatteristiċi ġenerali tax-xogħol jew tal-lott-ijiet b'riferenza għax-xogħol (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

   (ċ) Għal servizzi ta' kuntratti: akkwist totali maħsub f'kull waħda mill-kategoriji ta' servizz imniżżla f'lista fl-Anness XVII A (Nru(i) ta' riferenza tan-nomenklatura).

3. Id-data ta' dispaċċ ta' l-avviż jew ta' dispaċċ ta' l-avviż tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż dwar il-profil tax-xerrej.

4. Id-data ta' rċevuta ta' l-avviż mill-*Uffiċċju għal Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (li trid tiġi provvduta minn dak l-Uffiċċju).

5. Kull tagħrif rilevanti ieħor.

II. TAGĦRIF LI GĦANDU JIĠI PROVDUT FEJN L-AVVIŻ HUWA WŻAT BĦALA MEZZ TA' SEJĦA GĦAL KOMPETIZZJONI JEW JIPPERMETTI T-TNAQQIS TAL-LIMITI TA' ŻMIEN GĦALL-IRĊEVUTA TA' L-OFFERTI

6. Riferenza għall-fatti li provvedituri interessati għandhom javżaw lill-entità bl-interess tagħhom fil-kuntratt jew kuntratti.

7. Fejn xieraq, iddikjara jekk il-kuntratt huwiex riservat għal *workshops* protetti u jekk it-twettieq tiegħu huwiex riservat fil-kuntest ta' programmi protetti ta' impjieg.

8. Limitu ta' żmien għall-irċevuta ta' applikazzjonijiet għal stedina għall-offerti jew għan-negozjar.

